ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 280

Edizzjoni bil-Malti

Volum 56

27 ta' Settembru 2013

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**Il-102 Sessjoni Plenarja tat-3 u l-4 ta' Lulju 2013**

2013/C 280/01 Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-prijoritajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2014 abbażi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea" ..... 1

2013/C 280/02 Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-tisħiħ tal-unjoni ekonomika u monetarja" ..... 6

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**Il-102 Sessjoni Plenarja tat-3 u l-4 ta' Lulju 2013**

2013/C 280/03 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-ħaddiema transfruntiera: valutazzjoni tas-sitwazzjoni wara għoxrin sena tas-suq intern: problemi u perspettivi" ..... 8

2013/C 280/04 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Valutazzjoni tal-impatt territorjali" ..... 13

MT

**Prezz:**
**EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 280/05 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-istrateġija ta' ċibersigurtà" ... 19

2013/C 280/06 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Bliet u komunitajiet intelliġenti — sħubija Ewropea għall-innovazzjoni" ... 27

2013/C 280/07 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Pjan ta' azzjoni għas-saħħa elettronika 2012–20 — kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21" ... 33

2013/C 280/08 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti" ... 38

2013/C 280/09 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Ir-reviżjoni tal-miri prinċipali tal-unjoni ewropea b'rabta mal-iskart" ... 44

---

## III *Atti preparatorji*

### IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**Il-102 Sessjoni Plenarja tat-3 u l-4 ta' Lulju 2013**

2013/C 280/10 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-tnaqqis fl-ispejjeż marbutin mal-użu tal-broadband" ... 50

2013/C 280/11 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati" ... 57

2013/C 280/12 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Enerġija nadifa għat-trasport" ... 66

MT

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## IL-102 SESSJONI PLENARJA TAT-3 U L-4 TA' LULJU 2013

### Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-prijoritajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2014 abbażi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea"

(2013/C 280/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2013 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2012 dwar il-Prioritajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-2013 abbażi tal-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni, iffirmat fis-16 ta' Frar 2012,

**L-Unjoni fl-2014**

1. jara l-2014 bħala sena ta' bidliet deċiżivi għall-Unjoni Ewropea li ser tkun immarkata mill-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-ħatra ta' Kummissjoni ġdida, il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014-2020 taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid, ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-kontinwazzjoni tal-ħidma sabiex tiġi kkompletata u tissaħħaħ l-unjoni ekonomika u monetarja;

2. iqis li l-isfidi prinċipali għall-UE fl-2014 ser ikunu: il-ġenerazzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi permezz tat-trasformazzjoni tal-ekonomiji tagħna għal futur sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; it-tisħiħ taċ-ċittadinanza tal-UE, b'mod partikolari fil-mument kruċjali tal-elezzjonijiet Ewropej u l-ksib mill-ġdid tal-fiduċja fil-proġett Ewropew bil-għan li tingħata spinta lil-"leġittimità demokratika" tal-UE, liema ħaġa titlob sforzi kontinwi biex jiġu difiżi l-valuri fundamentali tal-UE kontra l-erożjoni mill-forzi populisti u antidemokratiċi;

3. jinsab imħasseb li l-livell ta' attività tal-Kummissjoni Ewropea jista' jintlaqat mill-fatt li l-mandat daqt jispiċċa filwaqt li hemm bżonn ta' azzjoni urġenti f'numru vast ta' oqsma;

4. ifakkar li fl-okkażjoni tal-20 anniversarju, il-Kumitat tar-Reġjuni beħsiebu jwettaq proċess ta' riflessjoni dwar kif jista' jsaħħaħ ir-rwol istituzzjonali u politiku tiegħu;

5. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq rapport dwar l-istat attwali tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-futur tal-Ewropa, inklużi r-riżultati tad-dibattiti maċ-ċittadini fis-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013; barra minn hekk, bħala parti mid-dibattitu li għandu l-għan li terġa' tinħoloq rabta maċ-ċittadini, huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex fl-2014 tibda tħejji r-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej;

**L-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-finanzi pubbliċi**

6. jitlob lill-Kummissjoni tressaq malajr kemm jista' jkun il-proposti tagħha dwar abbozz ta' regolament li jwaqqaf Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, u dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet marbutin mar-riforma strutturali tas-settur bankarju;

([1]) COM(2012) 629 final.
([2]) CdR 2204/2012.

7. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta biex tiġi kkunsidrata mill-ġdid is-sistema tat-Trojka bil-għan li jiġi garantit skrutinju demokratiku u r-responsabbiltà tagħha fil-konfront tal-Parlament Ewropew;

8. jitlob li jerġgħu jinfetħu n-negozjati dwar id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti b'mod parallel mal-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment;

9. jinnota l-introduzzjoni b'suċċess tal-bonds tal-proġetti fis-suq fil-kuntest tal-fażi pilota li għaddejja bħalissa u jitlob li din l-inizjattiva tiġi estiża għall-perjodu kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2014-2020) u għal oqsma oħra ta' politika apparti l-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni; jipproponi li l-ambitu ta' parteċipazzjoni jiġi estiż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) bil-għan li l-fondi għall-investiment reġjonali jiġu trasmessi lejn l-SMEs u tissaħħaħ l-industrija Ewropea tal-kapital ta' riskju bbażata fuq ir-reġjuni;

10. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni u l-iżvilupp tal-finanzi pubbliċi fil-livell reġjonali u lokali fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-Unjoni Monetarja Ewropea;

**L-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew**

11. iqis li s-sitwazzjoni attwali mhux sodisfaċenti tal-Istrateġija Ewropa 2020 s'issa hija dovuta mhux biss għall-kriżi ekonomika u n-nuqqas ta' ambizzjoni tal-Istati Membri iżda wkoll għan-nuqqas ta' involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġija u, b'mod aktar ġenerali, għan-nuqqas ta' dimensjoni territorjali ġenwina fl-Istrateġija Ewropa 2020;

12. jappella lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi malajr qafas għar-reviżjoni tagħha ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020, li tmur lil hinn mill-intenzjoni stipulata tagħha li tniedi metodoloġija;

13. ifakkar li huwa qiegħed jissorvelja kontinwament il-progress li sar fl-inizjattivi ewlenin kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020 u diġà qiegħed jaħdem fuq valutazzjoni ta' nofs it-term minn perspettiva lokali u reġjonali;

14. jikkundanna l-fatt li la l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u lanqas ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ma għamlu referenza għall-bżonn ta' approċċ ibbażat fil-lokal u għal sħubija f'diversi livelli fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020. Huwa jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tissodisfa l-obbligi tagħha li tiżgura li l-Istati Membri jibnu sħubijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riforma;

**Is-suq uniku u l-politika industrijali**

15. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tidentifika u tagħti prijorità lill-funzjonament tas-suq uniku lil dawk l-oqsma li l-aktar li jistgħu jiġġeneraw innovazzjoni u joħolqu impjiegi ta' kwalità;

16. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel proposti għal politika industrijali Ewropea bħala waħda mill-pilastri tal-proġett Ewropew u li din għandha tiġi ttrattata bħala prijorità politika ġenwina fuq l-istess livell politiku tal-koeżjoni, l-infrastruttura u l-agrikoltura;

17. jappoġġja l-proposta tal-Parlament Ewropew sabiex jinħoloq grupp ta' tmexxija dwar il-politika industrijali sabiex jingħaqdu flimkien il-poteri Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u r-riżorsi li attwalment jinsabu mxerrda mal-livelli u s-setturi kollha;

18. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkonsulta formalment lill-KtR fit-tħejjija tal-linji gwida l-ġodda li jirregolaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat;

19. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi l-iżvilupp tal-pjani ta' azzjoni reġjonali għall-innovazzjoni inkluż ukoll l-iżvilupp industrijali;

20. jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel segwitu tal-Komunikazzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 billi tanalizza aktar l-ostakli reali li jiffaċċjaw l-intraprendituri żgħażagħ u jħeġġeġ li jkun hemm aktar skambju u possibbiltajiet transkonfinali għalihom;

**Il-politika ta' koeżjoni u t-trasport**

21. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprepara White Paper dwar il-koeżjoni territorjali li għandha tanalizza l-konnessjoni bejn l-Aġenda Territorjali 2020 u l-Istrateġija Ewropa 2020 kif ukoll l-impatt territorjali ex post tal-politika ta' koeżjoni fl-2007-2013;

22. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel rapport dwar jekk l-awtoritajiet lokali u reġjonali kinux involuti b'mod strutturat u f'waqtu fl-abbozzar tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi għall-2014-2020, b'konformità mal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli li jinsabu fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni kif ukoll fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija;

23. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika gwida prattika u faċli biex tintuża għall-partijiet interessati lokali dwar kif għandhom jintużaw il-fondi strutturali l-ġodda hekk kif jiġu adottati r-regolamenti l-ġodda;

24. fir-rigward tal- Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, għandu preokkupazzjonijiet serji dwar il-fondi insuffiċjenti għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni li jmiss u l-konċentrazzjoni tiegħu fl-2014/2015, liema ħaġa tixħet dubju fuq is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tiegħu. Għalhekk, jitlob b'mod partikolari li jiġi emendat l-Artikolu 9f tar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali sabiex titneħħa l-limitazzjoni esplicita tal-intestatura baġitarja l-ġdida tal-Inizjattiva għal EUR 3 biljun. Dan ikun meħtieġ b'mod partikolari biex jiġi evitat li, wara l-2016, ikun hemm konċentrazzjoni eċċessiva tal-programmi li huma kritiċi għall-koeżjoni, bħall-programmi dwar il-kooperazzjoni transkonfinali jew partijiet mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

25. ser jikkoopera mal-Kummissjoni Ewropea sabiex ir-REKT jiġi integrat fil-politiki tal-UE, kif iddikjarat fil-ftehim fis-seħħ bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi l-użu tar-REKT fl-implimentazzjoni tal-Politika dwar il-Viċinat; il-KtR ser jesplora l-possibbiltajiet sabiex jitwaqqfu REKT mal-pajjiżi msieħba tal-viċinat permezz tal-ARLEM u l-CORLEAP;

26. jistieden lill-Kummissjoni tipprepara Komunikazzjoni dwar il-mobbiltà f'reġjuni li għandhom sfidi ġeografiċi u demografiċi;

**L-impjieg u l-inklużjoni soċjali u l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medja**

27. fil-kuntest tal-livell għoli ta' qgħad f'ħafna Stati Membri, li huwa partikolarment sever għaż-żgħażagħ, jappoġġja l-isforzi li saru sabiex tingħata Garanzija għaż-Żgħażagħ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tkompli tiżviluppa dan il-qasam u toħroġ rapport dwar il-progress matul l-2014;

28. jappella li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi "Patt ta' Investiment Soċjali" kif mitlub ukoll mill-Parlament Ewropew;

29. jemmen li hemm bżonn ta' ċertezza legali ikbar għall-attivitajiet fl-ekonomija soċjali u f'dan il-kuntest jappella għal statut ta' impriża mutwa Ewropea;

30. fid-dawl tal-potenzjal tal-SMEs li joħolqu l-impjiegi fil-livell lokali u reġjonali u sabiex dawn jiġu megħjuna jiffaċċjaw il-kriżi persistenti, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tkompli tħeġġeġ aktar lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex isellfu u jinvestu fl-SMEs bħala mezz kif jiżguraw is-sopravivenza tagħhom kif ukoll jippromovu t-tkabbir tagħhom. Għal dan il-għan, jistenna li jintlaħaq ftehim mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju dwar il-proposti għall-"pjan ta' investiment" il-ġdid, u jħeġġeġ investimenti ġodda f'innovazzjoni miftuħa u start-ups intraprenditorjali;

31. jitlob lill-Kummissjoni tissokta bl-isforzi tagħha biex tissemplifika u timminimizza l-piż regolatorju għall-SMEs fl-ambitu tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), u jitlobha wkoll biex, permezz ta' konsultazzjonijiet regolari mal-SMEs, tidentifika l-liġijiet tal-UE u l-oqsma ta' leġislazzjoni li huma jqisu li huma l-aktar ta' piż (l-inizjattiva "Top Ten");

32. jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa approċċ politiku ġdid iffukat fuq l-intraprenditorija u strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, kif ukoll skoperti intraprenditorjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, mill-iskejjel tal-primarja sal-iskejjel vokazzjonali u l-universitajiet; l-enfasi għandha ssir fuq kif l-Ewropej – mill-mexxejja lokali u reġjonali sal-industrijalisti u l-intraprendituri tal-istart-ups – jistgħu jinteraġixxu mal-istudenti fl-iskejjel tal-primarja sabiex isiru iżjed intraprenditorjali fl-attitudni tagħhom u l-attivitajiet ta' kuljun sa minn età żgħira ħafna;

33. jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar l-informazzjoni lill-ħaddiema, il-konsultazzjoni tagħhom, l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturazzjoni, kif deskritt fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2013;

34. jappella lill-Kummissjoni toħroġ rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali tal-gvern;

**Il-ġustizzja u l-affarijiet interni**

35. jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ikomplu jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u b'mod speċifiku fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil kif ukoll fil-ġlieda li qed issir bħalissa kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u l-protezzjoni tal-vittmi;

36. itenni l-impenn tiegħu għas-sħubija strateġika offruta mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012 permezz tal-Aġenda Ewropea riveduta dwar l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u d-djalogu ta' politika mwettaq fi ħdan il-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tinsisti fuq l-użu tal-patti territorjali f'dan il-qasam ta' politika kif issuġġerit fl-aġenda riveduta tagħha dwar l-integrazzjoni;

**L-agrikoltura u l-politika marittima**

37. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi d-Direttiva 2004/18/KE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti sabiex "prodott lokalment" jista' jkun kriterju standard ta' għażla fis-sejħiet għall-offerti għall-provvista ta' ikel, pereżempju, għall-iskejjel, id-djar tax-xjuħ u l-faċilitajiet pubbliċi ([3]);

38. jitlob li jiġi evalwat bir-reqqa l-impatt territorjali tal-proposti kollha sabiex jitneħħew il-mekkaniżmi li jirregolaw is-suq tal-agrikoltura, inklużi l-ftehimiet tal-kummerċ bilaterali u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, u li jiġi ċċekkjat jekk dawn il-proposti jmorrux kontra l-għan tal-koeżjoni territorjali minqux fit-Trattat ta' Lisbona;

39. jitlob lill-Kummissjoni tipproponi strateġija Ewropa għall-iżvilupp rurali sabiex jerġa' jkun hemm bilanċ tar-riżorsi favur l-oqsma rurali li l-livell tagħhom ta' żvilupp għadu taħt il-medja tal-UE;

40. jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni tajba tal-approċċ reġjonalizzat il-ġdid tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-Politika Komuni tas-Sajd riformata, li tipprevedi li d-deċiżjonijiet jiġu adottati fil-livell tal-baċir marittimu minflok il-mikroġestjoni attwali tal-UE, u li jiġi garantit involviment aħjar tal-partijiet interessati kollha; huwa mħasseb dwar l-użu mill-Kummissjoni tal-atti ddelegati għax dan m'għandux isir a skapitu tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull żona tas-sajd u tal-baħar;

**L-ambjent u l-enerġija**

41. ifakkar fir-rwol ewlieni li trid taqdi t-tranżizzjoni lejn provvista ta' enerġija rinnovabbli fil-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi żieda li torbot bil-liġi fil-mira tal-enerġija rinnovabbli għall-2030, kif ukoll il-miri intermedji għall-2040 bil-għan li tintlaħaq il-mira ta' 100 % rinnovabbli sal-2050;

([3]) Ara CdR 341/2010.

42. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex fl-2014 tniedi aktar inizjattivi fi ħdan il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi ([4]), pereżempju billi minbarra l-indikatur prinċipali tal-produttività tar-riżorsi użat biex jitkejjel l-għan ewlieni tal-Pjan Direzzjonali – jiġifieri li tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika filwaqt li tonqos il-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali – jinħolqu indikaturi komplementari relatati mal-effiċjenza tar-riżorsi u indikatur ġdid prinċipali dwar l-impatti naturali fuq il-kapital u l-ambjent tal-użu tar-riżorsi, u sabiex twettaq progress fir-rigward tal-miri bbażati fuq dawn l-indikaturi; jiġifieri li jkun jista' jitkejjel b'mod kontinwu u bl-irħis il-progress fit-titjib tal-użu effiċjenti tar-riżorsi; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea tavvanza azzjonijiet lejn miri obbligatorji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, filwaqt li tqis li hemm fatturi importanti oħra fl-akkwist pubbliku ([5]);

43. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li r-reviżjoni tagħha prevista għall-2014 tal-leġislazzjoni tal-iskart u tal-miri eżistenti dwar il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u l-alternattivi għall-miżbliet ser tqis kif dovut l-Opinjoni ta' prospettiva tal-Kumitat mitluba mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjoni; ir-reviżjoni għandha tkun konsistenti mal-"miri ambizzjużi" stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi li jwittu t-triq lejn ekonomija bbażata fuq l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, bi skart residwu kważi xejn; jitlob li fil-kuntest tar-reviżjoni tal-2014 tingħata attenzjoni speċjali lill-iskart tal-plastik;

44. bħala segwitu għall-Green Paper, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tfassal qafas ambizzjuż ġdid dwar il-klima u l-enerġija għall-perjodu sal-2030; dan il-qafas għandu speċifikament jipprovdi għal rati ogħla ta' kofinanzjament mill-UE għall-proġetti ta' infrastruttura li jappoġġjaw l-għanijiet għat-tibdil fil-klima u huma relatati b'mod sinifikanti mal-klima;

45. jitlob li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġija dwar il faqar enerġetiku, li tkun akkumpanjata mill-proposti adatti, inkluża definizzjoni fil-livell tal-UE tal-faqar enerġetiku;

46. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel l-isforzi kollha sabiex tippromovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tipproponi miri nazzjonali vinkolanti għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija akkumpanjati minn valutazzjoni ddettaljata tal-impatt baġitarju u pakkett ta' miżuri finanzjarji; itenni li f'dan il-qasam hemm bżonn li l-politika tiġi implimentata waqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sħubija u waqt li jiġi segwit l-approċċ tal-governanza f'diversi livelli;

**Is-sussidjarjetà, il-valutazzjoni tal-impatt u regolamentazzjoni aħjar**

47. jitlob lill-Kummissjoni tibda u tikkonkludi ħafna mill-eżerċizzji tal-valutazzjoni previsti fil-kuntest tal-Istrateġija għal Regolamentazzjoni Aħjar u b'mod partikolari r-REFIT, u jfakkar fl-offerta tiegħu biex jagħti kontribut permezz tan-netwerks konsultattivi tiegħu;

([4]) COM(2011) 571 final.

([5]) Ara CdR 140/2011 fin.

48. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel il-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali operattiva u obbligatorja f'ċerti oqsma ta' politika; itenni r-rieda tiegħu li jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni f'dan il-qasam u jissuġġerixxi li d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana jsir punt ta' kuntatt uniku għall-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali;

49. jistieden lill-Kummissjoni tibgħat lill-Kumitat proposti għal kollaborazzjoni fil-qasam tal-konsultazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-fażi preleġislattiva (Artikolu 2 tal-Protokoll dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità) u fil-qasam tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

**Il-kultura, l-innovazzjoni u t-turiżmu**

50. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ttejjeb il-qafas regolatorju tal-UE għas-setturi tal-kultura u l-kreattività, b'enfasi fuq is-semplifikazzjoni u l-aċċess għall-finanzjament. Il-kultura u l-kreattività għandhom jiġu integrati aħjar fl-Istrateġija Ewropa 2020;

51. fid-dawl tal-Pakkett dwar l-Investiment fl-Innovazzjoni, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi b'mod ċar u tenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-programmi u l-proġetti relatati mas-sħubijiet pubbliċi-privati. Ir-reġjuni u l-bliet huma atturi ewlenin fil-ħoloqien tal-kundizzjonijiet qafas adatti għall-ambjenti innovattivi. Bħala intermedjarji, huma jlaqqgħu flimkien, fi ħdan it-territorju tagħhom, l-atturi ewlenin tat-trijangolu tal-innovazzjoni, taħlita ta' akkademiċi, universitajiet, riċerkaturi, industriji u negozji;

52. jenfasizza l-bżonn li tinħareġ Komunikazzjoni dwar l-istrateġija għal turiżmu kulturali sostenibbli u kompetittiv bħala mezz sabiex jiġu appoġġjati opportunitajiet ġodda ta' impjiegi u jissaħħu l-ekonomiji lokali u reġjonali. Strateġija bħal din tista' toffri qafas komuni għall-promozzjoni u l-finanzjament tal-wirt arkitettoniku, etnografiku u industrijali tar-reġjuni Ewropej;

**L-Ewropa bħala attur globali**

53. jirrikonoxxi l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-KtR fit-tisħiħ tad-dimensjoni lokali u reġjonali fil-proċess tat-tkabbir; jitlob li dan jiġi rifless fir-rapporti annwali dwar il-progress tat-tkabbir;

54. jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar il-possibbiltajiet li l-Faċilità tal-Amministrazzjoni Lokali (FAL) tiġi estiża għall-gvernijiet lokali fil-pajjiżi msieħba tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Euromed;

55. jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex iżommu approċċ ta' "aktar b'aktar" fil-Pjan Direzzjonali l-ġdid għas-Sħubija tal-Lvant, fejn l-inizjattiva għandha titqies aktar bħala strument biex jiġi applikat il-poter trasformattiv tal-kontribut tal-Unjoni Ewropea u sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu inklużi fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva;

56. fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-Euromed, jilqa' l-enfasi li tpoġġiet fuq l-iżvilupp reġjonali u jixtieq jara l-involviment tal-ARLEM fl-hekk imsejħa Proġetti Pilota għall-Iżvilupp Reġjonali;

57. ifakkar fl-appoġġ sħiħ tiegħu biex l-2015 tiġi ddikjarata s-Sena Ewropea għall-Iżvilupp bil-għan li jiġi żgurat is-segwitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju, u jilqa' r-riflessjonijiet imnedija mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-approċċ globali tal-futur għall-iżvilupp; jappella lill-Kummissjoni tiddefendi qafas globali għall-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju wara l-2015 li jgħaqqad it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli: dik ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali;

58. huwa fiduċjuż li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ser jitqiesu kif dovut fil-proċess tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2014 u jagħti struzzjonijiet lill-President tal-Kumitat tar-Reġjuni sabiex iressaq din ir-Riżoluzzjoni lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Presidenza Litwana tal-Kunsill tal-UE u l-Presidenzi li jmiss Griega u Taljana.

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-tisħiħ tal-unjoni ekonomika u monetarja"**

(2013/C 280/02)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-KtR tal-1 ta' Frar 2013 dwar futur sostenibbli għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) ([1]);

— wara li kkunsidra ż-żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Koordinazzjoni *ex ante* ta' pjanijiet għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika" (COM(2013) 166 final) u "L-introduzzjoni ta' Strument ta' Konverġenza u Kompetittività" (COM(2013) 165 final), ippubblikati fl-20 ta' Marzu 2013;

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposti leġiżlattivi futuri dwar l-UEM: rispons għall-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni (2013/2609(RSP));

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet finali tal-Kunsill Ewropew tas-27-28 ta' Ġunju 2013;

— wara li kkunsidra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

— ifakkar il-prinċipji u l-għanijiet tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kif stabbiliti fl-Artikoli 3 u 120 tat-TFUE;

— jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni ta' miżuri li ġew approvati diġà għandha tieħu preċedenza fuq kwalunkwe proposta ġdida u jaqbel mal-Parlament Ewropew li kull inizjattiva leġislattiva oħra għandha turi li għandha valur miżjud ċar b'rabta mal-istrumenti eżistenti;

— jisħaq li fid-deċiżjonijiet kollha li qed isiru dwar l-iżvilupp tal-UEM, ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tisħiħ tal-ekonomiji u l-iffaċilitar tal-impjiegi u t-tkabbir għandu jiġi rikonoxxut u msaħħaħ kull fejn ikun possibbli;

— jara l-proposti għal mekkaniżmu ta' superviżjoni wieħed, bi rwol ċentrali għall-BĊE, u r-riforma tar-rwol tal-ABE, bħala pass 'il quddiem lejn trasparenza akbar u responsabbiltà aktar demokratika;

— jilqa' b'sodisfazzjon l-appell tal-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti tagħha dwar abbozz ta' regolament li jistabbilixxi Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni kemm jista' jkun malajr u jappoġġja l-intenzjoni li tiġi adottata l-leġislazzjoni rilevanti qabel tmiem il-leġislatura attwali;

**Koordinazzjoni ex ante għal pjani ta' riformi maġġuri tal-politika ekonomika**

— jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tindika b'mod ċar fil-proposta tagħha dwar il-koordinazzjoni *ex ante* li ser tiġi ppubblikata fil-Ħarifa tal-2013, id-differenza bejn din il-koordinazzjoni u l-istrumenti u l-mekkaniżmi l-oħra li jeżistu diġà (pereżempju s-Semestru Ewropew) jew dawk previsti (pereżempju l-istrument għall-konverġenza u l-kompetittività);

— jisħaq li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal koordinazzjoni *ex ante* tal-aktar riformi ekonomiċi importanti, li fihom huma involuti biss il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ministri, teħtieġ tiġi komplementata b'miżuri Ewropej u nazzjonali li jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti jiġu kkonsultati u informati kif suppost;

— jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-effetti li jistgħu jinfiltraw il-livell reġjonali u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sostenibbiltà u l-finanzi pubbliċi u fuq il-koeżjoni territorjali meta jwettqu koordinazzjoni *ex ante* ta' riformi ekonomiċi kbar fl-UE;

— jiġbed l-attenzjoni li, fid-dawl tar-rabta qawwija bejn l-arranġamenti kuntrattwali u l-proċess ta' koordinazzjoni *ex ante* previst, għandu jkun hemm rabta qawwija bejn il-governanza u r-responsabbiltà demokratika taż-żewġ proċessi; għalhekk, jipproponi li, fil-każ li l-effetti li jistgħu jinfiltraw fir-reġjuni jiġu pperikolati, il-parteċipazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-awtoritajiet reġjonali kkonċernati tiġi garantita fil-proċess ta' djalogu ekonomiku fil-livell tal-UE;

— jaqbel li l-koordinazzjoni *ex ante* għandha tikkonċerna biss pjani ta' riformi ekonomiċi nazzjonali kbar; jisħaq li r-riformi tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom ikunu koperti wkoll għax dawn jista' jkollhom effett importanti fl-Istati Membri;

— jiddispjaċih li fir-rigward tal-pilastru tal-UEM dwar il-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà, ftit li xejn sar progress konkret biex jiġi evitat li dan il-proċess kollu jiġi ddubitat fil-każijiet fejn il-Kummissjoni Ewropea u Stati Membri oħra jagħtu l-impressjoni li jkunu qed jinterferixxu f'deċiżjonijiet li fil-passat ittieħdu fil-livell nazzjonali jew saħansitra reġjonali;

([1]) CdR 2494/2012 fin.

**L-introduzzjoni ta' Strument għall-Konverġenza u l-Kompetittività (CCI)**

— itenni l-konvinzjoni tiegħu li hemm bżonn ta' kapaċità fiskali biex tinkiseb UEM profonda u ġenwina, u jaqbel li l-istrument propost jista' jkun pass utli f'din id-direzzjoni;

— jemmen li l-istrument il-ġdid għandu jkun komplementari għall-istrumenti ta' politika ta' koeżjoni; għaldaqstant jesprimi r-riżervi dwar l-isem ta' dan l-istrument il-ġdid minħabba li t-termini "konverġenza" u "koeżjoni" jistgħu jagħtu l-impressjoni li qed jirfsu fuq xulxin;

— jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' mekkaniżmu għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha u l-infurzar tal-politiki strutturali bbażat fuq arranġamenti ta' natura kuntrattwali bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE; jisħaq li dawn l-arranġamenti għandhom ikunu soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet u implimentazzjoni b'mod konġunt u għalhekk jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti meta jiġu żviluppati ftehimiet kuntrattwali, bir-rispett dovut għal-leġislazzjonijiet nazzjonali; madankollu, l-istrument għandu jkun miftuħ ukoll għall-Istati Membri barra miż-żona tal-euro fuq bażi volontarja;

— jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-arranġamenti kuntrattwali kif inhuma proposti bħalissa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jistgħu jkomplu jżidu l-piż tal-governanza li diġà hija kumplessa li tirriżulta mil-leġislazzjoni ġdida dwar is-sorveljanza ekonomika (programmi nazzjonali ta' riforma, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u sanzjonijiet relatati) u l-politika ta' koeżjoni riformata (ftehimiet ta' sħubija, programmi operattivi u kundizzjonalitajiet *ex ante* relatati);

— jemmen li r-riformi strutturali huma proċessi li jseħħu fuq tul ta' żmien li jeħtieġu programmazzjoni pluriennali; għaldaqstant jistaqsi jekk hemmx bżonn tiġi stabbilita rabta bejn dan l-istrument ġdid u s-Semestru Ewropew;

— jappella biex l-arranġamenti kuntrattwali jkunu bbażati fuq il-metodu komunitarju bl-inklużjoni sħiħa tal-parlament Ewropew u dawk nazzjonali;

— jaqbel li l-UE għandha tadotta approċċ kostruttiv għar-riformi strutturali fil-livell nazzjonali b'użu bbilanċjat ta' inċentivi u sanzjonijiet;

— jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom kompetenzi diretti fl-oqsma li jintlaqtu mir-riformi strutturali u għalhekk għandhom jiġu involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti kuntrattwali;

— jenfasizza li l-programmazzjoni pluriennali msemmija hawn fuq u l-implimentazzjoni tagħha għalhekk għandhom ikunu bbażati fuq governanza f'diversi livelli li tkun effettiva u li tinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jirrispettaw il-kompetenzi ta' dawn l-awtoritajiet;

**Id-dimensjoni soċjali tal-UEM**

— jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 tal-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM; f'dan il-kuntest itenni l-appoġġ tiegħu għall-appell tal-Parlament Ewropew lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-iffirmar ta' "Patt għall-Investiment Soċjali" li jistabbilixxi miri ta' investiment għall-investimenti soċjali fil-livell nazzjonali biex jintlaħqu l-miri soċjali, tal-impjieg u tal-edukazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020;

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## IL-102 SESSJONI PLENARJA TAT-3 U L-4 TA' LULJU 2013

## Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-ħaddiema transfruntiera: valutazzjoni tas-sitwazzjoni wara għoxrin sena tas-suq intern: problemi u perspettivi"

(2013/C 280/03)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jinnota li jeżisti nuqqas ta' data statistika affidabbli dwar "ħaddiema transkonfinali"

— jinsisti li l-Artikolu 5 tad-Direttiva jiġi emendat sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu huma wkoll strutturi transreġjonali għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' trattament ugwali tal-ħaddiema kollha jew tal-membri tal-familji tagħhom

— jenfasizza li l-koordinazzjonijiet nazzjonali tal-EURES (li se jiġu stabbiliti mill-2015 'il quddiem) għandu jkollhom b'mod sistematiku kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

— jiġbed l-attenzjoni għar-rwol fundamentali tal-korpi transreġjonali tal-għoti ta' pariri u ta' għarfien espert

— jiddispjaċih li n-nuqqas ta' koordinazzjoni fir-rigward tar-regoli dwar il-paga minima jwassal, b'mod partikolari f'reġjuni konfinali, għar-riskji tal-esternalizzazzjoni ta' industriji u servizzi b'użu intensiv tal-forza tax-xogħol u għad-dumping soċjali

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur LAMBERTZ (BE/PSE), Ministru President tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż fil-Belġju |
| **Dokument ta' referenza** | |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

***Il-mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol u l-implikazzjonijiet tagħha għall-Istrateġija Ewropa 2020***

1. ifakkar li l-Istrateġija Ewropea 2020 tenfasizza kemm l-impatt pożittiv tal-mobbiltà fuq l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew kif ukoll l-effett tagħha fuq it-titjib tal-adattabilità u l-impjegabilità tal-ħaddiema fl-UE;

2. josserva li s-sitwazzjoni paradossali ta' nuqqas ta' ħaddiema f'oqmsa speċifiċi fejn ilu jippersisti livell għoli ta' qgħad, b'mod partikolari fost ħaddiema bi ftit kwalifiki, tirrikjedi iktar flessibbiltà u mobbiltà fiż-żoni Ewropej tal-fruntieri;

3. jenfasizza li b'mod partikolari għaż-żgħażagħ il-mobbiltà tipprovdi opportunità għat-titjib tal-ħiliet u l-għarfien tagħhom u għall-ksib ta' esperjenzi ġodda. Huwa jenfassizza bis-sħiħ, għalhekk, l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea li jiffukaw fuq iż-żgħażagħ, pereżempju l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, inkluża l-iskema tal-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ, deċiża f'Marzu 2013, l-inizjattiva ewlenija "Żgħażagħ Attivi" jew il-proġett pilota "L-ewwel impjieg EURES tiegħek";

4. jenfasizza d-dimensjoni soċjali tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-kontribut tagħha fil-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

5. jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea sabiex timmodernizza u ttejjeb in-netwerk tal-EURES għall-mobbiltà ta' dawk li qed ifittxu xogħol li jista' jżid il-mobbiltà tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri. Din ir-riforma għandha tiffaċilita l-mobbiltà fiż-żoni tal-fruntieri fejn jeżistu l-ogħla livelli ta' flussi tal-mobbiltà filwaqt li tkompli ssaħħaħ in-netwerks eżistenti tal-EURES T.

***Il-mobbiltà transkonfinali wara għoxrin sena tas-suq intern***

6. jinnota li sa mill-adozzjoni tal-ewwel Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-ħaddiema transfruntiera fid-29 ta' Settembru 2004 nibtu sfidi u opportunitajiet ġodda fil-qasam tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol;

7. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva dwar il-miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (COM(2013) 236) li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni. Jaħseb li l-l-għażla legali mhux tas-soltu li tiġi proposta direttiva biex issaħħaħ regolament li fih innifsu fil-prinċipju huwa soġġett għal effett dirett toħroġ fid-dieher l-intensità tal-isfidi legali u amministrattivi li għad baqa' fil-livell tal-leġislazzjoni u l-amministrazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Jinsisti li l-Artikolu 5 tad-direttiva jiġi emendat sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu huma wkoll strutturi transreġjonali għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' trattament ugwali tal-ħaddiema kollha jew tal-membri tal-familji tagħhom. Jappella biex il-KtR jiġi inkluż fost dawk li jintbagħtilhom ir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva (Artikolu 10);

8. jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, test li jikkodifika r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 li jsaħħaħ id-drittijiet tal-ħaddiema mobbli filwaqt li jsaħħaħ il-liġi eżistenti;

9. jagħraf l-impatt pożittiv tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 kif l-aħħar emendat mir-Regolament (UE) 465/2012, li ssemplifika u mmodernizza l-liġi tal-Unjoni;

10. jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tipproteġi aħjar id-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati li jikkostitwixxu grupp konsiderevoli ta' ħaddiema f'ċertu żoni transkonfinali. Id-direttiva proposta dwar it-tisħiħ tad-Direttiva 96/71/KE tista' tgħin sabiex tnaqqas il-limiti eżistenti fl-infurzar u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli. Ifakkar madanakollu fl-Opinjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2012, fejn il-KtR:

- ikkunsidra li kien hemm bżonn ta' iktar inizjattivi u azzjonijiet immirati li jaħdmu b'mod effettiv kontra d-dumping soċjali u l-frodi;
- iddispjaċih li kwistjonijiet sustantivi li tqajmu mill-każistika, b'mod speċjali dawk relatati mal-estensjoni ta' ftehimiet kollettivi, l-estensjoni tal-"grupp ewlieni" ta' regoli applikabbli, l-użu tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli ta' pajjiż ospitanti u r-rispett għad-drittijiet soċjali fundamentali, bħad-dritt ta' strajk, ma ġewx indirizzati mid-direttiva proposta;
- ippropona li tiġi żgurata responsabbiltà soċjali ikbar minnaħa ta' min iħaddem u s-sottokuntratturi, billi tiġi introdotta dispożizzjoni li tillimita l-ammont tal-livelli ta' sottokuntrattar;

11. ifakkar li iktar minn terz taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni transkonfinali fejn li wieħed jaqsam il-fruntiera għal xi attività ta' divertiment, avveniment kulturali jew għax-xogħol huwa parti mill-ħajja ta' kuljum tagħhom. Għalhekk l-ostakoli legali u prattiċi tal-mobbiltà huma sfida partikolari f'dawn l-oqsma;

12. jinnota li jeżisti nuqqas ta' data statistika affidabbli dwar "ħaddiema transkonfinali", jiġifieri skont id-definizzjoni tar-Regolament (KEE) Nr 1408/71, kull persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li tipprattika l-impjieg tagħha fit-territorju ta' Stat Membru u tgħix fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li għalih tirritorna bħala regola kuljum jew talinqas darba fil-ġimgħa. Skont ir-Rapport Xjentifiku dwar il-Mobbiltà tal-Ħaddiema Transkonfinali fil-pajjiżi tal-UE-27/ŻEE/EFTA ("Scientific Report on the Mobility of Cross-Border Workers within the EU-27/EEA/EFTA Countries") li tfassal għall-Kummissjoni Ewropea fl-2009, in-numru ta' ħaddiema transkonfinali fl-UE (inklużi ż-ŻEE/EFTA) fis-sena 2006/2007 ammonta għal madwar 780 000 impjegat. Għall-UE-15/ŻEE/EFTA l-ammont totali ta' ħaddiema transkonfinali żdied b'26 % bejn is-sena 2000 u l-2006/2007;

13. josserva li l-ikbar ammont ta' flussi transkonfinali tal-ħaddiema huma ċċentrati fl-Ewropa tal-Majjistral u n-Nofsinhar tal-Iskandinavja. L-ammont ta' mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol huwa konsiderevoli wkoll fiż-żoni tal-fruntieri interni l-ġodda (pereżempju bejn l-Estonja u l-Finlandja, l-Ungarija u l-Awstrija). Fl-2012 l-Assoċjazzjoni ta' Reġjuni mal-Fruntieri Ewropej ippubblikat rapport dettaljat li analizza l-livell ta' mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol fiż-żoni ġeografiċi differenti u li speċifika l-bżonnijiet f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni u s-servizzi għall-ħaddiema transfruntiera;

14. jistqarr li l-impatt tat-tkabbir tal-UE fl-2004 u l-2007 fuq il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fil-fruntieri esterni l-"antiki" baqa' moderat. Il-ħaddiema li ġejjin mill-Istati Membri l-ġodda f'dawn iż-żoni jirrappreżentaw mhux iktar minn 15 % tal-ħaddiema transkonfinali fl-UE. Madanakollu l-ammont ta' ħaddiema li jfittxu informazzjoni dwar opportunitajiet u kundizzjonijiet tax-xogħol fil-pajjiż ġar tagħhom żdied b'mod sinifikanti fil-fruntieri esterni l-"antiki", b'mod partikolari wara li f'Mejju 2011 tneħħew ir-restrizzjonijiet kollha li kien fadal fuq is-suq tax-xogħol ħlief fil-Bulgarija u r-Rumanija;

15. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni ([1]) li n-numru ta' ħaddiema mobbli fl-Ewropa huwa baxx wisq biex verament jinkiseb suq tax-xogħol Ewropew. Infatti, skont l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol fl-UE, fl-2011 kienu 3,1 % biss taċ-ċittadini Ewropej fl-età tax-xogħol (15-64) li marru jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-UE li mhux dak tagħhom. Il-Kumitat tar-Reġjuni jemmen li n-numru ta' ħaddiema transkonfinali jista' jkun ogħla, b'mod partikolari jekk jiżdiedu u jitjiebu l-informazzjoni affidabbli u l-appoġġ individwali għaċ-ċittadini. It-trejdjunjins jistgħu jikkontribwixxu b'mod speċifiku għal dan l-appoġġ, pereżempju billi jiddefendu 'l ħaddiema b'impjieg multinazzjonali. Dawn l-objettivi għandhom jiġu riflessi wkoll fil-konsultazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet għall-programmi finanzjarji Ewropej 2014-2020. Il-Kumitat jappella wkoll b'mod espliċitu lill-Istati Membri biex jiżguraw finanzjament suffiċjenti għall-prijoritajiet tal-EURES;

([1]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi (COM(2012) 173 final).

***Ostakli għall-mobbiltà u sfidi li jiffaċċjaw il-ħaddiema mobbli***

16. jilqa' l-inizjattiva li nediet il-Kummissjoni Ewropea fl-2012 sabiex teżamina l-miżuri fiskali tal-ħaddiema transkonfinali. L-ostakli fiskali għadhom sors prinċipali ta' problemi li jiffaċċjaw il-ħaddiema transfruntiera li għad għandhom diffikultajiet f'li jiksbu benefiċċji fiskali, ħelsien u tnaqqis mit-taxxa li kienu jiksbu kieku ma kellhomx l-istatus ta' ħaddiema transfruntiera;

17. iqis il-kumplessità tar-regoli li jikkoordinaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali bħala sfida kbira. Billi r-regoli leġislattivi u amministrattivi fil-livelli nazzjonali dejjem jinbidlu u joħolqu sfidi ġodda, mhuwiex daqstant possibbli li jitnaqqsu l-problemi relatati mad-differenzi bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali fl-UE. Għalhekk għandu jkompli jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u aġġornata b'mod regolari u għal servizzi ta' konsulenza. Billi s-sitwazzjoni tal-ħaddiema transfruntiera hija differenti ħafna minn sitwazzjoni standard, il-ħaddiema transfruntiera għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni individwali. Is-servizzi elettroniċi huma strument importanti wkoll iżda ma jistgħux jieħdu post is-servizzi personalizzati;

18. jistqarr li ħafna drabi jkun hemm inċertezzi dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati l-bażijiet legali li jeżistu. Konsegwentement ħafna drabi, xi problemi jinqalgħu biss għax ma jeżistix ftehim ġenerali bejn l-awtoritajiet pubbliċi dwar kif għandha tiġi implimentata l-liġi korrispondenti;

19. huwa konxju li l-ostakli kulturali, bħan-nuqqas ta' għarfien tal-lingwa, ma jistgħux jingħelbu fuq perjodu qasir. Madanakollu taħriġ iktar speċifiku fil-lingwi jista' jgħin sabiex tinbidel l-attitudni lejn il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. Barra minn hekk, it-twaqqif ta' mekkaniżmi li jippromovu skemi ta' internships u ta' apprendistat ta' taħriġ vokazzjonali, kemm għall-istudenti kif ukoll għall-ħaddiema, huma ta' importanza ewlenija għall-promozzjoni tal-flessibilità u l-mobbiltà fir-reġjuni konfinali tal-Ewropa;

20. jinnota li n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għadu ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Sabiex tiffaċilità l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, il-Kummissjoni Ewropea, f'Diċembru 2011 adottat proposta għall-immodernizzar tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali li tintroduċi l-Karta Professjonali Ewropea u tiffaċilità l-aċċess għall-informazzjoni. Madanakollu, b'mod partikolari fil-każ tal-professjonijiet regolati għad hemm il-problemi għax dawn jirrikjedu prova ta' kwalifiki professjonali speċifiċi skont il-liġi nazzjonali. F'każijiet bħal dawn, il-proċeduri ta' rikonoxximent jistgħu jkunu kumplessi u jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor;

21. il-Kumitat huwa mħasseb li l-għoti ta' pariri lill-ħaddiema u lil dawk li qed ifittxu impjieg ikun inqas ta' prijorità għall-EURES mill-2015 'il quddiem, għaliex l-enfasi tkun fuq it-tqabbil tal-impjiegi u l-forniment ta' servizzi lill-impjegaturi minflok fuq

pariri li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali, it-taxxi u l-kundizzjonijiet tal-pagi u ta' xogħol. Il-Kumitat jixtieq jenfasizza li għall-kuntrarju, għandu jissaħħaħ il-kompitu li jingħataw pariri lill-ħaddiema u dawk li qed ifittxu impjieg, pereżempju billi jissaħħu ċ-ċentri ta' informazzjoni fil-fruntieri għall-ħaddiema u għal dawk li qed ifittxu impjieg, u billi l-imsieħba soċjali jingħataw iktar possibilitajiet fir-rigward tal-għoti ta' pariri lill-ħaddiema transkonfinali;

22. jiddispjaċih li n-nuqqas ta' koordinazzjoni fir-rigward tar-regoli dwar il-paga minima jwassal, b'mod partikolari f'reġjuni konfinali, għar-riskji tal-esternalizzazzjoni ta' industriji u servizzi b'użu intensiv tal-forza tax-xogħol u għad-dumping soċjali. Għaldaqstant il-Kumitat jappella għal koordinazzjoni Ewropea tal-pagi minimi li tiġi elaborata bir-rispett adatt għall-kundizzjonijiet rispettivi tas-suq tax-xogħol u r-rwol tal-imsieħba soċjali;

23. josserva li d-differenzi fil-livelli tal-pagi u/jew taxxi tista' tkun inċentiv għan-negozji fiż-żoni tal-fruntieri sabiex jirrilokaw fil-pajjiż ġar. Konsegwenza ta' dan hija li l-impjegati bla ma jridu jsiru ħaddiema transfruntiera;

24. jistenna li r-riformi lejn unjoni bankarja tal-UE jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali li jikkostitwixxu ostaklu ewlieni għal kundizzjonijiet indaqs għal aċċess għall-kapital tal-SMEs f'reġjuni konfinali;

25. josserva li d-differenzi fil-livelli tal-pagi bejn l-Istati Membri l-"ġodda" u l-"antiki" tal-UE xi drabi jwasslu għall-introduzzjoni ta' rati tad-dumping tal-pagi u kundizzjonijiet mhux xierqa tax-xogħol. Dan joħloq sfida partikolari għas-servizzi ta' konsulenza li jeżistu fil-fruntieri esterni l-antiki. Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li l-ħaddiema transfruntiera li jiġu minn pajjiżi b'livelli ta' pagi aktar baxxi ma jiġux diskriminati fil-pajjiżi fejn il-pagi huma ogħla;

***L-iffaċilitar tal-mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol***

26. ifakkar li l-ammont ta' mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol jiddependi minn fatturi differenti. Id-differenzi fil-pagi u opportunitajiet aħjar tax-xogħol huma fatturi determinanti. Netwerks tat-trasport pubbliku reġjonali u transkonfinali u għarfien tajjeb tal-lingwa tal-pajjiż viċin huma fatturi importanti wkoll li jiffaċilitaw il-mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol;

27. jenfasizza li l-koordinazzjonijiet nazzjonali tal-EURES (li se jiġu stabbiliti mill-2015 'il quddiem) għandu jkollhom b'mod sistematiku kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

28. jemmen li l-kooperazzjoni transkonfinali sistematika bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali hija kundizzjoni importanti li permezz tagħha tista' tingħibed l-attenzjoni tal-korpi nazzjonali lejn l-ostakli tal-mobbiltà u l-isforzi li qed isiru sabiex jingħelbu;

29. jenfasizza l-valur miżjud tas-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza disponibbli għall-ħaddiema transfruntiera fir-reġjuni Ewropej tal-fruntieri u transkonfinali. Jeżistu iktar minn 35 ċentri ta' informazzjoni fil-livell reġjonali jew lokali li jipprovdu pariri u informazzjoni individwali għall-ħaddiema transkonfinali. L-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għandhom jintużaw fil-livell Ewropew u nazzjonali fil-ħidma biex jinsabu soluzzjonijiet għall-problemi;

30. jagħraf l-isforzi taż-żoni Ewropej tal-fruntieri sabiex jiffaċilitaw il-mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol filwaqt li jfittxu soluzzjonijiet għall-ostakli tal-mobbiltà. Ġew ippubblikati bosta rapporti li janalizzaw fid-dettall il-problemi u l-isfidi tal-ħaddiema transfruntiera f'reġjuni transkonfinali speċifiċi (pereżempju r-rapport dwar ostakli għall-mobbiltà tar-reġjuni ta' Galicia/Norte de Portugal jew tar-Reġjun Sønderjylland-Schleswig). Barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għar-rwol fundamentali tal-korpi transreġjonali tal-għoti ta' pariri u ta' għarfien espert, bħat-Task Force dwar ħaddiema transkonfinali tar-reġjun ikkombinat (Greater Region) ta' SaarLorLux, li jikkoordinaw mal-imsieħba soċjali u ekonomiċi transnazzjonali u ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi fil-livell Ewropew u nazzjonali. Jappoġġja kull sforz li jsir biex tiġi garantita s-sostenibbiltà ta' dawn il-korpi;

31. jemmen li l-istrument legali tal-Komunità, ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), joffri possibbiltajiet ġodda għall-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE. Fid-dawl tal-fatt li r-REKT normalment jimpjega persunal minn iktar minn Stat Membru wieħed, l-esperjenzi tiegħu fejn jidhlu ostakli legali u prattiċi għall-mobbiltà jistgħu jintużaw sakemm jinstabu soluzzjonijiet prattiċi;

32. jagħraf l-impenn tas-servizzi onlajn SOLVIT u l-Pariri tal-Ewropa Tiegħek li jgħinu liċ-ċittadini u lin-negozji jifhmu u jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-UE. Kull sena s-SOLVIT jirċievi iktar minn 1 300 mistoqsija. Dan in-numru jista' jkompli jiżdied jekk is-servizz isiru jafu bih iktar ċittadini u negozji fl-UE; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jagħtu kontribut biex iċ-ċittadini jsiru iktar konxji miċ-ċentri tas-SOLVIT b'mod partikolari fl-SMEs u sabiex jiżded il-persunal taċ-ċentri tas-SOLVIT sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-problemi iktar malajr;

***Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni***

33. jenfasizza li n-netwerks tal-pariri eżistenti (pereżempju EURES T, netwerks esperti tal-Ewroreġjuni) u ċ-ċentri ta' informazzjoni għall-ħaddiema transfruntiera jipprovdu servizz uniku u jappoġġjaw bis-sħiħ l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE. Għaldaqstant, is-servizzi ta' pariri transkonfinali li jiffaċilitaw il-mobbiltà, b'mod partikolari dawk ipprovduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u mill-imsieħba soċjali, għandhom jitqiesu kompitu Ewropew u għandhom jirċievu l-appoġġ finanzjarju li hemm bżonn;

34. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja fuq bażi regolari l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri tal-UE u li tikkontribwixxi b'mod attiv sabiex tipproteġi aħjar id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema fl-UE filwaqt li tagħti r-responsabbiltà wkoll lill-Istati Membri kollha sabiex iżidu l-kontrolli fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat. Għandha tingabar, u dan fuq bażi regolari, data kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-mobbiltà transkonfinali tal-forza tax-xogħol fl-UE sabiex permezz tagħha inkunu nistgħu nirrispondu aħjar għall-iżviluppi u l-isfidi ġodda fil-qasam;

35. jagħraf ir-rwol importanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-promozzjoni tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-UE għandha tuża l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom u tfassal fi sħubija magħhom kunċetti konġunti li jiffaċilitaw il-mobbiltà ġeografika u jgħinu biex jinħoloq suq tax-xogħol verament Ewropew;

36. jappoġġja l-idea ta' monitoraġġ transkonfinali tas-suq tax-xogħol u l-ġbir ta' statistika affidabbli fil-livelli reġjonali/lokali. Id-disponibbiltà tad-data adegwata hija importanti huma u jitfasslu strateġiji tas-suq tax-xogħol integrati u interventi politiċi li jirrispondu għat-tendenzi emerġenti;

37. jemmen li d-djalogu politiku fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali/lokali kif ukoll id-djalogu mal-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-impjegaturi huma indispensabbli sabiex jingħelbu l-isfidi li jinqalgħu kontinwament, bħat-tibdil fl-istruttura demografika jew in-nuqqas ta' forza tax-xogħol kwalifikata;

38. jipproponi li titnieda pjattaforma fil-livell Ewropew inkarigata li tidentifika l-problemi li jiffaċċjaw il-ħaddiema transfruntiera u tfassal rakkomandazzjonijiet ta' soluzzjoni. Il-pjattaforma tkun tiggarantixxi l-iskambju tal-għarfien espert u l-użu ta' sinerġiji possibbli u trawwem id-djalogu mal-korpi politiċi u amministrattivi responsabbli;

39. jissuġġerixxi li jitfassal kompendju tal-problemi u l-ostakli l-iktar urġenti għall-mobbiltà u s-soluzzjonijiet possibbli u li dan jiġi aġġornat b'mod regolari.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

# Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Valutazzjoni tal-impatt territorjali"

(2013/C 280/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jifhem li l-koeżjoni territorjali hi kunċett tridimensjonali li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u dawk lokali meta jimplimentaw il-politiki li jkunu responsabbli għalihom, u jiddispjaċih li d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni jinkludi biss l-ewwel waħda minn dawn it-tliet dimensjonijiet u jappella biex ikun hemm żvilupp adegwat f'dan ir-rigward;

— jissuġġerixxi li, fil-qafas tal-monitoraġġ kontinwu tal-Istrateġija Ewropa 2020 mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġu kkunsidrati aktar l-effetti territorjali tal-istess strateġija;

— ma jaqbilx li valutazzjoni tal-impatt territorjali għandha ssir biss meta l-proposta leġislattiva tiffoka espliċitament fuq territorji speċifiċi jew meta l-proposta jista' jkollha impatt territorjali asimmetriku kbir, u jemmen li l-ebda qasam ta' politika m'għandu jiġi eskluż *a priori* mill-valutazzjoni tal-impatt territorjali;

— jitlob li jiġu eżaminati sa mill-bidu nett id-dimensjoni territorjali tal-miżuri tal-politiki settorjali flimkien mal-konsegwenzi ekonomiċi, ekoloġiċi u soċjali tagħhom, u b'mod partikolari l-impatti tagħhom fuq id-diversi livelli reġjonali u lokali, inklużi l-interazzjonijiet bejn il-livelli territorjali u l-implikazzjonijiet finanzjarji;

— jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2010 dwar l-involviment attiv tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-valutazzjoni tal-impatt fil-livell Ewropew u jipproponi li tinbena kooperazzjoni fit-tul b'mod partikolari mad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, mal-EUROSTAT, maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka kif ukoll mal-Programm ESPON sabiex jinsabu soluzzjonijiet prammatiċi għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali;

— joffri lill-Kummissjoni Ewropea li jikkoopera mill-qrib magħha fl-għażla u t-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u huwa interessat li jikkoopera mill-qrib ukoll mal-PE u mal-Kunsill sabiex il-prinċipju tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali jiġi rifless b'mod iktar ċar fil-proċeduri leġislattivi;

— beħsiebu jiżviluppa l-istrateġija tiegħu għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali sabiex b'hekk joħloq qafas ta' azzjoni sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jiġu implimentati l-azzjonijiet proposti f'dan ir-rapport.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur Michael SCHNEIDER (DE/PPE), Segretarju tal-Istat, Delegat tal-Land ta' Sachsen-Anhalt fi ħdan il-Gvern Federali tal-Ġermanja |
| **Dokument ta' referenza** | Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2013:<br>Assessing territorial impacts: Operational guidance on how to assess regional and local impacts within the Commission Impact Assessment System *[Valutazzjoni tal-impatt territorjali: Gwida operattiva għall-valutazzjoni tal-impatti reġjonali u lokali fil-qafas tas-Sistema ta' Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni]*<br>SWD(2013) 3 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

A. ***Kummenti ġenerali***

1. jilqa' l-fatt li fil-bidu tal-2013 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Dokument ta' Ħidma dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali li jipprovdi gwida operattiva u metodoloġika dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-aspetti territorjali tal-valutazzjoni tal-impatt waqt li l-Kummissjoni Ewropea tkun qed tħejji l-proposti tagħha;

2. jilqa' wkoll l-iżviluppi reċenti oħra, bħar-rapport tal-ESPON bl-isem "Territorial Impact Assessment of Policies and EU Directives" *[Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali tal-Politiki u d-Direttivi tal-UE]* ta' Diċembru 2012 u d-Direttorat tal-Valutazzjoni tal-Impatt li ġie stabbilit dan l-aħħar fi ħdan il-Parlament Ewropew;

3. jappoġġja dak li jintqal fl-Aġenda Territorjali, jiġifieri li l-koordinazzjoni tad-diversi strateġiji settorjali bil-għan li jiġi ottimizzat l-effett territorjali u tiġi massimizzata l-koerenza tista' żżid b'mod konsiderevoli s-suċċess ta' dawn l-istrateġiji u tikkontribwixxi biex jiġu evitati l-effetti negattivi tal-miżuri opposti f'kull livell territorjali. Permezz tal-iżvilupp territorjali integrat jista' jinkiseb l-aqwa bilanċ bejn is-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali;

4. jara l-"valutazzjoni tal-impatt territorjali" bħala strument għall-valutazzjoni tal-impatti territorjali ta' inizjattiva politika jew proposta leġislattiva fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali fid-dawl tal-objettivi jew l-prospetti tagħhom għall-politika tal-iżvilupp territorjali. Il-valutazzjoni bikrija tal-impatt territorjali għandha tiggarantixxi li jiġu involuti l-livelli reġjonali u lokali, li l-iżvilupp territorjali jkun fattibbli, rilevanti u marbut mat-territorju, kif ukoll li l-fondi jintużaw b'mod aktar effiċjenti. F'dan ir-rigward ma jeżistux responsabbiltajiet nazzjonali, reġjonali u muniċipali għall-ippjanar spazjali u l-ippjanar tal-iżvilupp;

5. ifakkar li ħafna oqsma ta' politika huma kompetenza kondiviża tal-UE u l-Istati Membri u għalhekk fihom irid jiġi applikat il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fil-qafas tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà, il-valutazzjoni tal-impatt territorjali tista' tkun argument importanti favur l-azzjoni fil-livell tal-UE jekk turi li din l-azzjoni għandha aktar effetti pożittivi mill-azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri jew tar-reġjuni;

6. jisħaq li l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali jistgħu jkunu siewja wkoll biex jindikaw il-konsegwenzi potenzjalment negattivi tal-proposti għall-politiki tal-UE. Dan hu partikolarment importanti biex jiġi rispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-impatt territorjali hi strument importanti wkoll fil-qafas tat-tfassil aħjar tal-liġijiet;

7. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li "valutazzjoni tal-impatt territorjali" għandha tagħmilha possibbli li jiġu identifikati l-konsegwenzi fil-perjodu l-qasir u fit-tul tad-deċiżjonijiet li jkunu ppjanati jew li jkunu qed jittieħdu. Jekk l-istrumenti rilevanti jitqassmu abbażi tal-klassifika msemmija hawn fuq, kun possibbli li l-qafas ta' azzjoni u l-intensità tal-impatti jiġu stabbiliti b'mod iktar effettiv;

8. jemmen, għalhekk, li teżisti rabta mill-qrib bejn il-valutazzjoni tal-impatt territorjali, il-valutazzjoni tal-impatt ġenerali u l-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità qabel ma jiġu adottati atti leġislattivi ġodda fil-livell Ewropew, u jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma li diġà wettqu l-Pjattaforma għall-Monitoraġġ tal-Ewropa 2020 u n-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà;

9. jikkunsidra l-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni [1] dwar id-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li wettaq il-Kumitat tar-Reġjuni fi Frar u Marzu 2013;

B. ***Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali bħala element tal-koeżjoni territorjali***

10. jenfasizza li skont l-Artikolu 3 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 174, 175 kif ukoll l-Artikolu 349 tat-TFUE, kull qasam ta' politika jrid jagħti l-kontribut tiegħu biex jinkiseb l-għan tal-koeżjoni territorjali kif ukoll biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali, u għalhekk hemm bżonn li jiġu eżaminati l-impatti territorjali tal-miżuri kollha u li jiġu vvalutati l-konsegwenzi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali; b'mod partikolari hemm bżonn ta' miżuri konkreti u effettivi sabiex jgħinu jnaqqsu d-differenzi fl-iżvilupp tar-reġjuni u jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ġeografiċi u demografiċi ta' ċerti territorji;

11. itenni li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġislattivi għandhom jistudjaw, fejn hemm bżonn, id-dimensjoni territorjali (aspetti lokali u reġjonali, ir-riperkussjonijiet finanzjarji u amministrattivi fuq l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali) tal-għażliet politiċi prinċipali li qegħdin jiġu kkunsidrati. Huwa jfakkar li dan huwa konsegwenza tar-rikonoxximent tal-obbligu li titqies "[i]l-ħtieġa li kwalunkwe piż, kemm finanzjarju kif

[1] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/news/Pages/Assessment-of-Territorial-Impacts.aspx.

ukoll amministrattiv, li jaqa' [...] fuq l-awtoritajiet reġjonali jew lokali [...] ikun minimizzat kemm jista' jkun u jkun proporzjonat mal-objettiv li jrid jintlaħaq" (Artikolu 5, Protokoll Nru 2 tat-TFUE);

12. jifhem li l-koeżjoni territorjali hi kunċett tridimensjonali li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u dawk lokali meta jimplimentaw il-politiki li jkunu responsabbli għalihom;

Il-koeżjoni territorjali

— għandha l-għan li tillivella d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni permezz tal-għajnuna strutturali u l-iżvilupp tal-potenzjal endoġinu għal żvilupp reġjonali (żvilupp territorjali bilanċjat);

— torbot lil dawk li jfasslu l-politiki Ewropej biex jadottaw approċċ li huwa kemm orizzontalment u vertikalment koerenti kif ukoll transsettorjali meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jkollhom implikazzjonijiet territorjali (integrazzjoni territorjali); u

— titlob li l-atturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili jingħaqdu f'netwerk bil-għan li jieħdu miżuri territorjali effettivi (governanza territorjali);

13. jiddispjaċih li d-Dokument ta' Ħidma dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-Kummissjoni jinkludi biss l-ewwel waħda minn dawn it-tliet dimensjonijiet, u jappella biex ikun hemm żvilupp adegwat f'dan ir-rigward;

14. jipproponi li l-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni lill-valutazzjoni tal-impatt territorjali fil-ħidma tagħha biex tespandi d-definizzjoni tal-koeżjoni territorjali. B'dan il-mod is-suġġett jiġi mifhum b'mod aktar ġenerali, titjieb l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, tiġi mfassla b'mod aktar flessibbli, tiġi aġġustata aħjar għal-livell territorjali kkonċernat u tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet reġjonali u lokali fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

15. huwa tal-fehma li d-Dokument ta' Ħidma ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea jirrappreżenta kontribut siewi għad-dibattitu politiku dwar il-koeżjoni territorjali fl-UE peress li fih il-Kummissjoni Ewropea tipprova turi l-impatti territorjali tal-politiki Ewropej fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali mil-lat kwantitattiv u kwalitattiv. Il-koeżjoni territorjali hi marbuta mill-qrib mal-organizzazzjoni tal-iżvilupp territorjali, u l-interazzjoni ta' dan mal-politiki settorjali għadha tibqa' tiġi segwita u mmonitorjata minn perspettiva politika;

16. jemmen li d-Dokument ta' Ħidma għandu jittejjeb f'dan ir-rigward, sabiex iżid id-dibattitu politiku u biex isir "qafas ta' gwida" għall-politiki settorjali kollha;

17. jenfasizza l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali għall-effetti transkonfinali tal-politiki tal-UE fil-livell lokali u reġjonali. Il-koeżjoni territorjali tikkonċerna wkoll forom ġodda ta' sħubijiet bejn l-atturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili permezz ta' kooperazzjoni u netwerking fil-livell Ewropew. Din tinkludi b'mod partikolari l-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali. F'dan il-kuntest, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) jistgħu jkunu laboratorji tajbin għall-valutazzjoni tal-impatt transkonfinali;

C. ***Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali bħala element tal-iżvilupp territorjali Ewropew***

18. jiġbed l-attenzjoni għad-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet rilevanti rigward l-Iskema għall-Iżvilupp tal-Ispazju Ewropew EUREK (1999), l-Aġenda Territorjali tal-UE u l-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli (Mejju 2007), li permezz tar-rakkomandazzjonijiet għal politika integrata tal-iżvilupp territorjali joħolqu qafas Ewropew għall-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-potenzjal tar-reġjuni u l-bliet għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-ħolqien tal-impjiegi u biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-iżvilupp demografiku, il-bidliet strutturali fid-dinja kollha u t-tibdil fil-klima;

19. jilqa' l-ħidma tat-Triju ta' Presidenzi attwali fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali li ġie żviluppat matul il-Presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-UE (fit-tieni semestru tal-2011);

20. jemmen li l-Iskema għall-Iżvilupp tal-Ispazju Ewropew għandha bżonn tiġi aġġornata sabiex tikkunsidra l-bdil fiċ-ċirkostanzi territorjali, speċjalment wara l-aħħar ċikli ta' tkabbir u l-kriżi finanzjarja li kellha konsegwenzi spazjali importanti, u għalhekk jemmen li għandha tissokta l-ħidma fuq l-Aġenda Territorjali 2020;

21. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tiżviluppa d-dokument ta' ħidma tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali f'dan ir-rigward u biex tqis aktar l-aspetti tal-iżvilupp territorjali integrat fl-Ewropa;

D. ***Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020***

22. huwa mħasseb li l-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari, la tindirizza l-ispeċifiċitajiet u lanqas il-kompetenzi tal-bliet u r-reġjuni fl-Ewropa, kif ġie stabbilit ukoll fit-Tielet Rapport ta' Monitoraġġ tal-Istrateġija Ewropa 2020 li ġie ppubblikat mill-Kumitat tar-Reġjuni f'Ottubru 2012. Jemmen li d-diversità reġjonali tal-UE hi potenzjal li għadu ma ġiex sfruttat u li jirrikjedi dimensjoni transkonfinali u territorjali fit-tfassil tal-politiki tal-Istrateġija Ewropa 2020;

23. huwa tal-fehma li t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv jista' jinkiseb biss jekk l-azzjonijiet politiċi jqisu iżjed l-isfidi u l-potenzjal territorjali għall-iżvilupp fl-Ewropa. Sabiex ma jsirux l-istess żbalji li saru fl-Istrateġija ta' Lisbona, l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha tagħti attenzjoni biżżejjed lid-dimensjoni territorjali u l-potenzjal tagħha għall-inkoraġġiment ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

24. jissuġġerixxi li, fil-qafas tal-monitoraġġ kontinwu tal-Istrateġija Ewropa 2020 mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġu kkunsidrati aktar l-effetti territorjali tal-istess strateġija u għal dan il-għan għandhom jintużaw aktar il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali. Din it-talba tressqet ukoll f'ħafna mill-kontributi tal-konsultazzjoni li saret;

25. jenfasizza li l-governanza f'diversi livelli u s-sħubijiet huma fatturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-koeżjoni territorjali, u li għandha ssir enfasi fuq it-tisħiħ tal-approċċ ibbażat fuq il-post;

26. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżid din id-dimensjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 fid-Dokument ta' Ħidma tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali;

## E. *Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali bħala strument biex titjieb il-koordinazzjoni tal-politiki settorjali tal-UE*

27. jisħaq fuq il-bżonn li jiġu kkoordinati l-impatti territorjali tal-politiki settorjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll bejn l-UE u l-Istati Membri. Huwa tal-fehma li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali għandu jkun li titjieb il-koordinazzjoni tal-politiki differenti tal-UE fir-rigward tal-impatti territorjali tagħhom, speċjalment fil-livell lokali u reġjonali;

28. jemmen li l-ebda qasam ta' politika m'għandu jiġi eskluż *a priori* mill-valutazzjoni tal-impatt territorjali. L-impatti li jirriżultaw minn azzjoni proposta joħorġu fid-dieher biss wara li titlesta l-valutazzjoni. Meta jingħad li m'hemmx impatti territorjali f'valutazzjoni tal-impatt, trid tingħata ġustifikazzjoni appoġġjata minn analiżi adatta tas-sitwazzjoni;

29. huwa tal-fehma li l-valutazzjoni tal-impatt territorjali għandha tkun obbligatorja b'mod speċjali f'dawn l-oqsma ta' politika b'dimensjoni territorjali partikolarment qawwija: l-infrastruttura, il-politika ta' koeżjoni, it-trasport, l-enerġija u l-ambjent, is-suq intern, is-suq tax-xogħol u l-affarijiet soċjali, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-politika agrikola u l-politika tas-sajd, il-politika industrijali u tal-SMEs, l-edukazzjoni, il-politiki urbani u territorjali, l-iżvilupp taż-żoni rurali, is-servizzi ta' interess ġenerali, il-provvista u t-trattament tal-ilma, il-promozzjoni kulturali, il-promozzjoni tat-turiżmu u l-politiki kollha relatati mal-impatti fuq ċerti tipi ta' żoni;

30. jitlob għalhekk li jiġu eżaminati sa mill-bidu nett id-dimensjoni territorjali tal-miżuri tal-politiki settorjali flimkien mal-konsegwenzi ekonomiċi, ekoloġiċi u soċjali tagħhom, u b'mod partikolari l-impatti tagħhom fuq id-diversi livelli reġjonali u lokali, inklużi l-interazzjonijiet bejn il-livelli territorjali u l-implikazzjonijiet finanzjarji;

31. jenfasizza r-rwol ċentrali li jistgħu jaqdu l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali biex titjieb il-koordinazzjoni tal-politiki settorjali tal-UE għall-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali, u jemmen li m'hemm bżonn l-ebda att leġislattiv ġdid tal-UE għal dan il-għan u li l-piż amministrattiv għandu jinżamm baxx kemm jista' jkun; barra minn hekk, jappoġġja d-dikjarazzjoni fl-Aġenda Territorjali li għandhom jiġu żviluppati l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mtejba fil-livell tal-UE tal-iżvilupp territorjali u tal-prestazzjoni tal-isforzi tal-koeżjoni territorjali, filwaqt li jiġi żgurat li m'għandux jiżdied il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri. Il-prattiki u r-rekwiżiti eżistenti ta' valutazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-UE, inklużi dawk tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, għandhom jinkorporaw il-kunsiderazzjonijiet territorjali rilevanti ([2]);

([2]) Punt 49 fl-Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea 2020 – Lejn Ewropa ta' Diversi Reġjuni Inklużiva, Intelliġenti u Sostenibbli, approvata fil-Laqgħa Ministerjali Informali tal-Ministri responsabbli għall-Ippjanar Spazjali u l-Iżvilupp Territorjali fid-19 ta' Mejju 2011 f'Gödöllő, l-Ungerija.

32. ikompli jappoġġja b'mod sistematiku l-valutazzjonijiet *ex-post* tal-leġislazzjoni tal-UE bħala strument effiċjenti tar-regolamentazzjoni intelliġenti;

## F. *Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali*

33. jemmen li l-metodi u l-istrumenti proposti għall-appoġġ tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali (bħall-ESPON ARTS jew il-QUICKScan) huma biżżejjed biex ikejlu l-impatti territorjali potenzjali li proposta speċifika jista' jkollha fuq il-livell lokali u reġjonali;

34. għaldaqstant, ma jaqbilx mal-proposta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li valutazzjoni tal-impatt territorjali għandha ssir biss meta l-proposta leġislattiva tiffoka espliċitament fuq territorji speċifiċi jew meta l-proposta jista' jkollha impatt territorjali asimmetriku kbir (outlier impact). Pjuttost l-uniku mod kif jiġi evalwat l-impatt territorjali huwa li titwettaq valutazzjoni minn qabel tal-impatt territorjali u, għal din ir-raġuni, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, il-proposti leġislattivi kollha għandhom jiġu evalwati bħala regola ġenerali u jiġu eżentati biss f'każijiet eċċezzjonali u motivati kif dovut, u mhux bil-kontra;

35. jinnota li d-data disponibbli fil-livell Ewropew dwar il-livell lokali (NUTS III) u dak reġjonali (NUTS II) għad fiha nuqqasijiet konsiderevoli li jxekklu l-użu effiċjenti u mmirat tal-metodi eżistenti;

36. jistenna li fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-"PDG u lil hinn minnu" jitressqu aktar indikaturi sabiex tinkiseb stampa usa' tal-benesseri tas-soċjetà u tal-impatti territorjali; ifakkar li diġà jeżistu indikaturi disponibbli permezz tal-Eurostat li jippermettu li jitkejlu kwistjonijiet soċjali u ambjentali;

37. jissuġġerixxi li l-esperti u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw l-opportunità li jiġu involuti fil-workshops ippjanati dwar il-metodu QUICKScan;

38. jenfasizza r-rwol speċjali tal-Programm ESPON biex jiżdiedu sew ir-riċerka tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp territorjali u sew il-promozzjoni tal-iskambju tal-esperjenzi fl-Unjoni Ewropea, u jilqa' l-pubblikazzjoni ta' manwal dwar il-valutazzjoni tal-impatt terrtitorjali li hu msejjes fuq dak li jintqal fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni;

39. jemmen li hemm bżonn li minbarra l-iżvilupp tal-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali, jittieħdu wkoll miżuri għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-partijiet involuti f'dan il-qasam;

40. jissuġġerixxi li wara madwar sena jiġi analizzat jekk il-metodi u l-istrumenti tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali ħallewx frott u jekk hemmx bżonn li jiġu adattati jew jiżdiedu;

## G. *L-implimentazzjoni futura tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali fil-livell Ewropew*

41. jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2010 dwar l-involviment attiv

tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-valutazzjoni tal-impatt fil-livell Ewropew u għall-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-EUROSTAT u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka f'dan il-proċess;

42. jemmen li dan jista' jsir biss permezz ta' koordinazzjoni wiesgħa fi ħdan il-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali, biex b'hekk jitqiesu aktar l-interessi territorjali fil-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt ġenerali u jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni fit-tul ma' korpi oħrajn;

43. għaldaqstant, huwa tal-idea li l-għajnuna mhux vinkolanti għall-implimentazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali – kif jiġi ppreżentat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni – bl-ebda mod mhi biżżejjed biex tissodisfa l-esiġenzi tal-koeżjoni territorjali u tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali;

44. b'rabta ma' dan jemmen li tinħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn id-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-politika reġjonali, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Programm ESPON u l-Kumitat tar-Reġjuni sabiex jinsabu soluzzjonijiet prammatiċi għall-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

45. jemmen li huwa neċessarju li l-miżuri għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali jintrabtu mill-qrib mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni fl-aħħar tal-2012 għat-titjib tal-"Idoneità Regolatorja tal-UE" ([3]), u f'dan ir-rigward jirreferi għall-opinjoni separata tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-suġġett;

46. jinnota li l-valutazzjoni tal-impatt territorjali taqdi rwol importanti wkoll fil-livell nazzjonali sabiex jiġu identifikati minn kmieni l-konsegwenzi territorjali u jittieħdu l-miżuri adegwati;

47. jilqa' għalhekk l-impenn li daħlu għalih l-Istati Membri fil-qafas tal-Aġenda Territorjali, jiġifieri li huma stess iwettqu aktar valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u janalizzaw il-konsegwenzi fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jaħseb li tkun ħaġa siewja li l-Istati Membri jaqsmu b'mod regolari bejniethom u mas-sevizzi speċjalizzati tal-istituzzjonijiet tal-UE l-esperjenzi tagħhom fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, bil-għan li jiżguraw il-konsistenza metodoloġika u l-paragun tal-istudji;

48. iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu vantaġġ mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali bil-għan li l-konsultazzjoni titmexxa lejn il-partijiet interessati u milqutin, waqt li tiġi sfruttata l-esperjenza tagħhom bil-għan li jsiru l-mistoqsijiet it-tajba fil-mument adegwat u l-possibbiltà li l-partijiet interessati jiġu indirizzati bil-lingwa tagħhom, safejn possibbli;

## H. *Proposti għall-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fl-Unjoni Ewropea*

49. itenni t-talba li diġà għamel fl-Opinjoni dwar il-Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali, jiġifieri li titressaq White Paper dwar il-koeżjoni territorjali sabiex jiġi definit b'mod aktar ċar il-kunċett tal-koeżjoni territorjali u l-għanijiet tiegħu fil-livell tal-UE. Id-Dokument ta' Ħidma dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali ma jistax jissostitwixxi din il-White Paper;

50. huwa favur li l-valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-miżuri proposti ma ssirx biss għall-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni iżda għall-inizjattivi politiċi kollha, inklużi l-Komunikazzjonijiet, il-Green Papers u l-White Papers;

51. jappella lill-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE li jmiss biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-aspetti territorjali tal-politika ta' koeżjoni, ir-rwol tal-approċċ ibbażat fuq il-post u t-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

52. jissuġġerixxi li n-Netwerk tal-Punti ta' Kuntatt tal-Koeżjoni Territorjali jiddiskuti b'mod regolari l-valutazzjoni tal-impatt territorjali;

53. jissuġġerixxi wkoll li l-OPEN DAYS jintużaw ukoll biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew;

54. jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tinkariga lid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana biex iservi bħala ċentru ta' koordinazzjoni u kuntatt għall-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fi ħdan il-Kummissjoni u biex jirrappreżenta dan il-qasam fil-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Il-kompiti ta' dan il-punt ċentrali għandhom jinkludu li jeżamina l-programm ta' ħidma u l-programm tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni biex jara fejn hemm bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt territorjali, u li jorganizza l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali meħtieġa (bil-kooperazzjoni tad-Direttorat Ġenerali responsabbli kkonċernat);

55. joffri lill-Kummissjoni Ewropea li jikkoopera mill-qrib magħha fl-għażla u t-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, kif inhu diġà previst fil-Protokoll ta' Kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, billi jagħti l-appoġġ tiegħu lis-servizzi tal-Kummissjoni meta jkunu qed ifasslu l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

56. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba li huma partikolarment rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali (il-EUROSTAT, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-ESPON u l-Kumitat tar-Reġjuni), fejn ikunu jistgħu jitqassmu wkoll il-kompiti u l-ħidma biex jitwettaq dan il-proċess;

57. f'dan ir-rigward jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal rapport, l-aktar tard meta tippubblika r-Rapport li jmiss dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali fil-bidu tal-2014, dwar kif l-użu sistematiku tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali jista' jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE b'mod li tiġi appoġġjata l-koeżjoni territorjali u jiġu kkunsidrati aktar id-dimensjonijiet territorjali tal-politiki tal-UE;

58. jappella li l-esperti u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti b'mod sistematiku fit-tfassil u t-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

59. jappella li jkun hemm taħriġ avvanzat dwar il-kunċett u l-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi r-riżorsi meħtieġa għal dan il-għan;

([3]) http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/documents/1_MT_ACT_part1_v2.pdf.

60. jitlob li l-Programm ESPON jitkompla, u li ssir enfasi akbar fuq l-oqsma ta' riċerka ewlenin, li bla dubju ta' xejn jinkludu l-iżvilupp kontinwu tal-mudelli tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali sabiex isiru iktar viżibbli madwar l-istituzzjonijiet tal-UE u sabiex ir-riżultati jiġu integrati f'politiki attwali u li qed jiġu żviluppati b'mod adatt;

61. jappella lill-Kummissjoni biex tiddedika kapitolu mir-rapport tagħha dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt għall-implimentazzjoni u l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

62. jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali jiġu estiżi għall-Istrateġija Ewropa 2020 u l-proposti dwar is-Semestru Ewropew, u jtenni l-appell tiegħu li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea jinkludi kapitolu dwar id-dimensjoni reġjonali tas-Semestru Ewropew;

63. jisħaq li biex jiġu indirizzati l-effetti asimmetriċi identifikati mill-valutazzjoni tal-impatt territorjali, għandhom jiġu previsti miżuri u proċeduri adatti li jiggarantixxu l-involviment ta' dawk ikkonċernati direttament u b'mod partikolari tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

I. ***Ir-rwol futur tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali***

64. jenfasizza li l-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli u tas-sħubija huma fatturi ewlenin importanti biex tinkiseb il-koeżjoni territorjali u jiġi adottat approċċ ibbażat fuq il-post; Il-Kumitat tar-Reġjuni ser ikompli jaħdem biex dawn il-prinċipji jiġu applikati b'mod wiesa', kif intalab ukoll fil-konsultazzjoni tal-partijiet involuti kollha;

65. jisħaq fuq ir-rwol li jista' jaqdi biex jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fil-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, u jissuġġerixxi li l-ftehim li ntlaħaq fil-Protokoll konġunt ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni jintuża wkoll għall-kooperazzjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;

66. b'rabta ma' dan jipproponi wkoll li tinbena kooperazzjoni fit-tul b'mod partikolari mad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, mal-EUROSTAT, maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka kif ukoll mal-Programm ESPON;

67. huwa interessat ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jiżdied l-użu tal-prinċipju tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali fil-qafas ta' proċeduri leġislattivi; b'mod partikolari jħeġġeġ lill-Parlament Ewropew biex jawtorizza lid-direttorat tiegħu għall-valutazzjoni tal-impatt biex iwettaq analiżi antiċipattiva tal-impatt fil-fażi preleġislattiva; josserva li anke l-emendi li jressqu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-proposti leġislattivi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali u għaldaqstant l-impatt territorjali tagħhom għandu jiġi analizzat. Dan jippermetti li jsir użu aħjar u usa' tal-valutazzjonijiet tal-impatt fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

68. huwa lest ukoll li jaħdem mill-qrib fuq dan is-suġġett ma' msieħba oħrajn bħall-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll maċ-ċentri ta' riċerka u mal-korpi professjonali;

69. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tadotta miżuri biex ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jsiru jafu aktar dwar il-metodoloġiji u l-applikazzjonijiet possibbli tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, permezz tal-użu ta' mezzi adatti bħall-Programm tal-Patt tas-Sindki u Erasmus għas-Sindki, u joffri li hu stess jieħu sehem fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;

70. jemmen li hu importanti li fil-qafas tal-monitoraġġ kontinwu tal-Istrateġija Ewropa 2020 mill-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġu kkunsidrati aktar l-effetti territorjali tal-istess strateġija; f'dan il-kuntest jipproponi t-tfassil ta' indikatur tal-progress reġjonali li, abbażi ta' statistika reġjonali, ikun jista' jwassal għal analiżi aktar preċiża tal-impatt territorjali tal-Istrateġija Ewropa 2020; jappella wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tuża l-istrument tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali b'mod partikolari fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020;

71. beħsiebu jiżviluppa l-istrateġija tiegħu għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali (li tista' tkun parti minn strateġija ġenerali għall-valutazzjoni tal-impatt u li tikkunsidra r-riżultati disponibbli tal-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi), sabiex b'hekk joħloq qafas ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti f'dan ir-rapport.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-istrateġija ta' ċibersigurtà"**

(2013/C 280/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa' l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Kummissjoni u d-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni u jappoġġja l-objettiv tal-Istrateġija li jiġi żgurat spazju ċibernetiku miftuħ, sigur u mingħajr periklu u li l-ambjent onlajn tal-UE jkun l-iktar sigur fid-dinja;

— jemmen li jinħtieġ pakkett mill-aktar fis biex jgħaqqad il-ħidma eżistenti u dik proposta f'dan il-qasam u li dan ser jipprovdi viżjoni koordinata u strateġika għall-Ewropa. Il-pakkett huwa milqugħ sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni, titħeġġeġ il-kooperazzjoni, jitwettqu azzjonijiet ċari u deċiżivi, jinkiseb livell komuni ta' protezzjoni ċibernetika, tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi u n-netwerks tal-IT fir-rigward ta' theddid ċibernetiku ġdid u emerġenti u tonqos il-frammentazzjoni madwar l-UE;

— jirrakkomanda li l-Kummissjoni tippubblika pjan ta' azzjoni biex tispjega kif ser jaħdmu fil-prattika l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti fil-pakkett. Il-pjan ta' azzjoni ser jeħtieġ ukoll gwida għall-valutazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-effett tal-Istrateġija, sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni qed isseħħ u jekk hux qed jinkiseb progress;

— jenfasizza li l-pakkett il-ġdid għandu jgħin biex jittejbu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons għal inċidenti ċibernetiċi u għandu jwassal għal skambju aħjar tal-informazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-konfront ta' inċidenti ċibernetiċi ewlenin. Sabiex dan jinkiseb ser ikun hemm bżonn ta' sħubija ġenwina li taħdem u tinvolvi lill-Istati Membri, l-istituzzjonijeit tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | is-Sur Robert BRIGHT (UK/PSE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Newport |
| **Dokumenti ta' referenza** | Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea<br><br>JOIN(2013) 1 final<br><br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni<br><br>COM(2013) 48 final |

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Kummissjoni u d-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni u jappoġġja l-objettiv tal-Istrateġija li jiġi żgurat spazju ċibernetiku miftuħ, sigur u mingħajr periklu u li l-ambjent onlajn tal-UE jkun l-iktar sigur fid-dinja;

2. jistenna li l-pakkett il-ġdid dwar iċ-ċibersigurtà (li jinkludi l-Istrateġija u d-Direttiva) jgħolli l-istandards u jagħti kontribut ewlieni għall-iżvilupp tal-istandards tas-sigurtà ċibernetika madwar l-UE, inaqqas l-inċertezza legali, iżid il-fiduċja fis-servizzi onlajn, inaqqas l-ispejjeż bla bżonn u l-piżijiet amministrattivi u b'hekk jappoġġja s-Suq Uniku Diġitali u l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

3. jemmen li jinħtieġ pakkett mill-aktar fis biex jgħaqqad il-ħidma eżistenti u dik proposta f'dan il-qasam u li dan ser jipprovdi viżjoni koordinata u strateġika għall-Ewropa. Il-pakkett huwa milqugħ sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni, titheġġeġ il-kooperazzjoni, jitwettqu azzjonijiet ċari u deċiżivi, jinkiseb livell komuni ta' protezzjoni ċibernetika, tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi u n-netwerks tal-IT fir-rigward ta' theddid ċibernetiku ġdid u emerġenti u tonqos il-frammentazzjoni madwar l-UE;

4. jirrakkomanda li l-organizzazzjonijiet, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, jirrikonoxxu li l-indirizzar taċ-ċiberkriminalità hija ġlieda kontinwa, u huma mħeġġa jipprijoritizzaw it-theddida ta' attakki u interruzzjonijiet ċibernetiċi billi jidentifikaw d-dgħufijiet u jiżviluppaw kapaċitajiet organizzattivi għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' ksur. Hekk kif l-internet qed isir dejjem aktar parti integrali mill-ħajja taċ-ċittadini, it-theddida minaċċuża taċ-ċiberkriminalità qed tiżdied u tespandi fl-istess ħin. Iċ-ċiberkriminalità, fil-forom kollha tagħha, hija theddida sofistikata ġdida, li tiżviluppa b'mod mgħaġġel, għall-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tal-UE fis-seklu 21 u hija theddida li kulma jmur qed tiżdied f'termini ta' frekwenza u ta' kumplessità u m'għandhiex limiti;

5. jirrikonoxxi l-avvanzi ewlenin li l-UE għamlet sal-lum il-ġurnata biex tipproteġi aħjar liċ-ċittadini mill-kriminalità onlajn, anke billi pproponiet leġislazzjoni dwar l-attakki fuq is-sistemi tal-informazzjoni u permezz tat-tnedija ta' Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Onlajn. Il-pakkett għandu jibni fuq l-azzjonijiet preċedenti, inklużi dawk identifikati fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tal-2010 ([1]) u jiżviluppa politika Ewropea ta' difiża ċibernetika b'saħħitha. Fid-dawl ta' dan iħeġġeġ lill-koleġislaturi li bħalissa qed jiddiskutu l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar attakki kontra sistemi tal-informazzjoni ([2]) biex jaslu għal ftehim malajr kemm jista' jkun dwar il-proposta;

6. jappoġġja l-ambizzjoni tal-Istrateġija peress li l-għan tagħha mhuwiex biss l-armonizzazzjoni tal-kapaċitajiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà tal-Istati Membri u li tiġbor flimkien il-biċċiet differenti ta' ħidma eżistenti u proposta biex tistabbilixxi standards komuni u kundizzjonijiet ekwivalenti iżda għandha l-għan ukoll li tikkoordina u tikseb konsistenza bejn it-tliet oqsma ta' politika – l-infurzar tal-liġi, l-Aġenda Diġitali u l-politika ta' difiża, sigurtà u dik barranija – li l-kompetenzi tagħhom kienu separati;

7. jissuġġerixxi li l-pakkett jista' jibbenefika mill-evidenza li qed tinġabar minn gvernijiet nazzjonali, u li għandu jipproponi sensiela ta' standards armonizzati relatati mas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni;

8. jilqa' l-approċċ, li jinvolvi diversi partijiet interessati, meħud mill-pakkett fir-rigward tat-tfassil tal-politika. Il-pakkett jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni pubblika-privata, u tat-twaqqif ta' shubija ġenwina li taħdem b'riżorsi adegwati. Il-pakkett jimmira wkoll lejn it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali tal-UE, biex jinħoloq ambjent onlajn, prosperu, sigur u mingħajr perikli għall-kumpaniji, il-gvernijiet u ċ-ċittadini;

([1]) COM(2010) 245, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0245:FIN:MT:HTML
([2]) COM(2010) 517, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=M:2010:0517:FIN:MT:PDF

9. jilqa' l-miżuri proposti fid-Direttiva, inkluża r-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jadottaw strateġija nazzjonali ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, jistabbilixxu Gruppi ta' Rispons ta' Emerġenza tal-Kompjuters (CERTs – Computer Emergency Response Teams) biex jaħdmu mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA) u li jinħoloq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ċar fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-iskambju ta' twissijiet bikrija dwar riskji u inċidenti permezz ta' infrastruttura sigura. Dawn il-miżuri u l-approċċ regolatorju meħud fid-Direttiva għandhom jikkontribwixxu ħafna biex tittejjeb il-konsistenza, jiġi stabbilit livell minimu komuni ta' preparazzjoni fil-livell nazzjonali u jissaħħu d-difiżi ċibernetiċi madwar l-UE;

10. iheġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw malajr kemm jista' jkun il-proposta għal Direttiva dwar livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea;

11. jissuġġerixxi li jkun utli li l-pakkett jinkludi aktar dettalji dwar kif l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw, jiġbru u jqabblu data dwar iċ-ċiberkriminalità kif ukoll speċifiċitajiet addizzjonali dwar kif għandhom jiġu implimentati l-miżuri. Ser ikun hemm bżonn ta' sistemi ta' rappurtar komuni u aktar ċarezza dwar ir-rekwiżiti ta' notifika biex jiġu evitati l-inċertezza u n-nuqqas ta' konsistenza dwar kif awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni tiddefinixxi u tkejjel l-inċidenti ċibernetiċi li għandhom "impatt sinifikanti". Huwa assolutament importanti wkoll li fit-twaqqif ta' awtorità kompetenti tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni tiġi kkunsidrata d-diviżjoni tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk bi strutturi federali jew deċentralizzati ħafna;

12. għalhekk jesprimi xi tħassib dwar ċerti aspetti regolatorji u legali tal-pakkett, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' ċarezza fejn tidħol id-definizzjoni tal-kriterji li jridu jiġu sodisfati sabiex Stat Membru jkun awtorizzat jipparteċipa fis-sistema sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, aktar speċifikazzjoni tal-avvenimenti li jwasslu għal azzjoni ta' twissija bikrija, u d-definizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom l-operaturi tas-suq u l-amministrazzjonijiet pubbliċi huma meħtieġa jibagħtu notifika dwar l-inċidenti. L-assenza ta' regoli stabbiliti b'mod ċar dwar dawn il-kwistjonijiet timpedixxi ċ-ċertezza legali;

13. jesprimi tħassib li d-Direttiva tista' tqiegħed piż regolatorju mhux meħtieġ fuq l-intrapriżi u l-korpi pubbliċi. Għandu jsir minn kollox biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-regolamentazzjoni u biex jiġi żgurat li kwalunkwe regolamenti addizzjonali jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ser ikun partikolarment rilevanti għal dawk l-organizzazzjonijiet li abbli diġà għandhom obbligu ta' notifika li huwa sostanzjalment simili għal dak li qed jiġi kkunsidrat hawnhekk;

14. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tippubblika pjan ta' azzjoni biex tispjega kif ser jaħdmu fil-prattika l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti fil-pakkett. Il-pjan ta' azzjoni ser jeħtieġ ukoll gwida għall-valutazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-effett tal-Istrateġija, sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni qed isseħħ u jekk hux qed jinkiseb progress;

15. iheġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jiżviluppaw strateġija nazzjonali ta' ċibersigurtà (sal-2012 kien hemm 10 Stati Membri biss li fasslu tali strateġija) li tikkomplementa l-Istrateġija l-ġdida tal-UE. Il-komplementarjetà bejn l-istrateġiji nazzjonali, u l-Istrateġija tal-UE hija importanti sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Huwa importanti wkoll li l-azzjonijiet tal-UE jikkomplementaw l-istrutturi eżistenti u l-prattika tajba fl-Istati Membri;

16. jilqa' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika, inklużi t-tnedija ta' proġett pilota għall-ġlieda kontra l-botnets u l-malwer, l-impenn għat-titjib tal-kooperazzjoni bejn is-CERTs nazzjonali, l-ENISA u ċ-Ċentru Ewropew il-ġdid taċ-Ċiberkriminalità; l-iżvilupp ta' netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza nazzjonali taċ-ċiberkriminalità; u t-tnedija ta' pjattaforma pubblika-privata dwar soluzzjonijiet li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni biex jiġu żviluppati inċentivi għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet siguri tal-ICT. Ta' min jilqa' wkoll l-għan tal-Istrateġija li jlaqqa' l-partijiet rilevanti biex jiġi valutat il-progress fi żmien 12-il xahar;

17. jenfasizza li strateġija ta' ċibersigurtà li tirnexxi trid tkun ibbażata fuq il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Għal dan il-għan, huwa ta' importanza ewlenija li l-inċidenti li hemm suspetti li huma ta' natura kriminali serja jiġu rappurtati b'mod sistematiku lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

***L-involviment lokali u reġjonali***

18. jemmen li l-prijoritajiet elenkati fil-pakkett huma bbilanċjati u adatti. Il-prijoritajiet, bħall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-data personali u l-privatezza, il-governanza effiċjenti li tinvolvi diversi partijiet interessati u r-responsabbiltà kondiviża għall-iżgurar tas-sigurtà, ilkoll huma oqsma fejn il-bliet u r-reġjuni għandhom jaqdu rwol ewlieni fil-kapaċità tagħhom ta' detenturi tal-informazzjoni tas-settur pubbliku;

19. jissuġġerixxi li r-reġjuni jiġu rikonoxxuti flimkien mal-Istati Membri bħala l-promoturi ewlenin ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-utenti u l-produtturi ta' innovazzjonijiet tal-ICT f'partijiet differenti tal-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet, inklużi s-sigurtà ċibernetika u l-protezzjoni tad-data;

20. jenfasizza li l-pakkett il-ġdid għandu jgħin biex jittejbu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons għal inċidenti ċibernetiċi u għandu jwassal għal skambju aħjar tal-informazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-konfront ta' inċidenti ċibernetiċi ewlenin. Sabiex dan jinkiseb ser ikun hemm bżonn ta' sħubija ġenwina li taħdem u tinvolvi lill-Istati Membri, l-istituzzjonijeit tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili;

21. jagħraf li l-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku ser tirrikjedi aktar riżorsi, sensibilizzazzjoni dwar it-theddida li tirrappreżenta ċ-ċiberkriminalità u l-bżonn ta' ċibersigurtà effettiva u adegwata. Fir-rigward tal-governanza f'diversi livelli, approċċ b'saħħtu għaċ-ċibersigurtà għandu jikkunsidra l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jiġu involuti bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-governanza ta' inizjattivi relatati mal-ICT;

22. jemmen li peress li l-ksur tas-sigurtà jikkostitwixxi theddida għas-servizzi pubbliċi, pereżempju l-ilma u l-enerġija lokali, u peress li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw u jipposedu ħafna prodotti u servizzi ta' informazzjoni diġitali, dawn għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità, il-ġbir ta' data relatata mal-ispazju ċibernetiku u l-protezzjoni tas-sigurtà tad-data. Kulma jmur l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jingħataw aktar responsabbiltà biex jipprovdu, pereżempju, servizzi diġitali liċ-ċittadini u l-komunitajiet u jipprovdu taħriġ fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-iskejjel. Il-gvernijiet, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali, huma responsabbli għas-salvagwardja tal-aċċess u tat-trasparenza, filwaqt li jiġu rispettati u protetti d-drittijiet fundamentali onlajn u jinżammu l-affidabbiltà u l-interoperabbiltà tal-internet;

23. jissuġġerixxi li, bil-għan li jkun hemm tfassil aħjar tal-liġijiet u fid-dawl tal-kompetenzi u r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura fil-qasam tal-ICT (b'mod partikolari għal aspetti relatati mal-privatezza, il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà), dawn l-awtoritajiet għandhom jiġu kkonsultati b'mod sistematiku mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kemm fit-tfassil kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' miżuri intiżi biex l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tidħol fis-seħħ. Fil-fatt huwa ta' dispjaċir li ma sar l-ebda sforz partikolari biex jinġabru l-fehmiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija tal-proposta għal Direttiva. Il-KtR għamilha ċara li hu lest jgħin lill-Kummissjoni bil-konsultazzjonijiet preleġislattivi, kif iddikjarat fil-Protokoll dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-KtR ([3]);

24. jirrakkomanda li jiġu inklużi miżuri applikabbli għal-livell lokali u reġjonali fl-Artikolu 14 (1) tad-Direttiva. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu t-tfassil ta' valutazzjoni tar-riskju u tal-proċess ta' ġestjoni, l-infurzar tal-politika tas-sigurtà tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà u t-titjib tal-kompetenzi u l-ħiliet diġitali;

25. jenfasizza li, fil-livell sottonazzjonali, għandhom jitħeġġu u jiġu żviluppati sħubijiet bejn l-atturi rilevanti kollha għall-ħidma fuq azzjonijiet ikkoordinati għaċ-ċibersigurtà u biex dawn jikkontribwixxu għall-azzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà fil-livell nazzjonali u dak tal-UE sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità elettronika u jiġu minimizzati l-effetti tagħha kkawżati minn serq dirett tal-proprjetà finanzjarja jew intellettwali, l-isfrattar tal-komunikazzjonijiet jew ħsara lid-data li hija ta' importanza kritika għan-negozju;

### *Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità*

26. jinnota li, b'mod ġenerali, jidher li ġew sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-bżonn ta' azzjoni tal-UE u l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE. L-azzjonijiet proposti huma neċessarji għaliex jinvolvu aspetti transnazzjonali li ma jistgħux jiġu regolati sew mill-Istati Membri jew/u mill-awtoritajiet lokali u reġjonali waħedhom. L-azzjonijiet proposti x'aktarx jipprovdu wkoll benefiċċju ċar meta mqabbel ma' azzjoni iżolata fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali għax, pereżempju, id-data personali hija trasferita bejn il-fruntieri nazzjonali, kemm dawk interni kif ukoll dawk esterni, b'rati dejjem aktar mgħaġġla. Barra minn hekk, l-obbligi regolatorji fil-livell tal-UE ser jgħinu b'mod ċar biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti u biex jiġu eliminati l-lakuni leġislattivi;

27. jilqa' l-impenn tad-Direttiva fundamentali fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fid-dawl tal-aspetti transkonfinali tal-inċidenti u r-riskji tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ir-riċerka turi li ċ-ċittadini tal-UE jafdaw lill-istituzzjonijiet bħall-Kummissjoni fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali ([4]). Id-Direttiva essenzjalment tikkonforma wkoll mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi tiżgura li l-proposta għal Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-objettivi. Madanakollu l-fatt li l-proposta tipprevedi biss awtorità kompetenti waħda jew CERT nazzjonali wieħed għal kull pajjiż iqajjem tħassib fir-rigward tar-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tal-istrutturi interni ta' governanza tal-Istati Membri tal-UE;

28. jemmen li, filwaqt li l-bażi legali tal-pakkett hija msejsa fuq l-Artikoli 26 u 114 tat-TFUE, l-azzjonijiet proposti jmorru lil hinn minn dawn l-Artikoli peress li l-proposta tkopri s-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-sistemi ta' informazzjoni interni bħall-intranet;

### *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*

29. jilqa' l-impenn tad-Direttiva fir-rigward tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-istandards, il-prinċipji u l-valuri tal-UE għandhom japplikaw kemm fid-dinja diġitali kif ukoll f'dik fiżika. It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandhom jinkludu l-bżonnijiet tal-membri kollha tas-soċjetà, inklużi dawk li qegħdin fil-periklu ta' esklużjoni soċjali. L-utenti kollha tal-internet għandhom jippretendu standards minimi f'firxa wiesgħa ta' bżonnijiet, inklużi l-affidabbiltà, is-sigurtà, it-trasparenza, is-sempliċità, l-interoperabbiltà u t-tnaqqis tar-riskju u tar-responsabbiltà. Fl-interess tal-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali, iċ-ċertezza legali u ż-żamma tar-riżerva ta' skrutinju parlamentari, il-Kumitat jitlob għal iktar regoli konkreti li jiddefinixxu l-istandards tas-sigurtà

([3]) Il-Protokoll dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni, li ġie ffirmat fis-16 ta' Frar 2012, R/CdR 39/2012 punt 7.

([4]) http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_359_en.pdf

tan-netwerk u l-informazjoni li għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva nnifisha. F'dan ir-rigward għandhom jitfasslu b'mod partikolari rekwiżiti għas-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali, il-ħarsien tad-data u l-liġi dwar is-sigurtà tad-data;

30. jenfasizza li t-tentattivi għall-protezzjoni u d-difiża taċ-ċittadini onlajn għandhom ikunu bbilanċjati b'mod adatt mad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mogħtija liċ-ċittadini fil-Karta. L-importanza li l-politiki ċibernetiċi jħaddnu l-valuri ewlenin tal-UE hija milqugħa. Kif enfasizzat f'Opinjonijiet preċedenti ([5]), ser ikun kruċjali li jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha ta' sigurtà huma sodisfatti f'kull livell sabiex jiġu żgurati l-aqwa livelli ta' privatezza u protezzjoni tad-data personali u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe tip ta' traċċar mhux awtorizzat tal-informazzjoni u l-profili personali;

31. jenfasizza li minkejja li l-operaturi privati qed isiru dejjem aktar responsabbli għall-infrastrutturi kritiċi u s-servizzi onlajn u l-bżonn li jiġi rikonoxxut ir-rwol tas-settur privat, fl-aħħar mill-aħħar, l-Istat għandu jkun responsabbli kemm għall-preservazzjoni tal-libertà kif ukoll għall-protezzjoni tas-sigurtà taċ-ċittadini tiegħu onlajn;

***Is-semplifikazzjoni***

32. jinnota li l-introduzzzjoni madwar l-Ewropa tal-prinċipju li d-dettalji tal-individwi u d-dettalji tal-oġġetti jiġu reġistrati darba waħda biss, it-tneħħija tal-bżonn li formola timtela ripetutament ser tikkontribwixxi ħafna għall-eliminazzjoni ta' burokrazija żejda għall-pubbliku u ser tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-amministrazzjoni pubblika. Għaldaqstant, huwa importanti li jiġi żgurat li l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data tibqa' tiġi rispettata;

***It-taħriġ***

33. jenfasizza li difiżi ċibernetiċi effettivi jirrikjedu t-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal, inklużi dawk li jaħdmu fi ħdan l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għandu jiġi provdut taħriġ estensiv għall-persunal kollu, b'mod partikolari għat-tekniċi speċjalizzati, il-persunal li jaħdem direttament fil-qasam tal-proċeduri tas-sigurtà jew li huwa involut indirettament fl-inizjattivi ta' innovazzjoni u ta' modernizzar fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-fiduċja u s-sigurtà. It-taħriġ kontinwu huwa importanti għas-suċċess tal-governanza elettronika lokali, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jaqdu rwol dejjem akbar fil-provvista ta' informazzjoni u gwida liċ-ċittadini dwar kif jużaw is-sistemi sew u kif jirrikonoxxu t-theddid ċibernetiku ([6]);

34. jenfasizza li l-involviment tal-livell tal-ġestjoni huwa fattur importanti ħafna tas-suċċess. Għal din ir-raġuni hemm bżonn ta' taħriġ immirat tal-gruppi eżekuttivi u ta' ġestjoni sabiex jingħataw għarfien u bażi tajba għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà fl-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom;

35. jinnota t-titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tal-introduzzjoni tat-taħriġ dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni u t-twaqqif ta' kampjonat taċ-ċibersigurtà fl-2014. Dan għandu jikkunsidra l-avvenimenti stabbiliti li jiġu organizzati fl-Istati Membri u jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki. Jilqa' l-ambizzjoni li permezz tal-Istrateġija jiġi introdott it-taħriġ dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-iskejjel. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-edukazzjoni hija kompetenza tal-Istati Membri, jissuġġerixxi li sabiex dan jinkiseb sal-2014 ser ikun hemm bżonn ta' riżorsi u pjanar konsiderevoli;

***Appoġġ għall-intrapriżi, l-innovazzjoni u s-soluzzjonijiet tekniċi***

36. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-protezzjoni tal-privatezza tiddependi minn ċerti fatturi, inklużi l-istrutturar tal-korpi tas-settur pubbliku (li l-biċċa l-kbira huma fil-livell lokali), il-konverġenza tal-leġislazzjoni tal-UE, it-trawwim ta' kultura innovattiva fost l-uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi, anke permezz tal-użu ta' kodiċi komuni tal-etika, u fost iċ-ċittadini billi jiġu definiti d-drittijiet tal-konsumatur diġitali u jkun hemm sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward, u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-ICT;

37. itenni li attivitajiet oħrajn għandhom jistimolaw u jħeġġu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-indirizzar ta' kontenut illegali u mġiba dannuża onlajn, u għandhom ikunu mmirati wkoll lejn il-promozzjoni ta' kooperazzjoni u skambju tal-aħjar prattika fost firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fil-livell lokali, reġjonali, Ewropew u internazzjonali. F'dan ir-rigward, huma importanti ħafna l-help-lines għat-tfal, il-ġenituri u dawk inkarigati jieħdu ħsieb individwi oħra, il-hotlines biex jiġi rappurtat l-abbuż, is-softwer li jippermetti l-identifikazzjoni mtejba ta' kontenut abbużiv u r-rappurtar faċli u ta' malajr;

38. jirrakkomanda li jsir kull sforz biex jiżdied il-persentaġġ żgħir ta' intrapriżi fl-UE (26 % f'Jannar 2012) li fasslu formalment politika ta' sigurtà tal-ICT ([7]). L-intrapriżi ta' kull daqs għandhom jitħeġġu jinvestu fiċ-ċibersigurtà, investiment li jista' jintuża bħala għodda ta' kummerċjalizzazzjoni għal klijenti prospettivi u fl-istess ħin għall-mitigazzjoni tal-effetti katastrofiċi taċ-ċiberkriminalità. L-intrapriżi għandhom jadottaw approċċ immexxi min-negozju fir-rigward taċ-ċibersigurtà, bl-appoġġ tat-teknoloġija, filwaqt li jipprijoritizzaw l-aktar assi jew proċessi importanti tan-negozju tagħhom;

([5]) CdR 104/2010 fin.

([6]) http://www.enisa.europa.eu/publications/archive/scandinavian-approaches-survey

([7]) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/ICT_security_in_enterprises

### *Il-potenzjal ekonomiku tal-ICTs*

39. jenfasizza li, fid-dawl tal-potenzjal ekonomiku enormi tal-ICTs għall-ekonomija Ewropea (attwalment madwar 6 % tal-PDG tal-UE ([8])), issa jinħtieġu passi konkreti biex jiġi indirizzat il-fenomenu taċ-ċiberkriminalità u terġa' titrawwem il-fiduċja fis-sigurtà tal-internet kemm min-naħa taċ-ċittadini kif ukoll min-naħa tal-kumpaniji (u fil-proċess jitnaqqas l-ammont ta' utenti tal-internet fl-UE li huma mħassba dwar is-sigurtà, pereżempju, tal-pagamenti onlajn ([9]));

40. itenni li sabiex jonqsu l-ammonti enormi ta' fondi li jintilfu minħabba ċ-ċiberkriminalità u tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi, jinħtieġu sforzi urġenti fil-livell lokali/reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità;

41. jissuġġerixxi li jkun utli li l-Istrateġija tinkludi aktar dettalji dwar kif għandu jiġi protett u żviluppat il-cloud computing, li għandu potenzjal ekonomiku enormi. Ma jidhirx li ż-żieda rapida fl-użu ta' apparat elettroniku ser tbatti. Skont Gartner, sal-2016 tal-anqas 50 % tal-utenti tal-posta elettronika mobbli tal-intrapriżi ser ikunu qed jiddependu minn tagħmir u sistemi mobbli (mobile client) ([10]). Għandhom jiġu analizzati l-problemi u l-opportunitajiet ġodda li jinħolqu mill-apparat elettroniku mobbli u l-cloud computing. Barra minn hekk, il-cloud computing jeħtieġ struttura adatta għall-ksib tal-aqwa livelli ta' sigurtà ([11]). Fil-fatt, il-Kumitat esprima t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-cloud computing ma titkellimx f'biżżejjed dettall dwar ir-rabtiet bejn l-istrateġija proposta u kwistjonijiet oħra, bħall-ipproċessar sigur tad-data, il-liġi tad-dritt tal-awtur kif ukoll l-iżvilupp tal-aċċessibilità u l-portabbiltà tad-data ([12]);

### *Il-kooperazzjoni internazzjonali*

42. jemmen li fid-dawl tat-theddida globali, interkonnessa u transkonfinali taċ-ċiberkriminalità l-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali lil hinn mill-fruntieri tal-UE huma mħeġġa wkoll sabiex jiġi żgurat approċċ verament globali u koordinat għaċ-ċibersigurtà. F'dan ir-rigward, l-Istati kollha għandhom jitħeġġu jimpenjaw lilhom innifishom fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar iċ-Ċiberkriminalità (il-Konvenzjoni ta' Budapest) ([13]). Hija importanti wkoll il-kooperazzjoni kontinwa fil-livell bilaterali, b'mod partikolari mal-Istati Uniti, u fil-livell multilaterali ma' firxa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

### *Ir-rabtiet mal-programmi ta' finanzjament tal-UE u l-qafas baġitarju*

43. jenfasizza l-importanza li tittejjeb il-koordinazzjoni mal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u futuri, bħall-Orizzont 2020, il-Qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea, u l-Fond għas-Sigurtà Interna, sabiex jiġi żgurat approċċ aktar ikkoordinat fir-rigward tal-investimenti ċibernetiċi;

44. jistaqsi jekk l-allokazzjoni baġitarja ta' EUR 1.25 miljun hijiex ser tkun biżżejjed biex tiġi provduta infrastruttura tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni b'saħħitha u adegwata, u jinsab iddiżappuntat dwar it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-ftehim tal-Kunsill tat-8 ta' Frar dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Jinħtieġ baġit akbar u b'saħħtu biex jiġi provdut l-appoġġ finanzjarju għall-infrastruttura ewlenija tal-ICT, li torbot il-kapaċitajiet tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni tal-Istati Membri u b'hekk tiffaċilita l-kooperazzjoni madwar l-UE.

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

### Emenda 1

Preambolu (4)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u l-iskoperta u r-rispons ikkoordinati rigward is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni (**"NIS"**). Biex dak il-mekkaniżmu jkun effettiv u inklużiv, huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jkollhom kapaċitajiet minimi u strateġija li tiżgura livell għoli tal-NIS fit-territorju tagħhom. Rekwiżiti minimi ta' sigurtà għandhom japplikaw ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi ta' infrastruttura kruċjali tal-informazzjoni sabiex jippromovu kultura ta' ġestjoni tar-riskju u jiżguraw li l-inċidenti l-aktar serji jiġu rrapportati. | Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u l-iskoperta u r-rispons ikkoordinati rigward is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni ("NIS"). Biex dak il-mekkaniżmu jkun effettiv u inklużiv, huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jkollhom kapaċitajiet minimi u strateġija li tiżgura livell għoli tal-NIS fit-territorju tagħhom. Rekwiżiti minimi ta' sigurtà għandhom japplikaw ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, **inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali**, u l-operaturi ta' infrastruttura kruċjali tal-informazzjoni sabiex jippromovu kultura ta' ġestjoni tar-riskju u jiżguraw li l-inċidenti l-aktar serji jiġu rrapportati. |

([8]) http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-13-71_en.htm
([9]) http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_390_en.pdf
([10]) http://www.sophos.com/medialibrary/PDFs/other/SophosSecurityThreatReport2012.pdf
([11]) http://www.mcafee.com/hk/resources/reports/rp-sda-cyber-security.pdf
([12]) CdR 1673/2012.
([13]) http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/ChercheSig.asp?NT=185&CM=&DF=&CL=ENG

## Emenda 2

Preambolu (9)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Biex jikseb u jżomm livell għoli komuni ta' sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, kull Stati Membru għandu jkollu strateġija nazzjonali dwar il-NIS li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u l-azzjonijiet politiċi konkreti li għandhom ikunu implimentati. Jeħtieġu li jiġu żviluppati pjanijiet ta' kooperazzjoni tal-NIS fil-livell nazzjonali li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali sabiex jintlaħqu livelli ta' rispons ta' kapaċità li jippermettu kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni f'każ ta' inċidenti. | Biex jikseb u jżomm livell għoli komuni ta' sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, kull Stati Membru għandu jkollu strateġija nazzjonali dwar il-NIS li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u l-azzjonijiet politiċi konkreti li għandhom ikunu implimentati. Jeħtieġu li jiġu żviluppati pjanijiet ta' kooperazzjoni tal-NIS fil-livell nazzjonali, **bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali**, li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali sabiex jintlaħqu livelli ta' rispons ta' kapaċità li jippermettu kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni f'każ ta' inċidenti. |

## Emenda 3

Preambolu (35)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' preparazzjoni tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tassigura trażmissjoni simultanja, f'ħinha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' preparazzjoni tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, **bil-għan li jiġu supplementati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tal-att bażiku**, għandha tassigura trażmissjoni simultanja, f'ħinha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

## Emenda 4

Kapitolu 4

Artikolu 14(1)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Ir-rekwiżiti ta' sigurtà u n-notifika tal-inċidenti | Ir-rekwiżiti ta' sigurtà u n-notifika tal-inċidenti |
| 1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jindirizzaw ir-riskji maħluqa għas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni li huma jikkontrollaw u jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. Wara li jikkunsidraw l-aħħar teknoloġiji, dawn il-miżuri għandhom jiggarantixxu livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju ppreżentat. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt tal-inċidenti li jaffettwaw is-sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom fuq is-servizzi ewlenin li jipprovdu u b'hekk jassiguraw il-kontinwità tas-servizzi msejsa fuq dawk is-sistemi ta' netwerks u ta' informazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jindirizzaw ir-riskji maħluqa għas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni li huma jikkontrollaw u jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. **Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fil-livell lokali u reġjonali, it-twaqqif ta' proċess ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju, l-infurzar tal-politika tas-sigurtà tal-informazzjoni u t-tisħiħ fil-perċezzjoni ta' kwistjonijiet taċ-ċibersigurtà u t-titjib fil-kompetenzi u l-ħiliet diġitali.** Wara li jikkunsidraw l-aħħar teknoloġiji, dawn il-miżuri għandhom jiggarantixxu livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju ppreżentat. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt tal-inċidenti li jaffettwaw is-sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom fuq is-servizzi ewlenin li jipprovdu u b'hekk jassiguraw il-kontinwità tas-servizzi msejsa fuq dawk is-sistemi ta' netwerks u ta' informazzjoni. |

***Raġuni***

Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità huwa kruċjali u għandu jiġi rikonoxxut bis-sħiħ.

**Emenda 5**

Kapitolu 4

Artikolu 16

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-istandardizzazzjoni | L-istandardizzazzjoni |
| 1. Biex tkun żgurata implimentazzjoni konverġenti tal-Artikolu 14(1), l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet rilevanti għas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. | 1. Biex tkun żgurata implimentazzjoni konverġenti tal-Artikolu 14(1), l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet **armonizzati** rilevanti għas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. |
| 2. Il-Kummissjoni għandha tfassal, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni lista tal-istandards imsemmija fil-paragrafu 1. Il-lista għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | 2. Il-Kummissjoni għandha tfassal, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni lista tal-istandards imsemmija fil-paragrafu 1. Il-lista għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. |

***Raġuni***

Il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi li l-applikazzjoni ta' standards diverġenti mid-diversi Stati Membri hija sfida kbira. Għalhekk, l-armonizzazzjoni tal-istandards hija essenzjali sabiex jiġi żgurat livell komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-UE.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Bliet u komunitajiet intelliġenti — sħubija Ewropea għall-innovazzjoni"**

(2013/C 280/06)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jisħaq li l-awtoritajiet lokali mhumiex biss dawk li jippermettu l-attività tal-industrija jew il-klijenti tagħha, iżda għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll għar-rwol fundamentali tagħhom bħala pijunieri u innovaturi;

— jenfasizza li l-approċċ immexxi mill-industrija rakkomandat mill-Kummissjoni għandu jkun ibbażat fuq ħtiġijiet taċ-ċittadini definiti sew u li għalihom ikun hemm evidenza konkreta. L-awtoritajiet lokali jaqdu rwol kruċjali meta jiġu stabbiliti u formulati l-bżonnijiet u d-domandi tal-atturi pubbliċi u privati lokali, bħall-intrapriżi, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u r-residenti lokali. Din ir-relazzjoni deċiżiva tinkludi konsultazzjonijiet u mekkaniżmi effettivi għall-parteċipazzjoni fil-livell lokali u għandha tingħata post prominenti;

— jaħseb li l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kriterji għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' soluzzjonijiet innovattivi rivoluzzjonarji u għandha tiżgura li din il-proċedura tkun trasparenti, miftuħa u preferibbilment marbuta ma' proċedura speċifika tal-offerti u jkollha finanzjament suffiċjenti;

— jirrakkomanda li l-Kummissjoni tfassal gwida ċara li tinkludi l-programmi u l-inizjattivi Ewropej kollha li jipprovdu l-finanzjament għall-proġetti innovattivi li jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tal-BKI, fosthom inizjattivi bħall-Karta Ħadra Diġitali, il-Patt tas-Sindki, CIVITAS, Concerto, eċċ., bħala ġabra ġenerali ta' informazzjoni dwar il-programmi kollha relatati mal-bliet u l-komunitajiet intelliġenti;

— jenfasizza, b'mod partikolari, li l-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti ser ikun aspett ċentrali fil-ħidma marbuta mal-BKI.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur REEPALU (SE/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Malmö |
| **Dokument ta' referenza** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Bliet u Komunitajiet Intelliġenti – Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni<br>C(2012) 4701 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

***Kummenti ġenerali***

1. jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Bliet u Komunitajiet Intelliġenti – Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, il-Kummissjoni qed tieħu l-inizjattiva li tniedi sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fl-użu konġunt tar-riżorsi bil-għan li tiżviluppa u xxerred soluzzjonijiet tekniċi innovattivi bbażati fuq l-integrazzjoni tal-enerġija, tat-trasport u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) fiż-żoni urbani;

2. jaqbel mal-Kummissjoni li waħda mill-ikbar sfidi tal-UE hija li tiżviluppa l-bliet tagħha f'ambjenti intelliġenti u sostenibbli minn perspettiva soċjali, ekonomika u ambjentali. Il-KtR diġà saħaq kemm-il darba fuq l-importanza ta' miżuri u bidliet effettivi li jappoġġjaw u jiżviluppaw l-isforzi favur soċjetà sostenibbli fit-tul, li tikkontribwixxi għat-titjib tal-ambjent urban, tas-saħħa pubblika u fl-aħħar mill-aħħar tal-benesseri soċjali. Fl-istess ħin jenfasizza li l-bliet huma marbutin mill-qrib, sew mil-lat ekonomiku, sew mil-lat soċjali kif ukoll mil-lat ambjentali, maż-żona ta' madwarhom u maż-żoni rurali u li din ir-rabta taqdi rwol importanti fl-iżvilupp bilanċjat u sostenibbli kemm taż-żoni urbani kif ukoll ta' dawk rurali, għaliex iż-żoni rurali jiġu mniġġsa mill-emissjonijiet fl-atmosfera u fl-ilma tal-bliet;

3. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tniedi sħubija għall-innovazzjoni. Jifraħ li b'din l-inizjattiva l-Kummissjoni tenfasizza u tirrikonoxxi r-rwol prominenti tal-bliet u l-awtoritajiet lokali fil-ħidma kollha tal-UE biex tiġġenera tkabbir intelliġenti, sostenibbli u soċjalment inklużiv. Għandu jiġi enfasizzat li l-bliet sikwit imexxu l-isforzi biex tiġi żviluppata soċjetà sostenibbli fit-tul. Dan l-iżvilupp pożittiv u l-ambizzjonijiet kbar tal-bliet għandhom jiġu appoġġjati u mħeġġin fil-qafas tal-ħidma tal-UE;

4. jemmen li wieħed mill-iżjed aspetti essenzjali għall-ħolqien ta' bliet intelliġenti huwa l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-interoperabilità u l-integrazzjoni tas-sistemi. Għalhekk, jilqa' l-approċċ propost mill-Kummissjoni li jintużaw soluzzjonijiet sistemiċi integrati u huwa konvint li s-soluzzjonijiet ta' dan it-tip ser iwasslu għal valur miżjud konsiderevoli meta mqabbla mal-approċċi settorjali. F'oqsma oħra, il-proġetti u s-soluzzjonijiet settorjali jistgħu jkunu miżuri u soluzzjonijiet komplementari effettivi;

5. jenfasizza li l-piż u l-importanza tat-tliet oqsma teknoloġiċi tas-sħubija għall-Bliet u l-Komunitajiet Intelliġenti (BKI) jistgħu jvarjaw skont kemm il-proġetti jkunu jinkludu soluzzjonijiet sistemiċi innovattivi sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet identifikati. Barra minn hekk, il-KtR huwa tal-fehma li waqt l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti u s-soluzzjonijiet għandu jkun possibbli wkoll li jiġu inklużi oqsma oħra li jikkontribwixxu għall-iżvilupp urban sostenibbli (bħall-ilma, l-iskart u l-arja, l-ippjanar strateġiku, u innovazzjonijiet ta' servizz li jistimolaw lin-nies jużaw u jiżviluppaw soluzzjonijiet ġodda), jekk dawn l-oqsma jgħinu biex jinkiseb valur miżjud mil-lat tat-tkabbir;

6. jinnota li l-Kummissjoni tipproponi li s-sħubija għandha titmexxa mill-industrija bil-kooperazzjoni tal-bliet. Bis-saħħa ta' din l-inizjattiva, is-soluzzjonijiet innovattivi rivoluzzjonarji li jkunu bbażati fuq l-integrazzjoni tat-teknoloġiji fil-qasam tal-enerġija u t-trasport, bl-appoġġ tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, jidħlu fis-swieq tal-bliet b'mod aktar faċli;

7. jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol ċentrali u ta' spiss prominenti tal-awtoritajiet lokali sabiex tissokta l-ħidma fil-futur. L-awtoritajiet lokali individwali jew assoċjati ta' kull daqs demografiku għandhom jingħataw rwol ċentrali fl-istrateġiji u l-proġetti li jiġu mfassla u adottati fil-qafas tas-sħubija BKI (bħall-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni), u għandu jkollhom ir-rwol prinċipali f'kull deċiżjoni li tinvolvi r-riżorsi pubbliċi lokali;

8. jisħaq li l-awtoritajiet lokali mhumiex biss dawk li jippermettu l-attività tal-industrija jew il-klijenti tagħha, iżda għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll għar-rwol fundamentali tagħhom bħala pijunieri u innovaturi;

9. jinnota, barra minn hekk, li l-approċċ immexxi mill-industrija rakkomandat mill-Kummissjoni għandu jkun ibbażat fuq ħtiġijiet taċ-ċittadini definiti sew u li għalihom ikun hemm evidenza konkreta. L-awtoritajiet lokali huma l-eqreb livell taċ-ċittadini u jaqdu rwol kruċjali meta jiġu stabbiliti u formulati l-bżonnijiet u d-domandi tal-atturi pubbliċi u privati lokali (bħall-intrapriżi, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u r-residenti lokali). Din ir-relazzjoni deċiżiva tinkludi, fost affarijiet oħrajn, konsultazzjonijiet u mekkaniżmi effettivi għall-parteċipazzjoni fil-livell lokali u għandha tingħata post prominenti fil-qafas tal-ħidma. B'dan il-mod jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jkunu bbażati fuq id-domanda unika u konkreta tal-awtoritajiet, l-atturi u ċ-ċittadini lokali u li, għall-kuntrarju tas-soluzzjonijiet settorjali li kultant ma jipprovdux l-aqwa riżultati possibbli, iwasslu għal valur miżjud;

10. jilqa' b'sodisfazzjon l-għan fit-tul tal-Kummissjoni għall-inizjattiva BKI, jiġifieri li sal-2020 tiżviluppa u xxerred mill-inqas 20 soluzzjoni innovattiva rivoluzzjonarja li jikkombinaw flimkien l-enerġija, it-trasport u l-ICT. F'dan il-kuntest jisħaq li

hu importanti ħafna li jinħolqu l-kundizzjonijiet adegwati biex is-soluzzjonijiet innovattivi jkunu jistgħu jiġu riprodotti, adattati u implimentati f'ħafna bliet tal-UE. Huwa kuntent li l-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri fuq in-naħa tad-domanda (bħall-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju ġodda). Sabiex jinkiseb dan, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrikjedi li wieħed mill-kriterji fis-selezzjoni ta' proġetti jkun li l-proposta tkun turi rabta qawwija bejn is-soluzzjoni innovattiva u rivoluzzjonarja u l-implimentazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riżultati għall-applikazzjoni f'reġjuni u muniċipalitajiet f'diversi partijiet tal-Ewropa. Il-proġetti għandhom jagħtu prijorità lis-sinerġiji li jħallu l-frott ibbażati fuq l-interkonnessjonijiet bejn l-atturi kif ukoll l-istrumenti ta' żvilupp u ta' finanzjament. Fl-istess ħin, il-bliet għandhom jiġu megħjuna jnaqqsu l-impatt ekoloġiku tagħhom billi jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jużaw ħafna l-ICT biex itejbu l-użu effiċjenti tal-enerġija fil-bliet, jippromovu l-użu tal-enerġiji rinnovabbli u jiffaċilitaw il-mobbiltà, filwaqt li jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u gassijiet oħra li jniġġsu, abbażi ta' mudell urban sostenibbli;

11. minbarra l-involviment u l-konsultazzjoni taċ-ċittadini, fattur ewlieni biex tirnexxi s-sħubija BKI huwa li jsiru arranġamenti għall-ippjanar komunitarju ġenwin sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu mal-awtorità lokali bl-involviment tal-aġenziji nazzjonali jew reġjonali kkonċernati kollha, u tas-setturi voluntarji u n-negozji li joperaw fiż-żoni lokali, b'enfasi fuq ir-rwol fundamentali tal-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija (ESCOs) meta jkunu kkonċernati direttament mill-għanijiet tas-sħubija BKI;

12. jaħseb li l-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kriterji għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' soluzzjonijiet innovattivi rivoluzzjonarji. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-proċedura tkun trasparenti, miftuħa u preferibbilment marbuta ma' proċedura speċifika tal-offerti u jkollha finanzjament suffiċjenti;

13. jiġbed l-attenzjoni għad-diversità fl-istrutturi tal-bliet tal-UE. Ħafna reġjuni għandhom struttura urbana poliċentrika, filwaqt li oħrajn għandhom belt kbira dominanti b'ħafna bliet żgħar fil-madwar. Irrispettivament mid-daqs tagħha, belt hi ċ-ċentru, pereżempju, biex jiġu pprovduti servizzi pubbliċi u privati kif ukoll għall-ħolqien tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fil-livell lokali u reġjonali. Hemm każi reġjonali eċċezzjonali ta' żbilanċ demografiku u territorjali gravi fejn ma jeżistix dak li jista' jissejjaħ netwerk ta' bliet. F'dawn il-każi jista' jkun hemm strutturi lokali li jiġbru fihom diversi komunitajiet, li jistgħu jiġu integrati fil-qafas tas-sħubija BKI;

14. jinnota li l-bliet, irrispettivament mid-daqs tagħhom, sikwit jiffaċċjaw l-istess sfidi u jeħtieġu l-istess soluzzjonijiet tekniċi meta jiġu biex joħolqu ambjenti sostenibbli. Huwa tal-fehma li s-sħubija BKI għandha tikkunsidra dan l-aspett u li għandhom jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi li joħolqu ekonomiji tal-kobor (economies of scale) u li jħallu impatt reali fuq il-bliet u r-residenti tagħhom;

15. jixtieq ifakkar li l-inklużjoni tat-terminu "u Kommunitajiet" fl-isem tal-BKI hija preċiżament biex tenfasizza li l-kunċett ta' bliet jew żoni urbani huwa fluwidu ħafna fl-Ewropa. Hemm bosta każi f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri fejn l-awtoritajiet lokali m'għandhomx titolu ta' belt imma min-natura tagħhom huma ħafna akbar u għandhom aktar riżorsi u kapaċitàjiet sinifikanti minn muniċipalitajiet oħrajn magħrufa ġeneralment bħala bliet f'termini legali u ġeografiċi. Daqstant ieħor f'ħafna każi, hemm gruppi ta' awtoritajiet lokali li jistgħu u fil-fatt jgħaqqdu r-riżorsi bejniethom fuq livell u ambitu aktar sinifikanti mill-bliet. F'dawn il-każi, li jistgħu jinkludu wkoll żoni metropolitani jew agglomerazzjonijiet urbani, ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali jista' jkun deċiżiv għall-koordinazzjoni u t-titjib tal-politiki integrati;

***L-implimentazzjoni tas-sħubija għall-innovazzjoni "Bliet u Komunitajiet Intelliġenti"***

16. jilqa' l-fatt li fis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-2013 jiġu allokati riżorsi wkoll għall-proġetti fil-qafas tal-BKI;

17. iqis li hu essenzjali li fil-livell Ewropew jiġu previsti biżżejjed riżorsi fil-qafas tal-Programm il-ġdid Orizzont 2020 sabiex l-inizjattiva BKI tkun tista' tgħin biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni;

18. jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-inizjattiva BKI m'għandhiex timplika tnaqqis fil-finanzjament ta' programmi oħra li jappoġġjaw l-isforzi tal-awtoritajiet lokali biex jippromovu l-bliet u l-komunitajiet intelliġenti, b'mod partikolari peress li dawn il-programmi ħallew ħafna frott fil-livell lokali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-oqsma tematiċi u l-fondi allokati fil-qafas tal-Orizzont 2020;

19. jinnota li l-politika reġjonali u l-Fondi Strutturali ħallew impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp ta' bliet intelliġenti, u jenfasizza li huma jaqdu rwol importanti biex tkompli tiġi żviluppata l-inizjattiva BKI. Il-proposta li mill-2014 il-politika ta' koeżjoni jkollha fokus ġdid tinkludi dimensjoni urbana ċara, pereżempju fl-allokazzjoni tal-fondi għall-iżvilupp urban sostenibbli fil-qafas tal-fondi reġjonali. Għandu jiġi ċċarat il-mod kif dawn ir-riżorsi jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' bliet intelliġenti, biex b'hekk jinħolqu s-sinerġiji u approċċ globali għall-iżvilupp urban li jikkunsidra wkoll iż-żoni rurali tal-madwar;

20. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tfassal gwida ċara li tinkludi l-programmi u l-inizjattivi Ewropej kollha li jipprovdu l-finanzjament għall-proġetti innovattivi li jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tal-BKI. Din il-gwida għandha tippreżenta, pereżempju, inizjattivi bħall-Karta Ħadra Diġitali, il-Patt tas-Sindki, CIVITAS, Concerto, eċċ. Gwida ta' dan it-tip hi ta' importanza kbira pereżempju għall-awtoritajiet lokali u l-intrapriżi, billi tkun tinkludi informazzjoni dwar il-programmi kollha relatati mal-bliet u l-komunitajiet intelliġenti. Din tista' tkun aċċessibbli, pereżempju, fuq il-websajt tal-pjattaforma tal-partijiet interessati;

21. jenfasizza l-importanza ta' approċċ integrat għall-appoġġ finanzjarju tal-UE għas-sħubija BKI u sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-UE bħall-Fond Strutturali Ewropew għall-Investiment, il-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa u LIFE 2014-2020, b'mod partikolari sabiex ikun hemm kontinwità ċara ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' sħubija BKI filwaqt li jiġu evitati inkonsistenzi, ripetizzjonijiet u dupplikazzjoni żejda;

22. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jipprovdu l-fondi għall-promozzjoni ta' miżuri li jiżviluppaw u jxerrdu s-soluzzjonijiet innovattivi fil-qafas tal-BKI;

23. jinnota li l-proġetti ewlenin ("lighthouse projects") huma aspett importanti tal-inizjattiva BKI u jirrappreżentaw sħubijiet strateġiċi bejn il-kumpaniji innovattivi tat-tliet setturi u l-mexxejja u l-awtoritajiet lokali;

24. jinnota, f'dan il-kuntest, li l-industrija u l-bliet għandhom rwoli u perspettivi differenti. L-industrija għandha l-kompitu li tiżviluppa speċifikazzjonijiet u soluzzjonijiet tekniċi li jkunu jistgħu jiġu riprodotti u mxerrdin f'ħafna bliet. Il-bliet u l-komunitajiet flimkien mar-residenti tagħhom iridu, l-ewwel u qabel kollox, jidentifikaw u jikkomunikaw il-ħtiġijiet konkreti fil-livell lokali li għalihom għandhom jinsabu soluzzjonijiet tekniċi. Għaldaqstant, huwa importanti ferm li l-proġetti jiġu żviluppati u mmexxija abbażi tal-bżonnijiet u d-domanda, filwaqt jitqies il-valur miżjud f'termini ta' teknoloġija u innovazzjoni;

25. huwa tal-fehma li l-proġetti ewlenin huma aspett ċentrali tal-BKI. Peress li l-awtoritajiet lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw il-bżonn ta' soluzzjonijiet sostenibbli fil-bliet, jeħtieġ li huma jaqdu rwol ċentrali u prinċipali fil-konsorzji u l-proġetti ewlenin. Dan l-aspett ma jissemmiex fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jeħtieġ li jiġi ċċarat fil-ħidma futura;

26. jemmen li għandhom jiġu definiti b'mod ċar ukoll ir-rwoli tal-atturi l-oħra fil-konsorzji u l-proġetti, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet tajbin għas-sħubijiet u jinħoloq bilanċ fi ħdanhom. Il-forma tal-proġetti ewlenin u l-konsorzji għandha tiġi stabbilita fil-qafas ta' proċeduri pubbliċi tal-offerti, biex jiġu definiti b'mod ċar it-tipi ta' konsorzji u r-rwoli tal-atturi individwali fl-iżvilupp tal-proġetti u biex il-qafas tal-BKI jkun aktar trasparenti;

27. jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tistqarr li hi miftuħa għar-regolamentazzjoni ta' dan il-qasam fil-futur sabiex tappoġġja l-kummerċjalizzazzjoni tas-soluzzjonijiet futuri. Filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni ma jixtieqx jeskludi dan it-tip ta' miżuri, huwa importanti li kwalunkwe regolamentazzjoni eventwali tikkunsidra mill-qrib il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà kif ukoll il-bżonn li s-soluzzjonijiet ikunu adattati għall-kundizzjonijiet lokali u msejsa fuqhom;

28. jemmen, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha tiċċara x'tip ta' regolamentazzjoni qed tippjana u tipprovdi eżempji ta' din ix-xorta ta' regolamentazzjoni jew l-oqsma kkonċernati, peress li din l-informazzjoni tkun siewja għall-atturi involuti fil-konsorzji u l-proġetti;

29. iqis li hu importanti li jiġu stabbiliti indikaturi rilevanti għall-attivitajiet ta' kull proġett li jkunu marbutin mal-prijoritajiet tal-UE u mal-isfidi ewlenin fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-ICT, pereżempju rigward il-prestazzjoni ambjentali, l-użu effiċjenti tal-enerġija fil-bliet, is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija, l-użu konġunt tal-infrastruttura, eċċ.;

30. itenni li s-sitwazzjoni f'kull belt hija unika; għaldaqstant jenfasizza kemm hu importanti li l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jadattaw l-indikaturi għaċ-ċirkostanzi lokali. Għandhom ikunu l-awtoritajiet lokali bil-kooperazzjoni tal-konsorzji tal-industrija li jiddefinixxu kemm ikunu ambizzjużi l-miri tal-indikaturi individwali. Fl-istess ħin l-indikaturi għandhom iservu bħala gwida għall-industrija, inklużi l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet globali u l-isfidi ewlenin fil-livell tal-UE. Ikun xi jkun il-każ, l-għanijiet ser jiffurmaw parti mill-istrateġija 20-20-20 mfassla mill-Unjoni Ewropea biex tintlaħaq sas-sena 2020;

31. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprovdi fondi għar-riċerka u l-iżvilupp meħtieġa tal-ekosistemi innovattivi reġjonali madwar l-Ewropa. L-esperimenti tal-bliet intelliġenti huma meħtieġa, billi l-materjal u l-karatteristiċi operattivi tal-bini u l-infrastruttura kollha jkunu konnessi ma' diversi tipi ta' żvilupp u servizzi li l-belt u operaturi oħra jipproduċu u jżommu. Dan l-immudellar reġjonali bbażat fuq l-ICT huwa meħtieġ biex jipprovdi bażi kredibbli għall-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti differenti, kif ukoll biex jiġu żviluppati attivitajiet ta' negozju, inizjattivi ċiviċi u teħid ta' deċiżjoni mmexxija mill-utent;

32. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibbaża s-sistema ta' monitoraġġ fuq metodi eżistenti, pereżempju dawk użati fil-Patt tas-Sindki u l-Karta Ħadra Diġitali. Għandu jiġi enfasizzat li l-għanijiet fil-livell tal-UE huma għanijiet minimi u li l-bliet għandhom jiġu inkoraġġuti jistabbilixxu għanijiet iktar ambizzjużi u jkunu ta' eżempju f'dan il-qasam;

33. jilqa' l-appell tal-Kummissjoni għall-iskambju tal-esperjenzi u t-tixrid tal-prattiki tajbin fil-livell internazzjonali. L-enfasi fuq eżempji Ewropej konkreti li kellhom suċċess fil-livell internazzjonali hi ta' benefiċċju għall-industrija Ewropea, u dan minnaħa tiegħu jkompli jsaħħaħ il-ħidma tagħna fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-għanijiet tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qafas tal-BKI għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' fondi speċifiċi;

34. jinnota li l-Kummissjoni tagħti għadd ta' eżempji ta' temi trasversali li fuqhom jistgħu jiġu bbażati l-proġetti, bħall-bini intelliġenti, is-sistemi intelliġenti ta' domanda u provvista, il-mobbiltà urbana sostenibbli u l-IT ekoloġika. Għalkemm

dawn it-temi huma rilevanti ħafna, il-Kumitat jisħaq li l-lista mhijiex eżawrjenti u għandhom jiġu kkunsidrati temi rilevanti oħrajn. It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandhom jitqiesu, pereżempju, bħala kundizzjonijiet fundamentali għall-iżvilupp ta' servizzi elettroniċi bi prezz raġonevoli u faċli għall-utenti, fl-oqsma kollha inklużi fl-inizjattiva. Il-koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-enerġija u tal-iskart għandha tiġi inkluża wkoll fil-lista ta' termi għall-proġetti;

35. jenfasizza, b'mod partikolari, li l-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti ser ikun aspett ċentrali fil-ħidma marbuta mal-BKI. F'dan il-kuntest, jagħmel referenza għall-Opinjoni reċenti tiegħu dwar "L-enerġija rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija" u jerġa' jisħaq fuq l-importanza kbira li għandu jkollu l-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti;

36. jerġa' jiġbed l-attenzjoni għall-isfida kbira marbuta mal-fatt li l-enerġija minn sorsi rinnovabbli hi konnessa ma' netwerks tal-enerġija li mhumiex maħsubin għal dan it-tip ta' enerġija. Sabiex l-enerġija minn sorsi rinnovabbli tintuża b'mod wiesa', jeħtieġ li jsiru investimenti fil-modernizzazzjoni tan-netwerks, li fl-għamla attwali tagħhom qed jillimitaw l-iżvilupp tas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija. L-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti jaqdi rwol importanti f'dan ir-rigward;

37. jiġbed l-attenzjoni wkoll għal qasam ieħor fejn in-netwerks intelliġenti jistgħu jġibu valur miżjud enormi, jiġifieri l-ħżin tal-enerġija żejda, li jista' jtejjeb il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda għall-enerġija. In-netwerks intelliġenti u l-applikazzjonijiet tekniċi assoċjati magħhom, li jikkumpensaw għall-fluttwazzjonijiet fil-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija u jwasslu għal fluss tal-enerġija aktar regolari, jgħinu biex isir progress ekonomiku konsiderevoli, jonqsu l-ispejjeż sew tal-produtturi u sew tal-konsumaturi, u jiġu żviluppati bliet intelliġenti;

38. jenfasizza, fl-istess ħin, li s-sistemi u l-applikazzjonijiet tekniċi waħedhom ma jistgħux joħolqu bliet sostenibbli u intelliġenti. L-iżvilupp tekniku għandu jimxi id f'id ma' miżuri li jħeġġu liċ-ċittadini u lill-intrapriżi biex jibdlu l-mudell tal-konsum tal-enerġija tagħhom;

39. jinnota li ħafna bliet Ewropej għandhom nisġa urbana b'asimmetriji urbani kbar rigward l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. L-iżvilupp ta' ambjenti urbani sostenibbli jitlob sforz speċifiku għar-riabilitazzjoni tal-bini, bl-użu ta' strumenti finanzjarji rilevanti u bi rwol ċentrali għall-enerġiji rinnovabbli;

*Il-governanza tas-sħubija għall-innovazzjoni "Bliet u Komunitajiet Intelliġenti"*

40. huwa tal-fehma li sabiex is-sħubija BKI tilħaq l-għan tagħha, tinħtieġ governanza effettiva u mmirata, iżda wkoll sempliċi u trasparenti. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma tisħaqx biżżejjed fuq ir-rwol essenzjali li għandhom jaqdu l-awtoritajiet lokali ta' kull daqs demografiku f'din il-governanza. Għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali jkollhom opportunitajiet rilevanti biex iħallu impatt u jipparteċipaw fil-livelli kollha tal-governanza, kemm fil-grupp ta' livell għoli u l-pjattaforma tal-partijiet interessati, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma li jitwaqqfu iżjed tard;

41. jemmen li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-bażi u l-proċedura ta' kif jinħatru l-membri tal-grupp ta' livell għoli. F'dan ir-rigward għandu jiġi garantit li l-awtoritajiet lokali jkunu rappreżentati b'mod adegwat fil-grupp ta' livell għoli;

42. jemmen li hu importanti wkoll li l-awtoritajiet lokali jiġu rappreżentati b'mod komprensiv fil-korpi differenti tal-pjattaforma tal-partijiet interessati (bħall-Grupp dwar il-Pjan Direzzjonali) sabiex tiġi kkunsidrata b'mod adegwat il-perspettiva lokali;

43. huwa favur li l-awtoritajiet lokali jkunu involuti mill-qrib fil-governanza, sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati proġetti u soluzzjonijiet li jintużaw verament mill-bliet u r-residenti tagħhom. Kif intqal diġà, huma l-awtoritajiet lokali l-aktar li jafu x'inhuma l-bżonnijiet tar-residenti u s-sistemi kumplessi individwali tal-bliet; mingħajr dan l-għarfien u l-ħiliet fundamentali għall-governanza jkun hemm il-periklu li s-soluzzjonijiet żviluppati ma jkunux l-aħjar possibbli;

44. jitlob li l-istruttura ta' governanza tinkludi mekkaniżmu ta' kontroll u monitoraġġ biex jiġi żgurat li r-riżorsi finanzjarji kollha jintużaw b'mod effettiv u b'konformità mal-għanijiet tas-sħubija BKI. Dan il-kontroll u l-monitoraġġ għandhom ikunu trasparenti u l-atturi involuti għandhom ikunu familjari magħhom;

45. jemmen li hu importanti immens li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-inizjattiva tiġi komunikata u tkun disponibbli b'mod effettiv għall-atturi involuti kollha, sabiex jiġi żgurat li jingħabru u jiġu diskussi ideat dwar proġetti innovattivi li eventwalment ikunu jistgħu jintużaw bħala bażi għall-proġetti. Il-Kummissjoni taqdi rwol essenzjali f'dan ir-rigward, imma l-isforzi tal-awtoritajiet lokali huma importanti ħafna wkoll, b'mod partikolari peress li dawn għandhom l-aħjar għarfien tal-ekonomija u l-industrija lokali. F'dan il-kuntest jistgħu jaqdu rwol importanti wkoll in-netwerks differenti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Bl-istess mod, ma rridux ninsew l-importanza li tiġi applikata sistema ta' governanza f'diversi livelli li fiha kull livell ta' gvern jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-proġetti abbażi tal-kompetenzi u r-riżorsi proprji tiegħu;

46. jenfasizza li l-proċeduri operattivi, il-laqgħat, l-ipproċessar tad-dokumenti, eċċ., għandhom ikunu effiċjenti, sabiex jinkoraġġixxu minflok ixekklu l-ħidma tal-atturi kollha involuti. Il-proċeduri operattivi għandhom ikunu ċari u definiti tajjeb fil-gruppi ta' ħidma kollha.

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Pjan ta' azzjoni għas-saħħa elettronika 2012–20 — kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21"**

(2013/C 280/07)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jirrimarka li l-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa elettronika għandu jservi liċ-ċittadini kollha tal-UE billi jagħtihom iċ-ċans biex jieħdu iktar kontroll tal-kura ta' saħħithom u m'għandux iwassal għal iktar inugwaljanzi fl-aċċess u l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

— jinnota li f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE l-gvernijiet lokali u reġjonali huma koresponsabbli għall-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni, l-ittestjar u l-finanzjament tal-politika tas-saħħa u l-assistenza soċjali. Għalhekk huwa ċar li l-gvernijiet reġjonali għandhom ikunu involuti mill-qrib f'kull riforma li jkollha impatt fuq il-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali;

— jitlob li jsiru sforzi kontinwi għall-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar is-saħħa, għall-innovazzjoni u għat-tibdil, u li jitmexxew minn impenn ta' eċċellenza u l-għarfien li s-soluzzjonijiet tal-lum għada jistgħu diġà jkunu skaduti fil-qasam tas-saħħa elettronika li qed jinbidel b'rata mgħaġġla ħafna;

— jiġbed l-attenzjoni dwar il-volumi kbar ta' informazzjoni dwar is-saħħa, il-benesseri u l-kura soċjali li tinħażen b'mod separat għal kull qasam, u huwa tal-fehma li jekk din l-informazzjoni tintuża aktar bejn is-servizzi u b'mod aktar effiċjenti, il-kura tista' tieħu xejra differenti u tista' tiżviluppa f'ċiklu msaħħaħ u iktar effettiv;

— jinnota li l-fatturi ewlenin, biex is-soluzzjonijiet ta' saħħa elettronika jiġu żviluppati u jiddaħħlu b'suċċess, jinkludu l-involviment tal-gvern lokali, il-ħżin deċentralizzat tad-data, id-disseminazzjoni tajba tal-informazzjoni lill-pazjenti u 'l-pubbliku u l-kollaborazzjoni attiva mal-professjonisti tas-saħħa;

— itenni li l-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika fuq skala kbira mhijiex sempliċiment kwistjoni ta' fattibbiltà legali jew teknika, imma qabel kollox irid jitqies jekk iċ-ċittadini, il-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa għandhomx fiduċja fiha; għaldaqstant jemmen li huwa importanti li l-ewwel jiġu indirizzati l-kwistjonijiet dwar il-privatezza, il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tal-informazzjoni u r-responsabbiltà biex jiġi żgurat li l-informazzjoni sensittiva tiġi protetta minn hacking, leaks, ksur tad-dritt tal-privatezza jew tipi oħra ta' abbuż.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur SAUWENS (BE/PPE), Membru tal-Parlament Fjamming |
| **Dokument ta' referenza** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21<br>COM(2012) 736 |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

***Kummenti ġenerali***

1. jaqbel mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020, fejn tispjega strateġija għas-saħħa elettronika fl-UE u tindika liema għanijiet ewlenin għandhom jintlaħqu biex il-potenzjal tas-saħħa elettronika jkun jista' jiġi sfruttat. Fl-istess ħin, b'dan il-pjan qed isir pass importanti biex is-sistemi tas-saħħa Ewropej jitħejjew għall-isfidi fil-qasam tat-titjib tal-kwalità tal-kura, iż-żieda fl-effiċjenza tal-mezzi dejjem iktar skarsi għall-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-pazjenti, il-professjonisti tal-kura, il-provvedituri tal-kura tas-saħħa u l-gvernijiet u l-innovazzjonijiet fil-qasam tal-informatika u t-teknoloġija, il-produzzjoni u s-servizzi;

2. jaqbel mal-osservazzjoni tal-Kummissjoni li anke l-aħjar soluzzjonijiet għas-saħħa elettronika ma jagħtu l-ebda vantaġġ liċ-ċittadini tal-UE jekk it-tħejjija u l-implimentazzjoni jkunu frammentati. Il-fatt li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni lill-oqfsa legali, organizzattivi, semantiċi u lil dawk tal-interoperabbiltà teknika, linji gwida u speċifikazzjonijiet, jisthoqqlu l-mertu;

3. jenfasizza li l-politika tas-saħħa u l-benesseri fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE ġew deċentralizzati u li leħen il-gvernijiet reġjonali għandu jissemma iktar fid-dibattitu;

4. jirrimarka li l-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa elettronika għandu jservi liċ-ċittadini kollha tal-UE u m'għandux iwassal għal (iktar) inugwaljanzi fl-aċċess u l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Il-pazjent għandu jibqa' ċ-ċentru tal-attenzjoni fil-bidla kbira li mistennija ġġib magħha l-kura tas-saħħa elettronika. Il-pazjent għandu d-dritt li jiddeċiedi fuq l-aċċess għad-dettalji tiegħu u għandha tingħata spjegazzjoni dwar kif ser jintuża u minn min. Is-saħħa elettronika għandha tagħti liċ-ċittadini u l-pazjenti ċ-ċans biex jieħdu iktar kontroll tal-kura ta' saħħithom;

5. jenfasizza li l-bidliet ġodda għandhom ikunu aċċessibbli u għandhom isaħħu l-awtonomija tal-persuni b'diżabbiltà, il-persuni anzjani jew vulnerabbli;

II. **PUNTI TA' RILEVANZA GĦALL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

6. f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE l-gvernijiet lokali u reġjonali huma koresponsabbli għall-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-kontroll u l-finanzjament tal-politika tas-saħħa u l-assistenza soċjali. Għalhekk huwa ċar li l-gvernijiet reġjonali għandhom ikunu involuti mill-qrib f'kull riforma li jkollha impatt fuq il-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali;

7. f'dan ir-rigward nistgħu nirreferu għar-rapport tal-2011 dwar l-Istrateġiji tas-saħħa elettronika li jiffoka fuq l-infrastruttura tas-saħħa elettronika, fejn l-awturi jiddikjaraw li l-ġestjoni tas-sommarji elettroniċi tal-pazjenti fil-pajjiżi l-kbar hija wisq kumplessa. L-esperjenza fl-Ewropa turi li l-pajjiżi b'iktar minn għaxar miljun abitant – u l-iktar dawk li m'għandhomx sistema tas-saħħa minn fuq għal isfel (top-down) – ma jilħqux l-għanijiet tagħhom. It-triq tan-nofs fejn tintgħażel sistema lokali jew reġjonali, ibbażata fuq l-infrastruttura nazzjonali, tidher li hija s-soluzzjoni;

8. barra minn hekk, mill-istudju reċenti tal-KtR dwar sistemi tas-saħħa dinamiċi u teknoloġiji ġodda: soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika fil-livelli lokali u reġjonali (Dynamic health systems and new technologies: eHealth solutions at local and regional levels) jidher li s-saħħa elettronika tinsab fost il-prijoritajiet tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-Ewropa;

9. hemm bżonn iktar kooperazzjoni u skambju ta' politiki u prattika fil-livell interreġjonali sabiex dawk li qegħdin minn ta' quddiem ikunu jistgħu jgħaddu l-għarfien tagħhom lil dawk li għadhom ġodda fil-qasam tas-saħħa elettronika. Jeħtieġ ukoll analiżi profonda biex jinsiltu liema inizjattivi u mudelli tas-saħħa elettronika jistgħu jiġu adattati bl-inqas xkiel fil-livell pan-Ewropew;

***L-għarfien fil-qasam tal-kura tas-saħħa***

10. it-titjib tal-għarfien fil-qasam tas-saħħa huwa element importanti fl-istrateġiji għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam

tas-saħħa. Flimkien mal-għarfien diġitali u l-aċċess għall-broadband, livell ta' għarfien ogħla fis-saħħa jista' jgħin lill-persuni f'reġjuni mbiegħda, b'popolazzjoni baxxa u bi żvantaġġi oħra biex ikollhom aċċess għal informazzjoni korretta, miżuri tas-saħħa preventivi u parir mediku imma anke għal għajnuna onlajn aċċessibbli u segwitu terapewtiku u mediku;

11. bl-istess mod, informazzjoni affidabbli u aċċessibbli adattata għad-diversi gruppi soċjali hija vantaġġ għall-għarfien diġitali fil-qasam tas-saħħa. Dan jirrikjedi li l-gvern u s-settur partikolari jipprovdu informazzjoni ċara u rilevanti u li b'mod partikolari l-professjonisti tas-saħħa jsiru iktar konxji tal-għarfien tal-pazjenti tagħhom dwar is-saħħa;

*L-isfidi*

12. is-saħħa elettronika għaddejja minn evoluzzjoni b'rata mgħaġġla u qed tiżviluppa b'mod kontinwu. It-tagħrif u r-riżultati tal-lum għada jistgħu diġà jkunu skaduti. Il-bidla mill-kura tas-saħħa tradizzjonali għal kura tas-saħħa elettronika ma teħtieġx biss l-infrastruttura neċessarja tal-IT u l-għarfien diġitali, iżda anki tibdil fir-relazzjoni bejn il-persunal mediku, ir-riċerkaturi, l-assiguraturi tas-saħħa, il-pazjenti u l-gvern. Jeħtieġ ukoll li ma jiqfux l-isforzi għall-innovazzjoni u t-tibdil, it-taħriġ u l-kompetenzi;

13. f'dan il-kuntest nistgħu nirreferu għall-workshop dwar il-Monitoraġġ tal-Istrateġiji tas-Saħħa elettronika (Monitoring National eHealth Strategies -Brussell, 2010) fejn ġie konkluż li jidher li l-istrateġiji tas-saħħa elettronika fl-Ewropa huma ħafna iktar kumplessi u jieħdu ħafna iktar ħin milli ġie antiċipat fil-bidu. Barra minn hekk il-kumplessità tas-saħħa elettronika hija sfida ferm sottovalutata mil-lat tal-ġestjoni;

14. f'ċerti reġjuni, il-ħiliet tal-IT tal-persunal mediku u tal-assistenti soċjali, u t-tagħrif dwar il-possibbiltajiet tas-saħħa elettronika għadhom lura. Dan jgħodd ukoll għall-kwalità, kemm hu faċli tintuża u l-possibbiltajiet ta' xi programmi tas-softwer li jkunu disponibbli għall-persunal mediku u l-assistenti soċjali jew li jkunu disponibbli fis-suq. Dawn is-sitwazzjonijiet huma ta' dispjaċir u jfixklu evoluzzjoni pożittiva tas-saħħa elettronika. Il-kundizzjonijiet li jridu jilħqu s-softwer mediku disponibbli u b'mod partikolari r-rapporti elettroniċi dwar is-saħħa jistgħu jiġu indikati aħjar sabiex il-kwalità tagħhom tkun tista' tiġi kontrollata u jkunu jistgħu jsiru proċeduri ta' tikkettar. Bħalissa hemm nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva bejn is-settur tas-saħħa u s-settur tal-informatika;

*Interoperabbiltà*

15. illum il-ġurnata teżisti ħafna informazzjoni dwar is-saħħa, il-benesseri u l-kura soċjali li tinħażen b'mod separat għal kull qasam. Jekk din l-informazzjoni ssir iktar effiċjenti l-kura tista' tieħu xejra differenti u tista' tiżviluppa f'ċiklu msaħħaħ u iktar effettiv. Xi wħud iqisu li l-infrastruttura tal-IT ma tistax tiġi limitata għas-servizzi tal-kura tas-saħħa imma għandha titwessa' għall-kura soċjali, l-għajxien assistit, il-prevenzjoni u l-benesseri. Din hija l-konsegwenza tal-prinċipju li l-utent tal-kura għandu jkun fil-qalba tas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-benesseri u li d-diversi servizzi ta' din is-sistema għandhom jaqblu fuq kif għandhom jipproċedu f'dan il-qasam. Is-saħħa elettronika tista' tikkontribwixxi għall-ftuħ ta' dawn is-servizzi u għal approċċ olistiku lejn il-persuna li teħtieġ il-kura;

16. għal kwalità aħjar fis-saħħa (effikaċja aħjar, kontinwità aħjar, pożizzjoni tal-pazjent iktar b'saħħitha) huwa kruċjali li l-informazzjoni elettronika tinqasam bejn l-atturi fil-qasam tal-kura. Bħalissa f'ħafna pajjiżi u reġjuni għad hemm ħafna informazzjoni medika maħżuna f'diversi bnadi (issejvjata fuq il-kompjuter tat-tabib tal-familja indipendenti jew l-ispeċjalista jew fis-server tal-isptar) mingħajr il-possibbiltà li din l-informazzjoni tinqasam bejn l-atturi li għandhom relazzjoni ta' terapija ma' pazjent partikolari. Tabib li jkun on-call jew tabib tal-emerġenza f'servizz ta' emerġenza ta' sptar jista' jiffaċċja sitwazzjoni urġenti mingħajr ma jkollu ġabra komprensiva tal-iktar informazzjoni medika importanti jew il-lista attwali ta' mediċini li jkun qed jieħu l-pazjent. Din il-problema tkun iktar gravi meta l-pazjent ikun qiegħed barra minn pajjiżu u l-ostaklu tal-lingwa differenti jwassal għal problemi kbar ta' komunikazzjoni bejn il-pazjent u l-persuna inkarigata mill-kura. Din l-isfida ser issir iktar serja malli l-impatt tad-Direttiva tal-UE tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjent fil-kura tas-saħħa transkonfinali u l-użu tal-kura transkonfinali fil-prattika jsir iktar ċar. Ta' xejn isiru r-riċerki tal-bijoloġija klinika jew it-teħid ta' x-rays jekk m'hemmx aċċess għall-aħħar informazzjoni medika ta' pazjent;

17. il-pjan ta' azzjoni għall-kura tas-saħħa elettronika jagħti ħafna attenzjoni lill-problema tal-oqfsa tal-interoperabbiltà u dan huwa rakkomandabbli. Is-suq tas-saħħa elettronika fl-UE huwa ferm frammentat u s-soluzzjonijiet offruti għall-ICT għal sitwazzjonijiet kultant lokali ħafna jwasslu biex dawn is-sistemi jkunu iktar għoljin, inaċċessibbli għal oħrajn, mhux affidabbli u mhux adatti għal għanijiet oħra jew għal bidliet ġodda. Din is-sitwazzjoni hija wkoll ostaklu għall-kumpaniji tal-IT li

jiġu kkonfrontati b'aċċess ferm limitat u tnaqqir tal-vijabbiltà tal-iżvilupp tal-prodotti tagħhom li huwa ta' ħsara għall-innovazzjoni daqshekk bżonjuża. Il-pjan ta' azzjoni joffri opportunitajiet għall-inizjattivi ekonomiċi għall-kumpaniji kbar u żgħar fil-pajjiżi Ewropej;

18. il-qafas ta' interoperabbiltà li ser jiġi offrut lin-netwerk tas-saħħa elettronika tul is-sena kalendarja huwa punt importanti. Fl-istudju dwar il-leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sommarji elettroniċi tal-pazjenti, ir-regolamentazzjoni reġjonali għandha tiġi investigata wkoll;

19. l-enfasi li saret fuq kooperazzjoni iktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u globali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) hija ħaġa tajba. Jeħtieġ li tissemma l-kodifikazzjoni tal-informazzjoni medika u l-użu uniformi tas-sistemi ta' klassifika internazzjonali għall-mard u l-ilmenti biex id-deċiżjonijiet mediċi jkunu jistgħu jiġu appoġġjati minn programmi elettroniċi;

## *Fiduċja*

20. l-implimentazzjoni tas-saħħa elettronika fuq skala kbira mhijiex sempliċiment kwistjoni ta' fattibbiltà legali jew teknika, imma qabel kollox irid jitqies jekk iċ-ċittadini, il-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa għandhomx fiduċja fiha. Jeħtieġ ukoll li l-ewwel jiġu indirizzati l-problemi li jaffettwaw il-protezzjoni tal-ħajja personali, il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tal-informazzjoni u r-responsabbiltà u jiġi żgurat il-kontroll kontinwu, sabiex l-informazzjoni sensittiva tiġi protetta minn hacking, leaks, ksur tad-dritt tal-privatezza jew tipi oħra ta' abbuż;

21. waħda mill-iktar osservazzjonijiet importanti mill-KPMG (Studju internazzjonali EPD, Utrecht, 6 ta' Frar 2012) wara riċerka u tqabbil ma' sitt pajjiżi oħra Ewropej kienet li hemm tendenza li l-programmi fuq skala kbira u agrikoli qed jingħaddew lil-livell reġjonali għall-ġestjoni biex il-kumplessità tkun tista' tiġi ġestita u biex jiżdied l-involviment lokali. Skont il-KPMG, bl-użu ta' standards uniformi qed tikber ukoll ir-realizzazzjoni li m'hemm l-ebda bżonn għall-bażijiet tad-data agrikoli iżda li l-ħżin deċentralizzat tal-informazzjoni fis-sors jista' jiġi ġestit tajjeb. L-involviment lokali, il-ħżin deċentralizzat tal-informazzjoni, il-provvista ta' informazzjoni tajba liċ-ċittadini u l-pazjenti u approċċ ta' pass pass lejn il-proġetti piloti bl-involviment attiv tal-professjonisti tas-saħħa jidhru li huma l-fatturi kruċjali tas-suċċess fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni gradwali tas-saħħa elettronika;

## *Relazzjonijiet*

22. ir-relazzjoni bejn il-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti hija personali u unika. U hekk għandha tibqa'. Bis-saħħa tal-iżvilupp tas-saħħa elettronika din ir-relazzjoni tista' tissaħħaħ u tittejjeb, imma hija illużjoni u saħansitra mhux mixtieq li l-kuntatti personali wiċċ'imb wiċċ jiġu sostitwiti kompletament b'interazzjoni virtwali;

23. it-tensjoni qed tkompli tiżdied ukoll fir-rigward tas-sjieda tal-informazzjoni tal-persuna li tinxtered f'sommarju elettroniku tal-pazjenti u r-responsabbiltà għaliha. Idealment il-pazjenti jkollhom taqsima speċifikament għalihom fis-sommarju elettroniku għall-pazjenti fejn, pereżempju, ikunu jistgħu jdaħħlu r-riżultati li jirċievu permezz tal-awtomonitoraġġ (self-monitoring) (pereżempju: il-valuri taz-zokkor fid-demm li jkunu ħadu huma stess, il-kejl tal-pressjoni, id-dispożizzjoni psikoloġika);

24. hekk kif il-mard kroniku qed jiddomina iktar il-prattika tal-mediċina minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni, fl-istatistika tas-saħħa u fil-lista tal-kawżi tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa tagħna qed isir dejjem iktar importanti approċċ multidixxiplinari lejn il-pazjent b'mard kroniku. Pazjenti mdaħħla fiż-żmien qed ibatu minn ilmenti mediċi konkurrenti u jeħtieġu kura minn diversi professjonisti tas-saħħa b'kompetenzi komplementari. Dan jgħodd kemm għall-kura tas-saħħa fl-isptar, kif ukoll għall-kura fid-dar. Il-kura tas-saħħa elettronika u t-tqassim elettroniku tal-informazzjoni bejn il-pazjent, il-persuna li tieħu ħsiebu u l-professjonisti tas-saħħa li għandhom relazzjoni ta' terapija mal-pazjent tista' tagħti kontribut partikolari biex il-pazjent jirċievi kura adatta, tajba u fil-ħin;

## *Finanzjament*

25. jinsab diżappuntat li t-tnaqqis mifrux tal-baġit għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ta' EUR 50 biljun – li minnhom EUR 9,2 biljuni kienu destinati għas-servizzi tal-broadband u dawk diġitali – niżel għal EUR 29,3 biljun, li minnhom se jmorru biss EUR 1 biljun għas-servizzi tal-broadband u dawk diġitali;

26. ta' min jistaqsi jekk l-implimentazzjoni tas-servizzi tas-saħħa elettronika ta' skala kbira, interoperabbli, transkonfinali, li skont il-Kummissjoni kellha ssir fil-qafas tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sal-2014, tkunx tista' tibqa' fuq l-aġenda jekk il-Parlament jagħti l-approvazzjoni għat-tnaqqis tal-finanzjament ta' din il-Faċilità;

27. jittama li fil-baġit mhux ser ikun hemm tnaqqis għall-attivitajiet fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li għall-2014-2020 jinsabu fuq l-aġenda bħala parti mill-pilastru "Saħħa, tibdil demografiku u benesseri" tal-Orizzont 2020, u li fl-istudji ser issir enfasi fuq il-kosteffiċjenza tat-teknoloġiji tas-saħħa

elettronika, kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħajja privata, l-involviment tal-utenti u l-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet iffokati fuq il-pazjent fis-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa;

***Sussidjarjetà***

28. l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jorganizzaw u jipprovdu s-servizzi tas-saħħa u l-kura medika. F'ħafna mill-Istati Membri tal-UE l-gvernijiet lokali u reġjonali huma responsabbli għall-politika tas-saħħa u tal-benesseri kollha kemm hi jew partijiet importanti tagħha;

29. huwa fir-reġjuni li l-inqas sejrin tajjeb li nsibu l-iktar diffikultajiet tekniċi, loġistiċi u finanzjarji biex l-infrastruttura tal-IT tiġi aġġornata u biex il-potenzjal tal-kura tas-saħħa elettronika jiġi rilaxxat u żviluppat. L-azzjoni tal-UE tista' tkun partikolarment utli meta jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni u tbeġġiġ. Dan jgħodd l-iktar għal għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-UE, bħall-kura tas-saħħa transkonfinali, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, l-ostakli komuni u standards u metodi ta' riċerka biex naraw kemm huma effiċjenti l-bidliet tas-saħħa elettronika. Anki l-appoġġ finanzjarju jista' jkun utli biex tingħata għajnuna għall-ispejjeż għoljin tal-bidu;

30. il-pjan ta' azzjoni 2014-2020 huwa mmirat lejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-interoperabbiltà u jindika kif għandu jkun il-qafas tekniku u legali. Sew il-kumpaniji u sew il-gvernijiet lokali u reġjonali u l-professjonisti tas-saħħa, iċ-ċittadini u l-pazjenti għandhom imorru tajjeb hawnhekk;

31. l-azzjoni mil-livell tal-UE hija mistennija tissarraf f'valur pożittiv għall-politika tas-saħħa reġjonali u l-kura tas-saħħa reġjonali u fil-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' saħħa elettronika u benesseri elettroniku;

32. hemm l-istennija wkoll li bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ma jitqisux biss l-Istati Membri imma anke l-gvernijiet lokali u reġjonali li jistgħu jaqdu rwol importanti fil-qasam tal-komunikazzjoni u l-infurmar taċ-ċittadini u l-pazjenti, fit-taħriġ tal-professjonisti tal-kura, fil-ħolqien ta' livell għoli biżżejjed ta' involviment lokali fl-iżvilupp tas-saħħa elettronika, fit-tnedija ta' proġetti pilota fil-qafas tas-saħħa elettronika, fl-indirizzar tal-kumplessità tas-saħħa elettronika u f'xi reġjuni anke l-ħidma regolatorja relatata.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti"**

(2013/C 280/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— huwa konvint bis-sħiħ li l-produtturi tal-enerġija fuq skala żgħira għandu jkollhom aċċess faċli għan-netwerks tal-enerġija/il-grilji intelliġenti. Għandhom jiġu żviluppati regoli validi dwar kif dawn il-fornituri l-ġodda jidħlu fin-netwerks, regoli li jheġġu d-djar u l-produtturi ż-żgħar jinvestu fil-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira;

— jiddubita kemm il-miżuri proposti mill-KE huma sodisfaċenti biex jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi u jiġġieldu l-faqar enerġetiku, u jitlob li titpoġġa enfasi speċjali fuq il-ħarsien tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, wieħed irid joqgħod attent għall-pożizzjoni asimmetrika tal-utenti tal-enerġija vis-à-vis il-kumpaniji enormi;

— jappella biex l-awtoritajiet jindirizzaw il-kwistjoni tal-inċentivi għall-investimenti adatti tas-suq fil-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, il-ħżin u l-ibbilanċjar tal-provvista u d-domanda, u jirrakkomanda li minbarra l-programmi eżistenti (il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-politika ta' koeżjoni tal-UE, il-programm TEN-T, l-Orizzont 2020) jinsabu mezzi oħra għall-finanzjament tal-infrastruttura;

— jappoġġja bil-qawwa l-bżonn urġenti li jiġu modernizzati l-grilji eżistenti u jiġu żviluppati grilji intelliġenti, u japprova l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' grilji intelliġenti fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u l-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-grilji intelliġenti;

— jagħmel enfasi fuq it-trasparenza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-komunitajiet fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-grilji.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur DE VEY MESTDAGH (NL/ALDE), Membru tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Provinċja ta' Groningen |
| **Dokument ta' referenza** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti<br>COM(2012) 663 final |

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

### A. *Nifthu s-swieq u noħolqu kundizzjonijiet ekwi*

1. jistqarr li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jaqdu rwol kruċjali fis-suq tal-enerġija tal-UE, u jagħmel enfasi fuq il-kontribut tagħhom biex jinkiseb is-suq intern tal-enerġija u jonqsu d-differenzi bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħala l-livell ta' gvern l-aktar qrib taċ-ċittadini u b'hekk il-livell li jipprovdi possibbiltajiet kbar ta' komunikazzjoni, għandhom esperjenza diretta ta' ħafna mill-problemi li qed jippersistu fis-swieq tal-enerġija tal-UE b'rabta mal-kompetittività, it-trasparenza u r-regolazzjoni globali tas-settur tal-enerġija;

2. jappoġġja bis-sħiħ li jitlesta suq intern tal-enerġija fejn ir-reġjuni jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-punti qawwijin reġjonali tagħhom, u b'hekk jiżviluppaw settur tal-enerġija deċentralizzat u rinnovabbli speċifiku għar-reġjun li minnu jibbenefikaw l-infrastruttura tal-għarfien, l-ekonomija u s-suq tax-xogħol lokali u reġjonali. Il-KtR jissuġġerixxi li tiġi adottata strateġija biex tappoġġja l-iżvilupp ta' clusters (speċjalizzazzjoni) u sħubijiet reġjonali u huwa favur li r-reġjuni li jinsabu minn ta' quddiem – li għandhom għarfien dwar is-sistemi innovattivi, swieq tal-enerġija rinnovabbli li jaħdmu u sistemi ta' grilji intelliġenti implimentati, eċċ. – għandhom jithallew jaqdu rwol ikbar biex jingħelbu d-distakki li jeżistu bħalissa fix-xenarju tal-enerġija tal-Ewropa;

3. jappella li jiġu żviluppati Pjani tal-Enerġija Reġjonali li jinkludu proġetti għall-ġenerazzjoni, it-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-enerġija u għall-iżvilupp tal-infrastruttura u l-iskemi reġjonali meħtieġa għat-titjib fl-effiċjenza u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija, kif jgħid fl-Opinjoni tiegħu dwar it-tielet pakkett leġislattiv, CdR 21/2008 fin. Tali pjani tal-enerġija speċifiċi għar-reġjuni, li jistgħu jitfasslu fil-livell tal-awtoritajiet reġjonali jew li jinkludu għadd ta' reġjuni, anke f'pajjiżi ġirien, għandhom jiġu integrati u koordinati b'mod adegwat sew fil-livell nazzjonali u sew f'dak tal-UE;

4. jappoġġja li t-tielet pakkett dwar l-enerġija jiġi infurzat b'mod aktar attiv u li jinbdew il-proċeduri ta' ksur, u jenfasizza li hemm bżonn li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu infurzati bil-qawwa sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq, inklużi dawk ġodda. L-Istati Membri li għad għandhom fornitur wieħed biss għandhom jiġu mġiegħla jneħħu l-ostakli għall-fornituri ġodda biex jidħlu fis-suq u jiġu megħjuna jiżviluppaw infrastruttura (transkonfinali) biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu b'mod ħieles il-fornitur tagħhom minn madwar l-UE kollha. Il-liberalizzazzjoni tal-produzzjoni u tal-prezzijiet flimkien mal-koordinazzjoni effettiva fil-livell Ewropew jistgħu jgħinu biex jinħoloq bilanċ ġust tar-riżorsi bejn ir-reġjuni tal-Ewropa, jiġu stabbilizzati u jittejbu l-kundizzjonijiet qafas għas-settur Ewropew tal-enerġija u tiġi promossa provvista tal-enerġija sostenibbli, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispejjeż addizzjonali tat-tranżizzjoni tal-enerġija jkunu limitati;

5. jenfasizza li hu kruċjali li fl-UE kollha jiġu rispettati il-ftehimiet dwar id-diżaggregazzjoni tan-netwerks tat-trażmissjoni u tal-produzzjoni u l-konsenja, fosthom il-ftehimiet dwar il-pożizzjoni indipendenti tar-regolaturi tal-enerġija u r-rekwiżiti dwar il-ħarsien tal-konsumatur. Waħda mill-prijoritajiet għandha tkun li r-rwol tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tal-UE jiġi appoġġjat u jkompli jiġi żviluppat, b'mod partikolari fil-kapaċità tagħha li tifli bir-reqqa d-deċiżjonijiet regolatorji nazzjonali u ssolvi t-tilwim;

6. jappoġġja bis-sħiħ il-miżuri għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi sabiex jiġu żviluppati mudelli tas-suq aktar deċentralizzati u kompetittivi għaliex huma joħolqu aktar opportunitajiet għall-produtturi tal-enerġija lokali u jappoġġjaw l-industrija, iżda jenfasizza li biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi tinħtieġ infrastruttura tal-grilji li biha r-reġjuni periferali, inklużi l-gżejjer, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ukoll. Għaldaqstant l-iżvilupp tal-infrastruttura, anke għal reġjuni aktar iżolati, u l-ħtieġa ta' ħidma reġjonali fuq il-konnessjonijiet internazzjonali, il-konnessjonijiet mal-gżejjer u l-kapaċità tal-ġarr jagħmlu parti kruċjali mit-twettiq tas-suq intern tal-enerġija;

7. jinnota li l-inkonsistenzi fl-imposti u t-taxxi bejn l-Istati Membri huma ta' ħsara għall-kompetittività tas-suq tal-elettriku, minbarra li jħallu effetti negattivi ċari fuq partijiet oħra tal-ekonomija. Dan għandu konsegwenzi negattivi kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-industriji li jużaw ħafna enerġija, li jesperjenzaw vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi konsiderevoli skont fejn ikunu jinsabu. Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni hemm bżonn li s-sussidji diretti u/jew moħbija fir-rigward tal-karburanti fossili u l-enerġija nukleari jitneħħew bil-mod il-mod;

### B. *Rwol ċentrali għall-konsumaturi*

8. jenfasizza li l-politika tal-enerġija għandha tiffoka fuq il-konsumatur, kif jgħid il-KtR fl-Opinjoni tiegħu dwar it-tielet pakkett leġislattiv rigward is-swieq Ewropej tal-elettriku u l-gass, CdR 21/2008 fin. Il-konsumatur għandu jkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni u fl-aħħar mill-aħħar għandu jkollu – bħala individwu jew meta jopera fi grupp, kooperattiva jew organizzazzjoni – aċċess dirett għas-suq tal-enerġija, jew permezz ta' firxa ta' sorsi tal-enerġija minn produtturi differenti jew inkella direttament għas-suq immedjat (spot market);

9. huwa konvint li sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar għażla f'termini ta' sostenibbiltà, valur għall-flus u effiċjenza fl-użu tal-enerġija u jagħżlu l-aktar fornituri adatti, għandha tingħata prijorità lill-edukazzjoni, l-informazzjoni u t-trasparenza fir-rigward tal-enerġija, u l-konsumaturi għandhom jingħataw aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-possibbiltajiet li joffru s-suq intern tal-enerġija u t-teknoloġiji ġodda biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija. Barra minn hekk, il-konsumaturi għandhom ikunu konxji ta' kif jistgħu jikkontrollaw il-konsum tal-enerġija, tal-possibbiltajiet biex jiffrankaw l-enerġija u jużawha b'mod aktar effiċjenti, u tal-produzzjoni fuq skala żgħira. Il-KtR, għalhekk, jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni adatti għall-konsumaturi li fihom ikunu jistgħu jieħu sehem attiv il-gvernijiet lokali u reġjonali u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħra tas-soċjetà ċivili;

10. jemmen li minbarra l-kampanji ta' informazzjoni proposti dwar il-fornituri u l-prezzijiet tal-enerġija, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' arloġġi intelliġenti f'ħin reali għall-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija u ta' netwerks tad-distribuzzjoni b'bażi teknika valida hi kruċjali biex il-konsumaturi jirċievu informazzjoni li jużawha biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom u jsiru aktar konxji tal-prezzijiet tal-enerġija, il-konsum tal-enerġija (mudelli) u r-relazzjoni bejn il-konsum u l-prezz tal-enerġija, u b'hekk jibdew jużaw l-enerġija b'mod aktar maħsub u sostenibbli, jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-użu ta' tagħmir elettriku (domestiku) intelliġenti u tiġi ffrankata l-enerġija. Il-KtR jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tkompli bil-politika tagħha li tinkoraġġixxi l-arloġġi intelliġenti kif stabbilit f'komunikazzjonijiet preċedenti. Din il-politika għandha tippromovi l-introduzzjoni ta' netwerks ta' distribuzzjoni intelliġenti li jintegraw il-ġestjoni tal-konsum u tal-kapaċitajiet ta' ħżin, ta' produzzjoni u ta' konsum flessibbli, kif ukoll il-komunikazzjoni bejn dawn kollha filwaqt li tikkunsidra l-aspetti tal-eżattezza, il-kunfidenzjalità, il-privatezza u l-frodi u fl-istess ħin taħdem biex tiżviluppa l-istandards neċessarji;

11. jiddubita kemm il-miżuri proposti mill-KE huma sodisfaċenti biex jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi u jiġġieldu l-faqar enerġetiku, u jitlob li titpoġġa enfasi speċjali fuq il-ħarsien tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, wieħed irid joqgħod attent għall-pożizzjoni asimmetrika tal-utenti tal-enerġija vis-à-vis il-kumpaniji enormi, inkella s-suq jibqa' interfaċċja mingħajr reazzjoni li tibblokka l-feedback bejn l-utenti u dawk li jfasslu l-politiki/ir-regolaturi. L-aħjar prattiki fil-livell lokali u reġjonali dwar kwistjonijiet importanti relatati mal-konsumatur, bħall-aċċess għall-informazzjoni, il-possibbiltajiet ta' tqabbil tal-prezzijiet u l-informazzjoni dwar il-kontijiet kif ukoll il-pożizzjoni speċifika tal-konsumaturi vulnerabbli, għandhom jiġu skambjati bil-għajnuna tal-Kunsill tal-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija (CEER – Council of European Energy Regulators);

12. jitlob li l-inċentivi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jiġu żviluppati aktar milli huma llum u li jiġu appoġġjati l-mezzi teknoloġiċi klassiċi u moderni u s-servizzi tal-enerġija li jippromovu l-iffrankar tal-enerġija. Sabiex tiġi miġġielda l-prekarjetà tal-enerġija, għall-gruppi vulnerabbli u sensittivi għandhom jinħolqu mekkaniżmi ta' tariffi mnaqqsa tal-enerġija elettrika, jew tnaqqis tat-tariffi mħabbra minn kull fornitur (tariffa soċjali għad-djar). Fl-istess ħin, fil-livell reġjonali u dak lokali għandu jiġi żgurat b'mod partikolari li l-familji li jagħmlu parti minn dawn il-gruppi jkunu jistgħu jiġu integrati fil-programmi ta' rinnovazzjoni tal-enerġija mfassla speċifikament għalihom. Għall-konsumaturi l-oħra għandha tapplika tariffa unika u għandha tiġi evitata t-tariffa progressiva għax meta din issir ir-regola ħafna drabi tista' tfixkel l-użu ta' miżuri pożittivi oħra, bħall-użu tal-pompi tas-sħana bħala mezz ta' tisħin alternattiv, pereżempju. Fl-aħħar nett, fil-livell reġjonali u lokali għandha titnieda kampanja ta' informazzjoni dwar il-metodi li jistgħu jintużaw biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar il-vantaġġi oġġettivi u komparattivi li jinħolqu minn dan l-użu. Dan jista' jiġi appoġġjat ukoll permezz ta' programmi speċifiċi għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

C. ***L-importanza tal-ġenerazzjoni fuq skala żgħira***

13. jenfasizza l-importanza kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-gvernijiet lokali u reġjonali li jiffaċilitaw is-soluzzjonijiet tal-enerġija lokali (pereżempju fil-forma ta' kooperattivi) permezz tal-produzzjoni fuq skala żgħira, l-iżvilupp ta' grilji intelliġenti u l-parteċipazzjoni min-naħa tad-domanda, għaliex dawn l-inizjattivi qed isiru pilastru dejjem aktar importanti għat-tiġdid tas-swieq tal-enerġija tal-UE. Il-KtR hu favur approċċ integrali li mhux biss jiffaċilita konsum aktar konxju iżda wkoll li jinċentiva l-produzzjoni fuq skala żgħira, l-iżvilupp ta' grilji intelliġenti u r-reazzjoni soda għad-domanda fin-netwerks tad-distribuzzjoni;

14. jirrikonoxxi li għadd dejjem akbar ta' konsumaturi futuri ser jippreferu jinvestu fil-produzzjoni tagħhom stess milli jiddependu mill-oħrajn ("prosumaturi", jiġifieri konsumaturi tal-enerġija li jipproduċu wkoll l-enerġija għall-bżonnijiet tagħhom jew tal-ġirien tagħhom) u dan hu żvilupp pożittiv mil-lat tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u s-sostenibbiltà. L-inizjattivi u l-kumpaniji fuq skala żgħira (djar, komunitajiet lokali, distretti lokali, kooperattivi reġjonali) ser jaqdu rwol dejjem akbar fil-provvista tal-enerġija lokali/reġjonali u dan ser joħloq effetti pożittivi fuq is-suq tax-xogħol u l-ekonomija lokali/reġjonali. Għalhekk il-produtturi tal-enerġija fuq skala żgħira għandu jkollhom aċċess faċli għan-netwerks tal-enerġija/il-grilji intelliġenti. Għandhom jiġu żviluppati regoli validi dwar kif dawn il-fornituri l-ġodda jidħlu fin-netwerks, regoli li jħeġġu d-djar u l-produtturi ż-żgħar jinvestu fil-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira. Il-KtR jappella lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni speċifika lill-importanza dejjem akbar tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira u l-kwistjonijiet speċifiċi li tqajjem, u biex tistimola l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell lokali u reġjonali sabiex tiffaċilita dan l-iżvilupp;

15. jenfasizza li l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u l-importanza dejjem akbar tal-ġenerazzjoni fuq skala żgħira ma jeħtiġux biss il-promozzjoni tas-sistemi ta' arloġġi intelliġenti iżda wkoll l-aġġornament tal-kunċett ta' grilji intelliġenti tal-UE. Filwaqt li l-KE qed tistenna li n-netwerk tal-grilji intelliġenti li jopera mingħajr intoppi jikkontribwixxi għall-kompetizzjoni fis-suq

intern tal-enerġija, l-importanza dejjem akbar tal-produzzjoni fuq skala żgħira u r-rwol potenzjali tal-konsumaturi tal-enerġija bħala produtturi u mħażen żgħar ma jissemmew imkien. Għalhekk, il-KtR jemmen li l-kunċett ta' grilji intelliġenti tal-KE għandu jiġi aġġornat u għandhom jiġu skambjati l-għarfien u l-innovazzjoni sabiex tiġi appoġġjata b'mod effettiv il-produzzjoni fuq skala żgħira;

D. ***Swieq bl-ingrossa kompetittivi u trasparenza fis-swieq***

16. jinnota li s-swieq bl-ingrossa tal-enerġija jipprovdu s-sinjali tal-prezzijiet li jaffettwaw l-għażliet tal-produtturi u l-konsumaturi kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' investiment fil-faċilitajiet tal-produzzjoni u l-infrastruttura tat-trażmissjoni. Dawn is-sinjali għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet reali tal-provvista u d-domanda tal-enerġija. Jekk tiżdied it-trasparenza fis-swieq bl-ingrossa tal-enerġija, jonqos ir-riskju li s-swieq jiġu manipulati u s-sinjali tal-prezzijiet mgħawġin. Għaldaqstant, il-KtR jisħaq li l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija (Regolament REMIT) hi miżura ewlenija biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tal-enerġija f'qafas tal-UE kollha;

17. jemmen li sabiex is-swieq tal-enerġija Ewropej joperaw b'mod effettiv, huwa kruċjali li jiġu żviluppati kodiċijiet tan-netwerks, jiġu indirizzati l-kwistjonijiet regolatorji pendenti fir-rigward tal-kodiċi tan-netwerk tas-suq tal-ibbilanċjar Ewropew, u tinħoloq inizjattiva ta' koordinazzjoni li tindirizza l-kwistjonijiet regolatorji u tekniċi li jinqalgħu. Il-KtR jappoġġja dawn il-miżuri bħala mod kif jinħoloq u jissaħħaħ suq tal-enerġija flessibbli u sikur fl-Ewropa u jemmen li l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerks Ewropej, li għandha tqis id-differenzi reġjonali f'dak li hu żvilupp, għandha tiġi monitorjata b'mod kontinwu mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu żgurati sew implimentazzjoni rapida u effettiva u sew il-funzjonalità tal-kodiċijiet u l-effettività tagħhom fis-suq;

18. jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-potenzjal ta' sistema armonizzata fl-Ewropa kollha. Waqt li kien qed jiġi żviluppat il-kodiċi, ħareġ fid-dieher b'mod ċar li hemm bżonn ta' rabta aktar qawwija bejn ir-regolamenti li nħolqu b'mod parallel fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, il-KtR jaqbel mal-ACER li l-enfasi tal-kodiċijiet tan-netwerks għandha tibqa' li tittejjeb l-interkonnessjoni bejn in-netwerks tal-enerġija nazzjonali;

19. huwa konvint mill-potenzjal tal-gass, b'mod speċjali bħala element ta' bilanċjar u kapaċità ta' riserva, iżda bħall-Kummissjoni jinsab imħasseb fir-rigward tad-differenzi fid-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-gass naturali bejn ir-reġjuni fl-Ewropa. Jekk l-infrastruttura tat-trasport u tal-ħżin tal-gass (likwidu) tinfirex fir-reġjuni kollha tal-Ewropa u jiġu integrati l-grilji tal-gass u l-elettriku, ikun aktar faċli biex jitwettaq is-suq intern tal-enerġija. Għalhekk, il-KtR jaqbel mal-Kummissjoni u l-ACER li l-inizjattivi reġjonali għandhom jgħinu biex jiġu stabbiliti ċentri tal-gass (gas hubs) reġjonali u skambji tal-enerġija addizzjonali bil-għan li jinkiseb akkoppjament sħiħ tas-swieq tal-elettriku fl-UE kollha. Għaldaqstant hemm bżonn li jissaħħu l-interkonnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer. Fil-livell lokali/reġjonali għandhom jiġu żviluppati proġetti pilota mmirati lejn il-kunċetti "enerġija għall-gass" u "gass għall-enerġija", u l-konklużjonijiet tagħhom għandhom jiġu ppubblikati;

E. ***Enerġija rinnovabbli***

20. huwa konvint li l-isforzi favur l-għanijiet tal-enerġija rinnovabbli ser jikkontribwixxu biex jitlesta s-suq intern tal-elettriku imma jagħraf li l-liberalizzazzjoni bbażata biss fuq il-prezzijiet mhux bilfors twassal għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE. Madankollu, suq intern tal-elettriku integrat jimplika inqas volatilità tal-prezzijiet f'ċerti swieq reġjonali speċifiċi, u dan joħloq aktar effiċjenza fl-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u fl-integrazzjoni tal-grilji tal-enerġija rinnovabbli. Idealment l-investiment fis-settur tal-enerġija għandu jagħti prijorità lis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Peress li s'issa, madankollu, għadu jeżisti nuqqas ta' konsistenza bejn id-deċiżjonijiet dwar l-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri individwali, il-KtR jappella għal strateġija Ewropea komuni li tiżviluppa kemm mekkaniżmi bbażati fuq is-suq kif ukoll mekkaniżmi regolatorji, kif jingħad fil-pożizzjoni tal-KtR fl-Opinjoni tiegħu dwar l-enerġija rinnovabbli, CdR 2182/2012 fin;

21. jipproponi li sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-sehem dejjem akbar ta' enerġija mir-riħ u mix-xemx u jiġi garantit bilanċ stabbli fil-provvista u d-domanda, jinħtieġ qafas regolatorju ċar li jiddefinixxi r-rwol tal-atturi differenti u jiftaħ it-tfittxija ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq li jwasslu għal sinjali tajbin tal-prezzijiet fis-suq tal-enerġija. Min-naħa tad-domanda, is-sinjali ċari tal-prezzijiet iwasslu għall-iffrankar tal-enerġija; min-naħa tal-provvista huma jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa. Dan jinkludi sistema effettiva għan-negozjar tal-emissjonijiet li tipprovdi inċentivi adegwati għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-flessibbiltà. Il-KtR jappella li sabiex jiġi żgurat li l-iskema tal-UE għan-negozjar tal-emissjonijiet tipprovdi inċentivi suffiċjenti għall-investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjoni baxxa ta' karbonju, tinħtieġ soluzzjoni strutturali għall-problema urġenti tal-kwoti żejda tal-emissjonijiet;

22. jiddispjaċih li minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE u peress li jeżistu skemi ta' appoġġ nazzjonali u mekkaniżmi għar-remunerazzjoni tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni differenti u ta' sikwit inkompatibbli ma' xulxin, "ix-xiri regolatorju" qed isir fattur prinċipali fid-deċiżjonijiet dwar l-investimenti fl-impjanti tal-enerġija fl-Ewropa. Il-KtR jenfasizza li l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli ma jistax jitqies b'mod iżolat u m'għandux ixekkel l-operat tas-suq tal-enerġija. L-iskemi pubbliċi ta' appoġġ fl-Istati Membri għandhom ikunu mmirati b'mod ċar, prevedibbli, b'kamp ta' applikazzjoni adattat għall-objettivi mixtieqa, proporzjonati u b'dispożizzjonijiet ta' eliminazzjoni gradwali (phase-out) sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-vijabilità kummerċjali tat-tip ta' produzzjoni appoġġjata. Kwalunkwe miżura ta' appoġġ għandha tiġi implimentata f'konformità mar-regoli tas-suq intern u r-regoli rilevanti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntiera, għandhom iqisu bis-sħiħ kif is-sistema tal-elettriku fir-reġjuni/pajjiżi ġirien ser tiġi affettwata mid-deċiżjonijiet previsti qabel ma jiġu implimentati miżuri ġodda ta' stimolazzjoni. Il-KtR jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippubblika gwida dwar l-aħjar prattiki fil-mekkaniżmi ta' appoġġ għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

23. japprova l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex tippromovi tassazzjoni tal-enerġija uniformi u aktar intelliġenti fl-Ewropa, peress li bħalissa t-tassazzjoni tal-enerġija fil-livell lokali u nazzjonali tvarja ħafna fl-UE. Qafas tat-taxxa aktar armonizzat, li jorganizza l-piż tat-taxxa fuq l-enerġija rinnovabbli u fossili b'mod oġġettiv u jikkunsidra l-kontenut tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' kull prodott, jgħin biex jinkisbu l-miri 20/20/20 u biex jonqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050. F'dan il-kuntest għandu jintlaħaq ukoll qbil dwar metodoloġija ekwa għall-allokazzjoni tal-emissjonijiet tad-diossidu talkarbonju mill-ġenerazzjoni u l-konsum tal-enerġija fuq livell transreġjonali u transnazzjonali f'sistema pan-Ewropea liberalizzata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija;

24. jenfasizza li minbarra li tintuża l-enerġija rinnovabbli, huwa importanti li l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti u li tiġi ffrankata l-enerġija. L-ippjanar urban u tat-territorju fil-livell lokali/reġjonali kif ukoll il-miżuri għall-użu effiċjenti tal-enerġija u t-tħeġġiġ tad-djar u l-bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija millawtoritajiet lokali u reġjonali ser jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija u ser iħeġġu s-soluzzjonijiet tal-enerġija lokali, fosthom il-koġenerazzjoni. Il-KtR jirrakkomanda li tingħata attenzjoni kontinwa għal din il-politika u jissuġġerixxi li l-aħjar prattiki tal-livell lokali u reġjonali jintużaw biex jissaħħu l-politiki Ewropej u nazzjonali f'dan ir-rigward;

F. ***Mekkaniżmi ta' kapaċità, reazzjoni għad-domanda u sigurtà tal-provvista tal-enerġija***

25. jenfasizza li l-mekkaniżmi ta' kapaċità introdotti b'mod prematur u ddisinjati ħażin jistgħu jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern u jxekklu l-investimenti. Il-KtR għandu dubju dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità ta' għadd ta' Stati Membri, li huma ddisinjati biex jappoġġjaw lill-produtturi tal-elettriku talli jipprovdu l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tagħhom biex jiġi żgurat li jkun hemm kapaċità biżżejjed anke meta s-sorsi varjabbli talelettriku, bħall-enerġija mir-riħ u mix-xemx, ma jkunux qed jipproduċu. Mill-banda l-oħra, l-enerġija żejda (pereżempju mill-enerġija mir-riħ) m'għandhiex titwassal permezz tal-grilji tal-pajjiżi ġirien mingħajr ma jiġu kkoordinati minn qabel tali miżuri peress li dan jista' jgħawweġ is-suq tal-enerġija f'dawn il-pajjiżi (loop flows). F'każijiet oħra, is-surplus f'żona waħda jista' fil-fatt jgħin biex jissolva nuqqas f'żona oħra. Il-KtR japprova l-politika tal-Kummissjoni li tfittex soluzzjonijiet transkonfinali. Qabel ma tiġi stabbilita kwalunkwe miżura reġjonali jew nazzjonali, għandha ssir analiżi adegwata biex jiġi kkonfermat li m'hemm l-ebda problema ta' kapaċità u li ma teżisti l-ebda soluzzjoni alternattiva, u biex jiġi vverifikat li l-miżuri proposti jikkunsidraw l-effetti transkonfinali. Huwa essenzjali li jiġi adottat approċċ koordinat għas-sigurtà tal-provvista;

26. jemmen li s-suq tal-enerġija Ewropew tal-ġejjieni m'għandux jibqa' jiġi determinat biss mill-provvista iżda wkoll mill-kontroll tad-domanda, b'mod partikolari f'perjodi ta' livell għoli ta' konsum. L-atturi għandhom jimmiraw lejn tnaqqis filkonsum industrijali u domestiku filwaqt li joħolqu l-kundizzjonijiet adatti biex ikunu jistgħu jiġu sfruttati l-funzjonalitajiet ġodda tal-grilji intelliġenti u l-arloġġi intelliġenti. Il-KtR, għalhekk, hu favur li jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' kapaċità koordinati fil-livell Ewropew, li jkunu kapaċi jillivellaw il-konsum talenerġija f'perjodi ta' domanda kbira, jiżguraw l-operat tas-sistemi tal-elettriku Ewropej (b'mod partikolari fil-perjodi ta' domanda kbira) u jħeġġu t-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku;

27. huwa konvint li l-iżvilupp tal-infrastruttura għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni (DSOs – distribution system operators) għandu jiġi kkunsidrat bl-istess mod bħal dak taloperaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni (TSOs – transmission system operators) meta tkun qed titfassal il-viżjoni globali għall-infrastruttura Ewropea. L-iżvilupp tal-infrastuttura għaddistribuzzjoni intelliġenti hu essenzjali sabiex jinkisbu l-miri 2020, u hu meħtieġ b'mod urġenti biex is-sorsi rinnovabbli jiġu konnessi man-netwerks u biex il-prodotti tal-enerġija deċentralizzati jiġu integrati fis-sistema. Dan l-isforz ma jistax jirnexxi jekk l-ippjanar tal-infrastruttura jieqaf fil-livell tat-trażmissjoni;

G. ***Netwerks infrastruttrali***

28. jagħraf il-fatt li billi s-suq tal-enerġija qed isir dejjem aktar internazzjonali, l-interkonnessjonijiet u l-infrastruttura u l-faċilitajiet ta' riserva u ħżin huma essenzjali sabiex jitwettaq is-suq intern tal-enerġija. Għalhekk il-KtR jappoġġja l-ftehim dwar il-Pakkett tal-Infrastruttura tal-Ewropa li ntlaħaq fis-27 ta' Novembru 2012, iżda jħeġġeġ li minbarra l-investimenti (internazzjonali) fuq skala kbira jsiru wkoll investimenti f'netwerks reġjonali jew saħansitra lokali u fl-interkonnessjonijiet massistemi insulari jew semiinsulari peress li l-enerġija qed tiġi ġenerata dejjem aktar fil-livell lokali/reġjonali;

29. jappella biex l-awtoritajiet jindirizzaw il-kwistjoni talinċentivi għall-investimenti adatti tas-suq fil-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, il-ħżin u l-ibbilanċjar tal-provvista u d-domanda, u jirrakkomanda li minbarra l-programmi eżistenti (il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-politika ta' koeżjoni tal-UE, il-programm TEN-T, l-Orizzont 2020) għandhom jinsabu mezzi oħra għallfinanzjament tal-infrastruttura. Is-sħubijiet pubbliċi-privati, il-mobilizzazzjoni tal-fondi privati, il-ftehimiet ta' finanzjament innovattivi u l-miżuri fiskali lkoll jistgħu jkunu modi kif jinkisbu fondi addizzjonali. Sabiex jiġu stimolati l-investimenti privati, hemm bżonn ta' aktar ċertezza dwar liema investimenti jħallu l-frott fit-tul. Għalhekk il-KtR jenfassizza kemm hu importanti li jkun hemm aġenda tal-investimenti fl-enerġija fl-Ewropa (fit-tul). Jeħtieġ li jkompli jiġi ssemplifikat l-aċċess tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex iwettqu proġetti tal-enerġija sostenibbli. Barra minn hekk, ir-regolaturi għandhom ikunu jistgħu jinkludu t-titjib fl-infrastruttura u l-ħolqien ta' faċilitajiet ta' riserva u ħżin fit-tariffi tal-enerġija;

30. jissuġġerixxi li l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fl-UE u t-titjib tal-allokazzjoni għall-proġetti transkonfinali ser jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' netwerks infrastrutturali u jiftħu t-triq għall-investimenti. Barra minn hekk, dan

jista' jwassal biex tiżdied is-sigurtà tal-provvist fl-UE u għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli billi jitjiebu l-possibbiltajiet ta' trasport tal-enerġija. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward billi jissemplifikaw il-proċeduri tal-ippjanar u jintegraw l-infrastruttura tal-enerġija fl-iskemi tal-ippjanar lokali u reġjonali tagħhom;

31. il-KtR huwa tal-fehma li n-nefqa fuq in-netwerk tal-enerġija u l-espansjoni tiegħu, li qed issir fl-interess kemm tal-ambjent kif ukoll tal-konsumatur fl-UE kollha, għandha tinqasam b'mod solidali u mhux tintrefa' b'mod esklużiv mill-pajjiż fejn in-netwerk ikun qed jespandi. Il-KtR għalhekk jappoġġja l-iżvilupp addizzjonali u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi sodi ta' allokazzjoni tal-ispejjeż fir-Regolament tal-Pakkett tal-Infrastruttura tal-Enerġija, u l-ħidma li qed issir bħalissa mill-awtoritajiet ta' monitoraġġ, ACER u ENTSOG, biex tkompli tiġi żviluppata din il-politika;

H. ***Grilji intelliġenti***

32. jappoġġja bil-qawwa l-bżonn urġenti li jiġu modernizzati l-grilji eżistenti u jiġu żviluppati grilji intelliġenti, u japprova l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' grilji intelliġenti fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u l-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-grilji intelliġenti. Il-pjani attwali għandhom jiġu kkomplementati permezz ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali għall-modernizzazzjoni tan-netwerks. Il-programmi ta' riċerka u żvilupp (Programm Qafas, Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa) għandhom jgħinu lill-industrija f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, il-proġetti pilota fil-livell lokali u/jew reġjonali jistgħu juru l-possibbiltajiet għall-grilji intelliġenti u jgħinu fl-iżvilupp tal-grilji madwar l-Ewropa kollha. Il-KtR, għalhekk, jappella lill-Kummissjoni biex tikkollabora mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil ta' pjani ta' azzjoni għall-introduzzjoni tal-grilji intelliġenti;

33. jenfasizza li sabiex in-netwerk jinbidel fi grilji intelliġenti, jinħtieġu l-fondi minbarra l-investimenti għall-ħolqien ta' infrastruttura ġdida. Għandu jiġi eżaminat jekk ir-regolaturi għandhomx iħallu lill-operaturi jinkludu dan l-obbligu finanzjarju fl-istruttura tat-tariffi tagħhom, li bħalissa mhux possibbli. Barra minn hekk, il-KtR jappella biex il-metodoloġiji ta' benchmarking tat-tariffi u tal-ispejjeż ta' aċċess għan-netwerks biex isiru t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, stabbiliti mir-regolaturi, jinkludu sew l-aspetti kwantitattivi (spejjeż) u sew l-aspetti kwalitattivi (eż. kriterji ta' affidabilità tal-kwalità tan-netwerks) sabiex jinżamm il-livell attwali ta' kwalità tan-netwerks;

34. jisħaq li biex il-grilji jsiru intelliġenti u jiġu modernizzati malajr, hu assolutament kruċjali li l-qafas regolatorju jinkoraġġixxi l-investimenti neċessarji permezz ta' ritorn ġust u jiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet mingħajr dewmien. Hemm bżonn ta' viżjoni fit-tul għaliex il-kumpaniji tan-netwerks jeħtieġu qafas regolatorju stabbli, prevedibbli u fit-tul li jappoġġjahom filwaqt li jinċentiva u jiffaċilita l-innovazzjonijiet meħtieġa;

35. jenfasizza li t-trasparenza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-komunitajiet fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-grilji huma kundizzjonijiet kritiċi għall-aċċettazzjoni tal-pubbliku. Il-proċess tal-ippjanar tal-grilji għandu jitfassal mill-ġdid biex jiġi adattat għall-era l-ġdida ta' effiċjenza tal-enerġija, enerġiji rinnovabbli u ġestjoni tad-domanda u biex jiġu żgurati flessibiltà u reżiljenza massimi fi ħdan is-sistema. Jaqbel li l-proċess tal-ippjanar tal-grilji għandu jkun inklużiv, trasparenti u demokratiku.

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Ir-reviżjoni tal-miri prinċipali tal-unjoni ewropea b'rabta mal-iskart"**

(2013/C 280/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jenfasizza li t-titjib tal-prevenzjoni tal-iskart kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jippermettu li jiġi limitat il-piż finanzjarju u organizzattiv li hemm fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jitlob għall-introduzzjoni ta' miri ambizzjużi u vinkolanti fuq il-bażi tal-aħjar riżultati li nkisbu sal-lum. L-ammont ta' skart muniċipali għal kull persuna għandu jitnaqqas b'10 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli rreġistrati fl-2010;

— jitlob li l-Istati Membri jingħataw miri vinkolanti, kwantitattivi, separati u minimi għal kull waħda mill-kategoriji ta' skart definit bħala li jista' jerġa' jintuża, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE;

— huwa favur li jiġu studjati l-possibbiltajiet li l-mira obbligatorja attwali għar-riċiklaġġ ta' skart muniċipali solidu tiżdied għal 70 % sal-2025, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE u għandhom jiġu nnegozjati miri intermedji u perjodi ta' tranżizzjoni;

— jitlob li jiġu adottati miri ta' riċiklaġġ applikabbli għall-iskart industrijali. Dawn il-miri jistgħu jiġu definiti skont il-materjal iktar milli skont it-tip tal-iskart, u għandhom ikunu ambizzjużi daqs dawk allokati lill-iskart tad-dar;

— jenfasizza l-bżonn li jiġu adottati l-aktar standards komuni stretti possibbli fl-issortjar u t-tindif tal-iskart. 100 % tal-iskart irid jiġi ssortjat b'mod selettiv sal-2020;

— jitlob sabiex sal-2020 jiġi pprojbit ir-rimi ta' kull skart organiku jew bijodegradabbli, li jista' jerġa' jintuża, jiġi riċiklat totalment jew parzjalment jew li għandu valur f'termini ta' rkupru tal-enerġija. Il-mira globali tista' tkun ta' 5 % jew anqas ta' skart mormi f'terraferma, tkun xi tkun l-oriġini jew in-natura tiegħu;

— huwa favur li jiġu studjati l-possibbiltajiet li l-mira relatata mar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik – it-tipi kollha ta' plastik – tiżdied għal 70 % u li l-miri tar-riċiklaġġ tal-ħġieġ, metall, karta, kartun u injam jiżdiedu għal 80 %, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE u għandhom jiġu nnegozjati miri intermedji u perjodi ta' tranżizzjoni.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur LEBRUN (BE/PPE), Membru tal-Parlament tal-Komunità Frankofona tal-Belġju |
| **Dokument ta' referenza** | Ittra ta' konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, 14 ta' Diċembru 2012 |

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jemmen li politika responsabbli u sostenibbli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart għandu jkollha l-għan li tnaqqas kemm tista' l-impatti negattivi tal-produzzjoni u l-ġestjoni tal-iskart fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif ukoll li tippreserva r-riżorsi naturali u li tara li l-materjali jerġgħu jitpoġġew fiċ-ċirkuwitu ekonomiku qabel ma jsiru skart;

2. josserva l-progress li sar fil-prevenzjoni u t-trattament tal-iskart permezz tal-qafas regolatorju Ewropew proattiv. Huwa jilqa' l-fatt li ammont ta' Stati Membri u ta' awtoritajiet reġjonali u lokali marru lil hinn mill-miri stabbiliti mill-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward. Il-leġislazzjoni tal-futur għandha tassigura li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali l-inqas żviluppati jitħeġġu jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-livelli tagħhom ta' prestazzjoni;

3. jiddispjaċih li jeżistu differenzi kbar fost l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-iskart. Għandu jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' infrastrutturi, metodi u kapaċitajiet għall-ġestjoni tajba tal-iskart minn u għall-Istati Membri l-inqas żviluppati, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni nazzjonali u reġjonali fil-livelli lokali u internazzjonali;

4. jenfasizza l-importanza li l-istatistika Ewropea dwar l-iskart tiżviluppa aktar id-data għal-livell reġjonali wkoll. F'dan il-kuntest, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-bażi tad-data tal-Eurostat diġà tinkludi data dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għar-reġjuni f'diversi pajjiżi. Din hija utli għall-valutazzjoni tad-differenzi reġjonali rigward il-ġestjoni tal-iskart għaliex differenzi sostanzjali fi ħdan il-pajjiżi jindikaw l-importanza u s-suċċess relattiv tal-politiki reġjonali [1];

5. jinsab konxju tal-fatt li din l-Opinjoni qed titfassal qabel il-valutazzjoni u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni li tinsab fis-seħħ attwalment. Il-miri l-ġodda b'riżultat ta' dan għandhom jindirizzaw l-"objettivi ambizzjużi" kif stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi [2] u jiġu inklużi fis-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali [3] – li għandu jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kif ukoll jappoġġja l-miżuri fl-Inizjattiva tal-UE dwar il-preżervazzjoni tal-materja prima [4];

(1) Rapport taż-ŻEE, Nru 2/2013.
(2) COM(2011) 571 final, CdR 140/2011 fin.
(3) COM(2012) 710 final.
(4) COM(2011) 25 final.

6. jilqa' l-istedina tal-Kummissjoni Ewropea indirizzata lill-Kumitat tar-Reġjuni sabiex ifassal opinjoni dwar ir-reviżjoni tal-miri tal-UE relatati mal-ġestjoni tal-iskart fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart [5], id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [6] u d-Direttiva dwar l-imballaġġ u dwar l-iskart mill-imballaġġ [7];

7. huwa tal-fehma li l-proposta li jkun hemm miri iżjed ambizzjużi fil-livell tal-UE, anke f'każ li jiġu stabbiliti perjodi ta' tranżizzjoni u miri intermedji għall-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali l-inqas żviluppati, għandha *a priori* tanalizza r-raġunijiet għala ma ntlaħqux il-miri attwali f'kull reġjun;

8. jenfasizza r-rwol prinċipali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea f'dan il-qasam, fil-ħolqien u l-finanzjament tal-infrastrutturi tat-trattament u l-ħażna tal-iskart u fil-ġestjoni operattiva tal-flussi. Il-ġestjoni ottima tal-iskart attwalment hija waħda mill-akbar sfidi li jridu jiffaċċjaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali. F'dan il-kuntest, il-KtR jitlob li jkun involut f'kull stadju tat-tfassil tal-politiki li ser jiġu adottati b'rabta ma' dan;

9. jenfasizza li meta għamel il-valutazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-iskart waħda mill-ħames prijoritajiet tal-Programm ta' Ħidma tiegħu għas-sussidjarjetà tal-2013, il-KtR wera r-rieda tiegħu li jsaħħaħ l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-miri l-ġodda li jridu jsegwu. F'dan il-kuntest, il-KtR jitlob li l-UE tassigura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti u jikkooperaw b'mod li totalment jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-KtR wettaq konsultazzjoni relatata mas-sussidjarjetà tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà tiegħu u tal-imsieħba tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà dwar ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart;

10. jindika li l-adozzjoni tal-miri l-ġodda għandha sseħħ b'rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-KtR jitlob li l-UE, waqt li tirrispetta l-prinċipju tal-prekawzjoni, tqis l-impatt li dawn il-miżuri l-ġodda jistgħu jħallu fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-baġits tagħhom u l-kapaċitajiet amministrattivi u operattivi tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-vijabbiltà tal-politiki futuri għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali bl-agħar prestazzjoni. Sabiex jintlaħqu

(5) 2008/98/KE.
(6) 1999/31/KE.
(7) 94/62/KE.

l-miri finali, jeħtieġ li jiġu adottati miri diżakkoppjati u intermedjarji waqt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw ċerta flessibbiltà operattiva. F'dan il-kuntest, għandhom jitqiesu l-partikolaritajiet ġeografiċi, demografiċi u soċjoekonomiċi;

11. jappella sabiex ir-reviżjoni tal-miri tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-prossimità. Dan il-prinċipju għandu jinftiehem f'termini lokali iżda wkoll internazzjonali: il-leġislazzjoni tal-futur għandha, b'mod prijoritarju, tiffoka fuq iż-żamma u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' ġestjoni tal-iskart fit-territorju Ewropew. Il-KtR jitlob li r-reviżjoni tal-għanijiet ma tkunx ta' ħsara għall-kompetittività u għall-kundizzjonijiet indaqs tal-atturi pubbliċi u privati Ewropej attivi f'dan is-settur u jappoġġja din l-attività ekonomika settorjali fi ħdan l-Unjoni;

### *Lejn lingwaġġ komuni dwar il-ġestjoni tal-iskart*

12. jappella li fi ħdan l-Unjoni jiġi adottat metodu uniku, effiċjenti u trasparenti li jikkalkula l-iskart sabiex il-miri jiġu razzjonalizzati u jkunu jistgħu jitqabblu s-sitwazzjonijiet u l-progress li sar. Meta jiġi adottat dan il-metodu, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi lokali fl-Istati Membri individwali; jitlob, b'mod partikolari, biex l-erba' metodi attwali fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart ([8]) u li jintużaw għall-kalkolu tal-mira tal-iskart domestiku u skart simili, jiġu sostitwiti b'metodu wieħed, trasparenti, kredibbli u ambizzjuż;

13. jitlob li jinħoloq lessiku Ewropew li jinkludi t-terminoloġiji preċiżi u eżawrjenti applikati għall-iskart, għall-metodi tat-trattament, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru li huma applikati għalihom, għall-istrutturi u l-infrastrutturi kif ukoll għall-operaturi f'dan is-settur;

14. iħeġġeġ il-ħolqien ta' nomenklatura Ewropea tal-iskart li tinkludi l-flussi kollha tal-iskart sabiex tkun tista' tinħoloq kategorizzazzjoni konklużiva fi ħdan il-ġerarkija;

### *Id-Direttiva Qafas dwar l-iskart: għat-tisħiħ u l-ħolqien ta' miri ġodda*

15. jitkellem favur id-diżakkoppjament tal-miri u sabiex, fi ħdan il-miri globali li ser jiġu allokati għal kull livell tal-ġerarkija, jiġu adottati miri distinti skont it-tipi ta' flussi ta' skart u materjali li jridu jiġu ttrattati;

16. jappella li jkun hemm miri speċifiċi għall-materjali essenzjali li huma importanti għall-ekonomija u li ma jistgħux jiġu rkuprati permezz tal-miri speċifiċi tal-flussi ta' skart biss;

17. jitlob li jiġi adottat il-prinċipju li skontu t-tipi differenti ta' skart jiġu klassifikati b'mod awtomatiku fl-ogħla livell tal-ġerarkija li hija aċċessibbli għalihom. In-natura tal-materjal li jkun fil-prodotti għandha tieħu preċedenza fuq it-tip ta' skart fil-ħin li l-flussi ta' skart jiġu kategorizzati fi ħdan il-ġerarkija;

18. jixtieq li l-prijorità ta' finanzjament mill-UE tingħata lill-attivitajiet li huma f'idejn l-ogħla livelli tal-ġerarkija. L-għoti ta' sussidji destinati għall-proġetti fil-livelli inferjuri għandu jsir b'kundizzjoni li jiġu implimentati minn qabel il-miżuri kollha neċessarji biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-livelli superjuri;

### *Il-prevenzjoni*

19. josserva li l-ġestjoni tal-iskart għandha impatt limitat fuq l-ambjent. Dan ifisser li l-ġestjoni sostenibbli tal-iskart għandu jiġi mħeġġeġ, u b'hekk jiġi promoss l-użu ta' materjali li jiġu prodotti mill-iskart flok ir-riżorsi naturali. Il-prevenzjoni tal-iskart tibqa' l-ewwel mod prinċipali li jwassal għal tnaqqis tal-piż minn fuq l-ambjent;

20. jenfasizza li t-titjib tal-prevenzjoni tal-iskart kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jippermettu li jiġi limitat il-piż finanzjarju u organizzattiv li hemm fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali inkarigati mill-ġestjoni tal-iskart;

21. jitlob li jkun hemm rekwiżiti aktar severi fil-prevenzjoni tal-iskart. Għandhom jiġu adottati għanijiet ambizzjużi u vinkolanti fuq il-bażi tal-aħjar riżultati li nkisbu sal-lum. F'dan ir-rigward, l-ammont ta' skart muniċipali għal kull persuna għandu jitnaqqas b'10 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli rreġistrati fl-2010, madankollu meta l-mira ġenerali għat-tnaqqis tal-iskart fid-Direttiva l-ġdida u l-mira għall kull persuna ma jkunux kompatibbli għandha tapplika tal-ewwel;

22. jappella sabiex jiġu adottati miżuri biex jitnaqqas il-ħela tal-ikel u l-imballaġġ u biex jinstabu possibbiltajiet ġodda biex il-familji dipendenti u fil-bżonn jiġu fornuti b'ikel li jkun għad jista' jittiekel. Dawn il-miżuri għandhom jippromovu informazzjoni aħjar lill-konsumaturi dwar id-dati "best-before" (data ta' skadenza għall-użu ottimali) u "use-by" (data ta' skadenza għall-konsum), l-impronta tal-karbonju tagħhom kif ukoll il-benefiċċji ekoloġiċi ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Għandhom isiru sforzi biex iċ-ċittadini jsiru jafu dwar il-ħtieġa li jadattaw l-ammonti li jixtru għall-bżonnijiet reali tagħhom tagħhom u biex jinkludu t-tip ta' imballaġġ fid-deċiżjoni tagħhom huma u jixtru; barra minn hekk it-tnaqqis fil-ħela tal-ikel għandu jiġi inkluż bħala tema fit-taħriġ fl-oqsma tal-produzzjoni, l-ipproċessar, il-catering u l-kummerċ;

### *Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi u l-Importaturi, l-Ekodisinn*

23. josserva li l-prinċipju tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi jew l-importaturi f'każijiet partikolari juri li huwa kontroll effettiv tal-politika dwar il-prevenzjoni tal-iskart. Minbarra l-ġbir sistematiku tal-prodotti użati, b'mod effettiv jinkoraġġixxi lill-produtturi u lill-importaturi sabiex jimmodifikaw id-disinn tal-prodotti bil-għan li jittejbu l-effiċjenza ekoloġika u d-disinn ekoloġiku;

24. jirrikonoxxi li l-ispiża tal-prinċipju tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi u l-importaturi tgħaddi għand il-konsumaturi finali mingħajr ma l-marġini ġenerati jiġu injettati lura fil-proċess ta' ġestjoni tal-iskart. Il-KtR jitlob sabiex ir-riżorsi illiberati mill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri adottati

([8]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru 2011/753/UE

fil-kuntest ta' dan il-prinċipju jiġu ddedikati għall-finanzjament ta' infrastrutturi ddedikati għall-issortjar, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;

25. jitlob li l-prinċipju ta' Ġestjoni tal-Prodott għandu jiġi introdott fil-leġislazzjoni dwar l-iskart tal-UE sabiex il-bejjiegħa jingħataw aktar responsabbiltà biex huma jappoġġaw il-ġbir tal-prodotti u jibagħtuhom lura lill-produtturi;

26. jitlob li l-Istati Membri għandhom jintalbu jikklassifikaw prodotti komuni li spiss ma jservux fit-tul u jevalwaw it-tul ta' ħajja tagħhom, u l-kapaċità tagħhom li jissewwew u jintużaw mill-ġdid. Din id-data imbagħad għandha tintuża biex jiġu stabbiliti standards minimi fi żmien ħames snin. Il-manifatturi għandhom jintalbu jbiegħu l-prodotti b'garanziji estiżi u jagħmlu l-partijiet komponenti tagħhom disponibbli biex issir it-tiswija. Għandhom jiġu appoġġati dawk l-intrapriżi li jipprovdu l-prodotti għall-konsumatur, bħal pereżempju apparat domestiku kbir, bħala servizz pjuttost milli bħala bejgħ, għax dan iżid id-domanda għal prodotti li għandhom ħajja twila u li jistgħu jissewwew;

27. jixtieq li tissaħħaħ il-leġislazzjoni dwar id-disinn ekoloġiku sabiex jiġu ottimizzati l-proċeduri ta' żarmar, tindif, riċiklaġġ u rkupru ta' skart sa mid-disinn tal-prodotti. L-adozzjoni tal-ogħla standards f'dan il-qasam jiffavorixxu l-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart fil-ġerarkija;

28. jiddikjara li huwa favur appoġġ akbar mill-UE lis-settur tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-disinn ekoloġiku permezz tal-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment. Dan l-isforz għandu jkun akkumpanjat minn aktar viġilanza fir-rigward tad-distorsjonijiet possibbli fuq il-kompetizzjoni li tista' tirriżulta mill-adozzjoni ta' standards ġodda;

## *L-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid*

29. jitlob li l-Istati Membri jingħataw miri vinkolanti, kwantitattivi, separati u minimi għal kull waħda mill-kategoriji ta' skart definit bħala li jista' jerġa' jintuża, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE;

30. jenfasizza l-potenzjal li jirrappreżentaw l-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart fl-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari. Għandhom jiġu adottati miżuri biex jappoġġjaw lill-atturi li jiżviluppaw attività f'dan is-settur fil-forma ta' aċċess faċli għall-fluss tal-iskart, għajnuna għall-finanzjament jew għall-istabbiliment tal-proġett ekonomiku u kummerċjali tagħhom;

31. jitlob sabiex il-partijiet interessati mill-ekonomija soċjali jkunu involuti fit-tfassil tal-leġislazzjoni Ewropea futura dwar l-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart;

## *Ir-riċiklaġġ*

32. jiddispjaċih li, minkejja titjib progressiv fiċ-ċifri tar-riċiklaġġ u tal-irkupru enerġetiku tagħhom, volumi kbar ta' materjal riċiklabbli jew li jista' jerġa' jintuża jkomplu jintefgħu f'miżbla jew maħruqa f'impjanti b'effiċjenza enerġetika baxxa. Il-leġislazzjoni futura għandha timmira li ttejjeb l-użu tar-riżorsi li jinsabu fl-iskart;

33. huwa favur li jiġu studjati l-possibbiltajiet li l-mira obbligatorja attwali għar-riċiklaġġ ta' skart muniċipali solidu tiżdied għal 70 % sal-2025, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE ([9]). Fi ħdan il-mira globali medja tal-UE, għandhom jiġu nnegozjati miri intermedji u perjodi ta' tranżizzjoni mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, partikolarment dawk l-inqas żviluppati;

34. jipprevedi li żieda il-miri ġenerali ser twassal sabiex parti mill-fluss ta' skart destinat għall-inċinerazzjoni jew il-miżbla tmur għar-riċiklaġġ. Iż-żieda fil-volumi tal-iskart għar-riċiklaġġ ser teħtieġ li jinħolqu infrastrutturi ġodda u investiment ġdid f'dan is-settur. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, li fil-biċċa l-kbira għandhom responsabbiltà operattiva għall-ġestjoni tal-iskart, għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ loġistiku u finanzjarju f'każ ta' bżonn, Fl-istess waqt, għandu jingħata appoġġ ukoll lill-preservazzjoni tal-materji primi u għall-użu mill-ġdid tal-materjali;

35. itenni t-talba tiegħu li jara li fir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart l-UE tintroduċi qafas legali b'rabta mal-miri ta' riċiklaġġ għall-iskart organiku. Dan il-qafas għandu jippermetti li jitħeġġeġ dan is-settur u jiġu stabbiliti għanijiet kwantitattivi filwaqt li kull Stat Membru u awtorità lokali u reġjonali jitħallew fil-libertà li jorganizzaw ir-riċiklaġġ tal-iskart organiku u li jikkooperaw f'dan il-qasdam skont is-sitwazzjoni tagħhom;

36. jappella li tingħata attenzjoni speċjali lill-użu ta' skart organiku. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jitħeġġu jadottaw miżuri li jippromovu l-ġardinaġġ ekoloġiku u l-kompost individwali u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom għall-ħażna u t-trattament ta' skart organiku;

37. huwa favur li jiġi ottimizzat ir-riċiklaġġ tal-iskart organiku u jitlob li jiġi pprojbit li dan l-iskart jintradam kif ukoll li tiġi limitata l-inċinerazzjoni ta' dan it-tip ta' skart. Jemmen li jeħtieġ li jiġu armonizzati fil-livell Ewropew il-kundizzjonijiet tal-kwalità tal-kompost u jiġu stabbiliti sistemi li jiżguraw il-kwalità tar-residwi li jiggarantixxu livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent;

38. jitlob li jiġu adottati miri ta' riċiklaġġ applikabbli għall-iskart industrijali. Dawn il-miri jistgħu jiġu definiti skont il-materjal iktar milli skont it-tip tal-iskart, u għandhom ikunu ambizzjużi daqs dawk allokati lill-iskart tad-dar;

39. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-inklużjoni tal-iskart industrijali fil-fluss destinat għar-riċiklaġġ ser iżżid b'mod konsiderevoli l-piż fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għandu jiġi assigurat li dawn tal-aħħar jistgħu jibbenefikaw minn riżorsi

([9]) Dan ġie enfasizzat bħala r-riżultat tal-konsultazzjoni relatata massussidjarjetà dwar ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart.

neċessarji sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom. Għaldaqstant il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għandu jiġi implimentat bi sħiħ fl-Istati Membri kollha;

40. jenfasizza l-bżonn li jiġu adottati l-aktar standards komuni stretti possibbli fl-issortjar u t-tindif tal-iskart, mhux biss għall-familji u l-industriji, iżda wkoll għaċ-ċentri tal-issortjar stess. 100 % tal-iskart irid jiġi ssortjat b'mod selettiv sal-2020. Barra minn hekk il-Kumitat iqis li, fil-każ tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għadhom ma wettqux progress sodisfaċenti fir-riċiklaġġ tal-iskart, jeħtieġ li jkun hemm qbil magħhom u jiġu stabbiliti miri intermedji u perjodi ta' tranżizzjoni. Huwa jirrakkomanda li flimkien ma' miri aktar ambizzjużi għall-ġbir u l-issorttjar tal-iskart, jiġu previsti l-mezzi finanzjarji adegwati u jissaħħu l-azzjonijiet ta' kontroll;

*L-irkupru tal-enerġija*

41. jappoġġja t-talba [10] li saret mill-Parlament Ewropew sabiex il-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-projbizzjoni tal-inċinerazzjoni tal-iskart riċiklabbli u organiku sal-2020 imma kieku jeskludi dawk l-impjanti li jilħqu livelli ta' effiċjenza għoljin ħafna permezz ta' produzzjoni ta' sħana biss, sħana u enerġija kombinati jew koġenerazzjoni u għandhom jitqiesu wkoll, f'dan ir-rigward, il-karatteristiċi fiżjokimiċi tal-iskart;

42. jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-inċineraturi li bħalissa jiffunzjonaw f'ċerti Stati tal-UE jistgħu jaħarqu aktar skart mhux riċiklabbli mill-produzzjoni totali ġġenerati fi ħdan dawn l-Istati. Din is-sitwazzjoni twassal għar-riskju li flussi ta' skart li jistgħu jiġu riċiklati jew użati mill-ġdid jittieħdu fl-inċineraturi;

43. jiddispjaċih li sabiex jiġi żgurat li ċerti inċineraturi bla użu jew b'kapaċità żejda jibqgħu miftuħin, ċerti Stati Membri ma investewx biżżejjed fil-prevenzjoni, l-issortjar u r-riċiklaġġ;

44. jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-analiżi ta' kwalunkwe investiment jew finanzjament futur tal-infrastruttura ta' inċinerazzjoni jew irkupru enerġetiku tal-iskart. Il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għandhom jiġu allokati għal proġetti bħal dawn biss meta jkunu parti minn ġestjoni koerenti totali tal-iskart li tinkludi biżżejjed infrastruttura li tassigura, mill-istadji bikrija, l-issortjar, it-tindif u r-riċiklaġġ tal-iskart miġbur;

45. jixtieq li l-infrastrutturi dedikati għall-irkupru tal-enerġija mill-iskart jiġu attrezzati bl-ogħla standards għall-irkupru tas-sħana, il-produzzjoni tal-enerġija u r-restrizzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-irkupru u l-użu tal-gagazza. Dawn l-istandards dinamiċi u komuni għandhom jiġu stabbiliti fil-livell Ewropew;

*Id-Direttiva dwar ir-rimi*

46. jitlob sabiex sal-2020 jiġi pprojbit ir-rimi ta' kull skart organiku jew bijodegradabbli, li jista' jerġa' jintuża, jiġi riċiklat totalment jew parzjalment jew li għandu valur f'termini ta' rkupru tal-enerġija. Il-mira globali tista' tkun ta' 5 % jew anqas ta' skart mormi f'terraferma, tkun xi tkun l-oriġini jew in-natura tiegħu;

47. josserva li ż-żieda fit-tariffi applikati għal kull tunnellata ta' skart mormi f'terraferma tkun mezz effettiv sabiex tiġi llimitata l-kwantità ta' skart u tinkoraġġixxi l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-flussi ta' skart lejn il-livelli għolja tal-ġerarkija. Il-livelli tat-tariffi għandhom jiġu stabbiliti skont kemm huma effettivi. Jista' jiġi previst li dawn it-tariffi jiġu armonizzati billi jiġu stabbiliti standards minimi sabiex jiġi evitat li jkun hemm distorsjonijiet fi ħdan dan is-settur;

*Id-Direttiva dwar l-imballaġġ u dwar l-iskart mill-imballaġġ*

48. huwa favur li jiġu studjati l-possibilitajiet li l-mira relatata mar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik – it-tipi kollha ta' plastik – tiżdied għal 70 % u li l-miri tar-riċiklaġġ tal-ħġieġ, metall, karta, kartun u injam jiżdiedu għal 80 %, filwaqt li jitqies il-livell ta' konformità mal-miri attwali madwar l-UE [11]. Fi ħdan il-mira globali medja tal-UE, għandhom jiġu nnegozjati miri intermedji u perjodi ta' tranżizzjoni mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, partikolarment dawk l-inqas żviluppati;

49. josserva li l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-produtturi jew l-importaturi juri li huwa kontroll effettiv tal-politka dwar il-prevenzjoni tal-iskart mill-imballaġġ. L-obbligu li l-irkupru jitwettaq minnhom jew minn korpi ta' ġestjoni jista' jkun indispensabbli sabiex dawn tal-aħħar ikunu responsabbli;

*Għal koeżjoni territorjali fil-ġestjoni tal-iskart*

50. jitlob li l-leġislazzjoni futura tkun ibbażata fuq il-prinċipji komuni li huma l-ġestjoni integrali tal-fluss tal-iskart, l-implimentazzjoni tal-ġerarkija, it-trasparenza tal-ġestjoni operattiva, tal-finanzjament, tal-ispejjeż, tal-miżuri fiskali fis-seħħ, tal-kontroll, tat-traċċabbiltà u tat-teħid f'kunsiderazzjoni tar-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-korpi li permezz tagħhom jikkooperaw. It-trasparenza tal-iskemi li jimplimentaw il-leġislazzjoni Ewropea ser tagħmilha possibbli li jitqabblu s-sitwazzjonijiet, jiġu evalwati prattiki differenti u li gradwalment joħroġ sett komuni ta' prattiki tajba kondiviżi;

51. jitlob li t-tfassil ta' miri ambizzjużi sal-2020 ikun akkumpanjat minn pjani ta' direzzjoni individwali li għandhom jiġu nnegozjati ma' kull Stat Membru u l-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti fejn applikabbli. Għandhom jinkludu skeda

[10] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza (2011/2068(INI))

[11] Dan ġie enfasizzat bħala r-riżultat tal-konsultazzjoni relatata mas-sussidjarjetà dwar ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart.

provviżorja u li tiddetermina l-miri intermedji adatti għal kull tip ta' skart u livelli ta' ġerarkija ta' skart, u li jkunu jistgħu jitwettqu fl-Istat Membru partikolari f'perjodu ta' żmien itwal mill-mira globali medja tal-UE. Miżura bħal din għandha tiżgura avvanz fost l-entitajiet l-inqas żviluppati waqt li tappoġġja l-isforz tal-entitajiet l-aktar effiċjenti;

52. jargumenta li l-prinċipju ġenerali tal-prossimità jirfed kull politika adottata mill-UE fil-ġestjoni u t-trattament tal-iskart. Skont dan il-prinċipju, il-pjani ta' ġestjoni tal-iskart għandhom jippromovu t-trattament tal-iskart li jkun l-eqreb għall-post fejn jiġi prodott, għalkemm huwa previst li l-ġarr tal-iskart fil-qafas attwali tal-UE jkollu bżonn ikompli għaddej fejn jirriżulta li soluzzjoni lokali ma tkunx waħda prattika. F'dan il-kuntest, il-kapaċitajiet annwali awtorizzati għat-trattament jew il-ħażna għandhom ikunu riservati bi prijorità għall-produzzjoni lokali u reġjonali. Fl-istess ħin jissuġġerixxi li kull fejn ikun possibbli l-operaturi tas-settur privat u pubbliku involuti fil-ġestjoni tal-iskart ikunu bbażati lokalment, b'hekk jonqos l-impatt ambjentali tat-trasport tal-iskart u jinħolqu l-impjiegi fil-livell lokali. Il-bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari għandha tiġi attwata f'perjodi ta' żmien realistiċi biex tippermetti li jiġu żviluppati l-arranġamenti infrastrutturali u tal-ippjanar;

53. jitlob li jinħolqu mekkaniżmi ta' djalogu u kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-livell transkonfinali. L-UE għandha tħeġġeġ u tissorvelja l-ħolqien ta' poli reġjonali ta' ġestjoni u trattament tal-iskart sabiex tiġi permessa razzjonalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-flussi ta' skart u użu ottimali tal-infrastrutturi u r-riżorsi disponibbli f'dan is-settur;

54. jinsisti li kull għoti ta' sussidji Ewropej ikun soġġett għall-approvazzjoni mill-UE tal-pjani ta' ġestjoni mressqa mill-Istati Membri applikanti, u dan sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki segwiti u jiġi evitat l-investiment inutli jew kontroproduttiv. L-investimenti għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi identifikati fil-pjani tal-ġestjoni tal-iskart;

55. jitlob li l-atturi u l-infrastrutturi li jikkostitwixxu pol reġjonali transkonfinali jkunu jistgħu jitqiesu fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-pjan nazzjonali ta' ġestjoni tal-iskart tal-Istat Membru fejn jinsabu parti minn dawn l-atturi u l-infrastrutturi;

56. jappoġġja l-ħolqien ta' pjattaforma Ewropea ta' tagħrif li tinkludi l-aħjar prattiki implimentati fl-UE – jew saħansitra barra l-UE – fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart. Din il-pjattaforma għandha tintegra l-kunċett ta' kooperazzjoni reġjonali li jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jixtieq━u dan sabiex jidħlu f'sinerġija mal-kontropartijiet tagħhom li xi kultant ikunu transkonfinali. Pjattaforma bħal din għandha tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll l-introduzzjoni gradwali tal-aħjar prattiki komuni f'livell Ewropew.

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## IL-102 SESSJONI PLENARJA TAT-3 U L-4 TA' LULJU 2013

### Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-tnaqqis fl-ispejjeż marbutin mal-użu tal-broadband"

(2013/C 280/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jieħu nota tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, li tressqet mill-Kummissjoni Ewropea fis-26 ta' Marzu 2013 u li tagħmel parti minn pjan li jiġbor fih għaxar punti li tressaq fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;

— japprezza ferm il-prijoritajiet imħabbra fil-Proposta għal Regolament – in-netwerks b'veloċità għolja, il-ħidmiet tal-inġinerija ċivili, l-użu kondiviż ta' infrastrutturi eżistenti u użu iżjed effettiv ta' infrastruttura fiżika ġdida u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tal-burokrazija – li jolqtu żoni fejn il-bliet u r-reġjuni huma atturi, fornituri u benefiċjarji tas-servizzi;

— diġà enfasizza f'okkażjonijiet oħra li l-adozzjoni ta' miżuri ta' razzjonalizzazzjoni, modernizzazzjoni u tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi bħala azzjoni prijoritarja sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, kif ukoll ir-razzjonalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u s-servizzi, li jixprunaw l-attività ekonomika, inaqqsu l-proċeduri u l-formalitajiet burokratiċi u jiffaċilitaw ukoll ir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni, jgħinu fit-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi tal-attivitajiet intraprenditorjali (b'mod partikolari ta' dawk li għandhom rabta mat-twaqqif ta' infrastrutturi tal-internet b'veloċità għolja), fit-titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi u biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom;

— ifakkar li biex ipattu għan-nuqqas ta' operaturi privati fit-territorji meqjusa li m'għandhomx potenzjal kbir għall-qligħ bħalma huma ż-żoni rurali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali bilfors ikollhom jintervjenu fil-finanzjament tal-infrastrutturi diġitali. Sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għaċ-ċittadini u t-territorji kollha għat-teknoloġiji ġodda, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-isforzi tagħhom ta' finanzjament billi, minn naħa tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-fondi strutturali Ewropej fil-finanzjament tal-infrastrutturi diġitali fir-reġjuni Ewropej kollha, u, min-naħa l-oħra billi tirrikonoxxi n-natura ta' servizz ta' interess ekonomiku u ġenerali tal-proġetti ta' ġestjoni diġitali tat-territorji rurali u li għandhom densità baxxa tal-popolazzjoni.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur Gábor BIHARY (HU/PSE), Membru tal-Assemblea Ġenerali ta' Budapest |
| **Dokument ta' referenza** | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja<br>COM(2013) 147 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jieħu nota tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, li tressqet mill-Kummissjoni Ewropea fis-26 ta' Marzu 2013 u li tagħmel parti minn pjan li jiġbor fih għaxar punti li tressaq fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;

2. josserva b'sodisfazzjon li l-Proposta għal Regolament tissejjes fuq il-prattiki tajbin tal-Istati Membri, u fl-istess ħin tiżgura li l-Istati Membri jibbenefikaw minn marġni wiesa' ta' apprezzament fir-rigward tal-aspetti ta' organizzazzjoni, u tikkontribwixxi għall-kultura l-ġdida tal-aċċess;

3. japprezza ferm il-prijoritajiet imħabbra fil-Proposta għal Regolament – in-netwerks b'veloċità għolja, il-ħidmiet tal-inġinerija ċivili, l-użu kondiviż ta' infrastrutturi eżistenti u użu iżjed effettiv ta' infrastruttura fiżika ġdida u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tal-burokrazija – li jolqtu żoni fejn il-bliet u r-reġjuni huma atturi, fornituri u benefiċjarji tas-servizzi;

4. ifakkar li l-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja tikkostitwixxi l-pilastru tas-suq uniku diġitali kif ukoll prerekwiżit għall-kompetittività dinjija, pereżempju fil-qasam tal-kummerċ elettroniku. Kif issemma fil-Komunikazzjoni "Att dwar is-Suq Uniku II" ([1]), żieda ta' 10 % fil-penetrazzjoni tal-broadband, tista' tirriżulta f'żieda ta' bejn 1 % u 1,5 % tal-PDG kull sena u 1,5 % gwadann mill-produttività tax-xogħol ([2]). Innovazzjoni indotta mill-broadband fil-kumpaniji toħloq l-impjiegi u għandha l-potenzjal li sal-2020 tiġġenera 2 miljun impjieg ieħor ([3]);

5. jisħaq fuq il-fatt li l-Unjoni ma tistax taffordja li tħalli lill-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej barra mill-kopertura ġeografika ta' din l-infrastruttura, u li hija impenjat ruħha li tilħaq l-għanijiet ambizzjużi tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa fil-qasam tal-aċċess għall-broadband, jiġifieri, broadband bażiku għall-Ewropej kollha sal-2013, u sal-2020, tagħmel mod li: (i) l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għal veloċitajiet ta' konnessjoni ta' 'l fuq minn 30 Mbps, u li (ii) tal-inqas 50 % tad-djar Ewropej ikollhom konnessjonijiet tal-internet ta' 'l fuq minn 100 Mbps. Madankollu, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss jekk tonqos l-ispiża tal-bini ta' din l-infrastruttura fl-UE kollha.

6. jenfasizza li, kif indikat fil-"White Paper tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-gvernanza f'diversi livelli" ([4]), huwa essenzjali li jkun hemm azzjoni kkoordinata min-naħa tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi rispettat bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà sabiex jitmexxa l-proċess li fuqu jissejsu l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li qed tiġi diskussa hawnhekk u l-miżuri ta' politiki pubbliċi assoċjati magħha;

7. b'konformità mal-pożizzjonijiet espressi f'Opinjonijiet preċedenti, jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-Ewropa fil-qasam tal-iżvilupp tas-servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fis-setturi pubbliċi u privati, u l-bżonn li l-ICT jintużaw bħala mezz għat-titjib tas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ordni pubbliku, is-sigurtà jew is-servizzi soċjali. Is-sħubijiet pubbliċi-privati appoġġjati mill-UE bejn l-SMEs li jiżviluppaw l-ICT u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tas-servizzi pubbliċi tal-ICT jistgħu jservu ta' bażi eċċellenti għall-ħolqien tal-ħiliet u l-għarfien fil-livell lokali fl-UE kollha ([5]);

8. diġà enfasizza f'okkażjonijiet oħra li l-adozzjoni ta' miżuri ta' razzjonalizzazzjoni, modernizzazzjoni u tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi bħala azzjoni prijoritarja sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, kif ukoll ir-razzjonalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u s-servizzi, li jixprunaw l-attività ekonomika, inaqqsu l-proċeduri u l-formalitajiet burokratiċi u jiffaċilitaw ukoll ir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni, jgħinu fit-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi tal-attivitajiet intraprenditorjali (b'mod partikolari ta' dawk li għandhom rabta mat-twaqqif ta' infrastrutturi tal-internet b'veloċità għolja), fit-titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi u biex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom ([6]);

([1]) COM(2012) 573 final.
([2]) Booz & Company (2012), Maximising the impact of Digitalisation [Nottimizzaw l-impatt tad-diġitalizzazzjoni].
([3]) Estimi tal-Kummissjoni abbażi ta' dawn l-istudji nazzjonali: Liebenau, J., Atkinson, R., Karrberg, P., Castro, D. u Ezell, S., 2009, The UK Digital Road to Recovery (Il-mezzi diġitali għar-rilanċ tar-Renju Unit); Katz R.L. et al, 2009, The Impact of Broadband on Jobs and the German Economy (L-impatt tal-broadband fuq l-impjieg u l-ekonomija Ġermaniża).
([4]) CdR 89/2009 fin.
([5]) CdR 156/2009 fin.
([6]) CdR 65/2011 fin.

9. jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-ġestjoni tal-inizjattivi marbutin mal-ICT ([7]);

10. jieħu nota tal-intenzjoni tal-Proposta għal Regolament tista' tikkontribwixxi għat-titjib kwantitattiv tas-servizzi u l-prodotti ta' informazzjoni maħsuba għall-konsumatur Ewropew u għat-tnaqqis tal-ispejjeż inutli u l-piżijiet amministrattivi filwaqt li tappoġġja s-suq uniku diġitali u l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020;

*L-aċċess għall-broadband*

11. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fost id-destinatarji prinċipali tar-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenda Diġitali, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-użu tal-broadband, u jistgħu jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għlall-implimentazzjoni tiegħu. Il-prijoritajiet stabbiliti mill-istrateġija l-ġdida għal-livelli lokali u reġjonali jistgħu jtejbu l-kwalità tal-ħajja, jappoġġjaw l-attività soċjoekonomika taċ-ċittadini, jistimulaw l-iżvilupp reġjonali u jippromovu servizzi pubbliċi u intrapriżi lokali iżjed effettivi u personalizzati. Ir-reġjuni u l-bliet għandhom bosta mezzi biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli minn dan il-potenzjal;

12. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Proposta għal Regolament għandha l-potenzjal li jagħmilha possibbli li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-firda diġitali kif ukoll għat-twettiq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, u biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet importanti taċ-ċittadini Ewropej fl-oqsma soċjali, kulturali u ekonomiċi ([8]);

13. jirrikonoxxi li s-soċjetà tal-informazzjoni wasslet għal aċċellerazzjoni konsiderevoli tal-progress ekonomiku u soċjali u huwa tal-fehma li użu aħjar tal-infrastruttura tal-broadband għandu jsaħħaħ din it-tendenza. Madankollu, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-faċilità li biha jista' jixxerred kontenut perikoluż għaż-żgħażagħ u għall-valuri demokratiċi fundamentali, u jenfasizza li tagħlim adatt ibbażat fuq valuri u edukazzjoni b'mod wiesa' fil-qasam tal-mezzi ta' komunikazzjoni ([9]) jista' jilqa' kontra din it-theddida;

14. ifakkar fir-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżguraw aċċess ġust għall-broadband bi prezz raġonevoli, pereżempju fir-reġjuni fejn is-suq jidher li mhuwiex kapaċi jagħmel dan, biex imexxu proġetti piloti bil-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi eżistenti fir-rigward tal-aċċessibilità elettronika, u li jiżviluppaw approċċi ġodda li jipprovdu servizzi elettroniċi pubbliċi ċċentrati fuq iċ-ċittadin ([10]);

15. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-fatt li, f'dak li jirrigwarda l-finanzjament tal-infrastruttura tal-broadband min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jista' jkun hemm bżonn ta' għajnuna mill-Istat li ma titħallasx lura u jitlob li tfassal regolamentazzjoni dwar dan;

16. itenni l-proposta li diġà semma fl-Opinjoni dwar "L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa", jiġifieri li l-fondi u miżuri oħra ta' appoġġ għandhom jiffavorixxu l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband b'aċċess apert, abbażi ta' struttura ta' netwerk bi strati orizzontali (horizontally layered network architecture) u mudell ta' negozju li jissepara l-aċċess fiżiku għan-netwerk mill-forniment tas-servizz, u li n-netwerks tal-fibra ottika attwali għandhom ikunu miftuħin għall-kompetizzjoni. ([11]) F'termini prattiċi, dan ifisser li l-fibra skura, li hija forma ta' infrastruttura passiva, u l-mudelli kummerċjali ta' aċċess miftuħ għandhom jiġu promossi b'mod attiv.

17. huwa tal-fehma li, jekk ir-reġjuni b'popolazzjoni għolja huma ta' interess kummerċjali ovvju, biex jiġi garantit bilanċ ġeografiku jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jitħeġġeġ investiment privat fiż-żoni rurali b'popolazzjoni baxxa kif ukoll fir-reġjuni l-aktar imbiegħda. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol fundamentali biex jikkoordinaw id-domanda tal-aċċess għall-broadband min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-korpi ta' sigurtà pubblika, skejjel lokali u infrastrutturi tas-saħħa, iżda wkoll billi jistabbilixxu gruppi fil-livell lokali (ta' skejjel, komunitajiet, SMEs, eċċ.) u żoni għad-dimostrazzjoni tal-infrastruttura tal-broadband għall-konsumaturi u billi jorganizzaw it-taħriġ;

18. ifakkar li biex ipattu għan-nuqqas ta' operaturi privati fit-territorji meqjusa li m'għandhomx potenzjal kbir għall-qligħ bħalma huma ż-żoni rurali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali bilfors ikollhom jintervjenu fil-finanzjament tal-infrastrutturi diġitali; sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għaċ-ċittadini u t-territorji kollha għat-teknoloġiji ġodda, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-isforzi tagħhom ta' finanzjament billi, minn naħa tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-fondi strutturali Ewropej fil-finanzjament tal-infrastrutturi diġitali fir-reġjuni Ewropej kollha, u, min-naħa l-oħra billi tirrikonoxxi n-natura ta' servizz ta' interess ekonomiku u ġenerali tal-proġetti ta' ġestjoni diġitali tat-territorji rurali u li għandhom densità baxxa tal-popolazzjoni;

*Servizzi diġitali u gvern elettroniku*

19. jenfasizza li l-ICT, li fuqhom tissejjes soċjetà tal-informazzjoni miftuħa għal kulħadd, għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-membri kollha tas-soċjetà, u b'mod partikolari dawk mheddin mill-esklużjoni soċjali;

([7]) CdR 283/2008 fin.
([8]) CdR 14/2010 fin.
([9]) CdR 133/2009 fin.
([10]) CdR 5/2008 fin.
([11]) CdR 104/2010 fin.

20. jafferma mill-ġdid li l-aċċess għall-konnessjonijiet b'veloċità għolja, li huma ta' kwalità tajba ħafna u bi prezz raġonevoli jista' jikkontribwixxi biex jiġi ffaċilitat iżjed l-aċċess għas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll il-kwalità tas-servizzi, filwaqt li, fir-rigward tal-mikrointrapriżi u l-SMEs, tiġi ssemplifikata l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom. Huwa mistenni li r-reġjuni u l-komunitajiet remoti, b'mod partikolari ż-żoni ultraperiferiċi, jibbenefikaw b'mod konsoderevoli mill-possibbiltà ta' aċċess ikbar u iżjed rapidu għas-servizzi tal-broadband ([12]);

21. jinsisti fuq l-importanza vitali tal-użi ġodda u tas-servizzi diġitali għall-attraenza u l-iżvilupp bilanċjat tat-territorji u jqis li l-aċċess għat-teknoloġija diġitali minn kulħadd huwa rekwiżit biex jitwettqu tajjeb l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea;

22. jirrakkomanda, b'konformità mal-pożizzjonijiet espressi f'Opinjoni preċedenti ([13]), li jiġu sfruttati bis-sħiħ il-possibbiltajiet li joffri fl-Ewropa l-użu aċċellerat tan-netwerk bis-saħħa tar-Regolament diskuss hawnhekk sabiex jiġu żviluppati s-servizzi tal-ICT fis-setturi pubbliċi u privati, u b'hekk, sabiex l-ICT jiġu użati bħala mezz għat-titjib tas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkwist pubbliku, is-sigurtà u s-servizzi soċjali;

23. bl-istess mod, jirrakkomanda li, b'konformità mal-pożizzjonijiet espressi f'Opinjoni preċedenti ([14]), jiġu sfruttati bis-sħiħ il-possibbiltajiet li joffri fl-Ewropa l-użu aċċellerat tan-netwerk bis-saħħa tar-Regolament diskuss hawnhekk sabiex jiġu żviluppati servizzi transnazzjonali tal-gvern elettroniku, u li jiġi żgurat li l-proġetti tal-IT ikkonċernati jkopru l-aspetti tal-interoperabbiltà u l-identifikazzjoni elettronika taċ-ċittadini (il-proġett Stork), il-firem elettroniċi, is-servizz elettroniku tad-dokumenti u elementi oħra tal-gvern elettroniku biex dawn jiġu trattati f'kuntest Ewropew;

24. josserva li huwa impossibbli li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-cloud computing ([15]) mingħajr ma tiġi implimentata mill-iżjed fis il-bażi strutturali meħtieġa għal dan il-għan;

***Netwerks intelliġenti tal-enerġija, diġitalizzazzjoni u kontenut kreattiv: l-użu tal-ICT***

25. jenfasizza li s-suq uniku diġitali huwa pedament essenzjali tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa peress li jippermetti li jinħoloq suq pan-Ewropew ta' suċċess, ħaj u li qed jikber għall-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' kontenut diġitali legali u servizzi elettroniċi, kif ukoll biex il-konsumaturi jingħataw aċċess faċli, sigur u flessibbli għall-kontenut diġitali u s-swieq tas-servizzi; ([16]); għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon l-effett doppju tal-aċċellerazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż li l-Proposta għal Regolament ser ikollha fuq dan il-proċess:

([12]) CdR 252/2005 fin (mhux disponibbli bil-Malti).
([13]) CdR 156/2009 fin.
([14]) CdR 65/2011 fin.
([15]) CdR 1673/2012 fin.
([16]) CdR 104/2010 fin.

26. iqis essenzjali li, flimkien mal-użu tan-netwerks b'veloċità għolja, l-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livell reġjonali u lokali jkollhom kapaċitajiet interni adegwati u riżorsi finanzjarji sostenibbli għad-diġitalizzazzjoni ([17]);

27. jirrikonoxxi li l-Proposta għal Regolament ser ikollha impatt fuq il-miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li jissejsu fuq l-ICTs ([18]), u fuq l-adattament ta' strutturi għall-isfruttament tar-riżorsi naturali;

***Aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi eżistenti u t-trasparenza***

28. jaqbel mal-għan li jiġu massimizzati s-sinerġiji possibbli bejn in-netwerks, permezz ta' Regolament li ma jindirizzax biss lill-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda lis-sidien kollha ta' infrastrutturi fiżiċi bħan-netwerks tal-elettriku, tal-gass, tal-provvista tal-ilma tax-xorb, tas-sistema tad-drenaġġ jew tat-tisħin u s-servizzi tat-trasport, li jistgħu jilqgħu fi ħdanhom elementi min-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika; madankollu, jinsab imħasseb dwar l-applikazzjoni tar-Regolament għall-infrastruttura kritika bħall-mini tal-metro fil-bliet il-kbar, għal raġunijiet ta' sigurtà u minħabba l-ispejjeż kbar assoċjati magħhom;

29. jiddispjaċih li s-servizzi u l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni għadhom frammentati wisq tul il-fruntieri nazzjonali, minkejja li l-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja hija s-sinsla tas-suq uniku diġitali u prerekwiżit għall-kompetittività dinjija;

30. peress li l-ħidmiet tal-inġinerija ċivili jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż globali tal-użu tan-netwerks, huwa tal-fehma li l-fatt li kull operatur ta' netwerk ikollu d-dritt joffri l-aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi (pereżempju tubi, kondjuwits, toqob tal-ispezzjonar (manholes), kabinetti, poli, arbli, antenni, torrijiet u strutturi ta' appoġġ oħra) jew jibbenefika minnhom (bi prezz ġust u taħt kundizzjonijiet raġonevoli) jikkostitwixxi progress regolatorju importanti, fid-dawl tal-użu ta' elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Għall-finijiet ta' trasparenza, l-informazzjoni meħtieġa għal dan il-għan għandha tkun disponibbli minn punt ta' informazzjoni wieħed;

31. madankollu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-għanijiet soċjali u ta' koeżjoni m'għandhomx jiġu injorati meta jkun qed jiġu stabbiliti l-prezzijiet u t-tariffi;

([17]) CdR 247/2009 fin.
([18]) CdR 254/2008 fin.

*Koordinazzjoni tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili*

32. japprezza l-fatt li r-Regolament jittratta l-kwistjoni tal-koordinazzjoni tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili, l-iżjed meta wieħed iqis li dawn l-investimenti huma ffinanzjati parzjament jew għalkollox minn but iċ-ċittadini: madankollu, josserva li r-Regolament ma jagħmel l-ebda referenza għall-implikazzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku;

33. jissipjaċih li r-Regolament ma jsemmix ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, minkejja li huwa fit-territorju tagħhom li ser isseħħ il-koordinazzjoni tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili; għalhekk, jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssemmi l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-regolamentazzjoni;

*L-għoti tal-permessi*

34. jappoġġja r-rwol ta' punt ta' informazzjoni wieħed fl-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-permessi u jikkunsidra li l-iskadenza massima ta' sitt xhur hija biżżejjed;

35. jiddispjaċih li r-Regolament ma jittrattax ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċedura tal-għoti tal-permessi minkejja li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, din il-proċedura hija fil-kompetenza tal-awtoritajiet lokali; jinsaħeb imħasseb dwar l-ispejjeż sostanzjali li l-awtoritajiet lokali ta' spiss ikollhom iġarrbu f'dan ir-rigward;

*It-tagħmir ġol-bini u l-possibbiltà ta' aċċess għalih*

36. iqis li tikkostitwixxi progress enormi d-dispożizzjoni li tipprevedi bħala kriterju fil-qafas tad-domanda għall-permessi l-obbligu li fil-bini l-ġdid tiġi installata infrastruttura fiżika adattata għall-internet b'veloċità għolja, sal-punti fejn jintemm in-netwerk;

37. jilqa' b'sodisfazzjon l-obbligu li l-bini l-ġdid li jkun fih ħafna abitazzjonijiet, kif ukoll il-bini li jsirlu rinnovament kbir, ikollhom punt ta' konċentrazzjoni aċċessibbli għall-forrnituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettonika, iżda huwa tal-fehma li jkun għaqli li jiġi ppreċiżat li dan l-obbligu jgħodd ukoll għall-investimenti fid-djar soċjali bil-għan li jiġi żgurat li l-gruppi mhedda mill-esklużjoni diġitali li jgħixu fihom ikollhom aċċess għas-servizzi tal-broadband; f'dan il-każ, madankollu, għandu jkun hemm inkoraġġiment sħiħ biex jintlaħaq l-għan stabbilit;

*Is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni aħjar*

38. jirrikonoxxi li, kif inhuma fformulati attwalment, il-miżuri rakkomandati fil-Proposta għal Regolament jidhru li huma konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fil-fatt, it-tnaqqis tal-ispiża tal-użu tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja jitlob azzjoni min-naħa tal-UE biex isir titjib fil-kundizzjonijiet tat-twaqqif u l-funzjonament tas-suq uniku bil-għan li jgħibu l-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku dovuti għad-disparitajiet bejn ir-regoli u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fil-livell nazzjonali u infranazzjonali. Dawn id-disparitajiet ixekklu l-espansjoni u t-tkabbir tal-inrapriżi Ewropej, għandhom impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-Ewropa u joħolqu l-ostakli għall-investiment u għall-attività transkonfinali;

39. huwa tal-fehma li l-miżuri proposti fl-oqsma li jħaddnu elementi transkonfinali huma meħtieġa peress li l-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali waħidhom ma jistgħux jirregolaw b'mod adegwat l-elementi transnazzjonali li huma determinanti f'dan il-kuntest, u li kopertura kompleta tal-broadband issaħħaħ il-koeżjoni territorjali;

40. jirrikonoxxi li r-Regolament għandu l-għan fundamentali li jiffaċilita u jħeġġeġ l-implimentazzjoni tan-netwerks tal-komunikazjoni elettronika b'veloċità għolja billi jippromovi l-użu kondiviz tal-infrastrutturi eżistenti u billi joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-użu iżjed effiċjenti tal-infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż marbutin mat-twaqqif ta' dawn n-netwerks;

41. huwa tal-fehma li l-miżuri proposti għandhom vantaġġi ovvji meta mqabblin mal-azzjonijiet iżolati meħudin fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, l-iżjed peress li l-miżuri prinċipali jiffukaw fuq l-erba' kwistjonijiet li ġejjin: in-netwerks b'veloċità għolja, il-ħidmiet tal-inġinerija ċivili, l-użu kondiviż tal-infrastruttura eżistenti u użu iżjed effettiv tal-infrastruttura fiżika l-ġdida, u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi;

42. josserva li approċċ Ewropew komuni biex jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet ikkonċernati jġib miegħu valur miżjud fis-sens li jevita d-dupplikazzjoni inutli tal-ħidmiet u jiġġenera ekonomiji ta' skala, u jenfasizza li dan l-approċċ huwa essenzjali fid-dawl tal-fatt li l-internet, li min-natura tiegħu huwa omnipreżenti u transkonfinali, huwa strument indispensabbli biex jagħmel l-aqwa użu mill-potenzjal ekonomiku u soċjali tal-ICTs;

43. jirrikonoxxi li, kif inhuma fformulati attwalment, il-miżuri rakkomandati fil-Proposta għal Regolament jidhru li huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fil-fatt, dawn jillimitaw ruħhom għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti, u jfittxu li jnaqqsu l-ostakli li jimpedixxu l-aċċess għall-infrastruttura fiżika;

44. josserva li l-miżuri għat-tnaqqis tal-ispejjeż proposti fir-Regolament huma ffukati fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u t-trasparenza u fuq livell minimu ta' armonizzazzjoni tal-għodod, bil-għan li l-atturi rilevanti jkunu jistgħu jisfruttaw is-sinerġiji u jnaqqsu l-lakuni fil-proċess tal-implimentazzjoni;

45. jenfasizza li l-miżuri proposti ma jimponu l-ebda mudell ekonomiku partikolari u jħallu f'idejn l-Istati Membri l-għażla li jadottaw diżpożizzjonijiet iżjed dettaljati; B'dan il-mod, huma jikkomplementaw iżjed milli jinfluwenzaw l-inizjattivi nazzjonali fis-seħħ. Fl-istess ħin, jippermettu lill-Istati Membri li jibbażaw ruħhom fuq il-miżuri attwalment fis-seħħ fit-territorju tagħhom u li jagħżlu li jorganizzaw il-miżuri l-ġodda jew eżistenti bl-iktar mod adattat għas-sitwazzjoni tagħhom, mingħajr ma jimponu spejjeż addizzjonali bla bżonn;

46. jenfasizza, madankollu, li sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-regolament irid jispeċifika liema passi se jittieħdu mill-Kummissjoni Ewropea malli jiġu notifikati mill-Istati Membri miżuri ta' eżenzjoni;

47. għalkemm direttiva tagħti marġni ta' manuvrar ikbar lill-Istati Membri, jaċċetta l-għażla ta' regolament; huwa tal-fehma madankollu li, jekk ir-Regolament jiġi applikat b'mod flessibbli biżżejjed, ikun jista' jiżgura d-disponibbiltà rapida tal-għodod għat-tnaqqis tal-ispejjeż u ż-żamma tad-dinamika tal-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropea, li għandhom jintlaħqu sal-2020;

48. fir-rigward tat-titjib tar-regolamentazzjoni, josserva b'mod ġenerali li l-Proposta għal Regolament kemm-il darba tagħmel referenza speċifika għal-livell lokali u reġjonali. Meta wieħed iqis il-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rwol fundamentali li jintalbu jaqdu fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' miżuri marbutin mal-oqsma ta' applikazzjoni tal-ICTs (u b'mod iżjed partikolari mal-iżvilupp tan-netwerks b'veloċità għolja), ikun tajjeb li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jikkonsultaw b'mod regolari lil dawn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kuntest tat-tfassil u l-applikazzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jwettqu l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;

49. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex fi żmien debitu tikkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rapport ta' reviżjoni li ser jitressaq 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

### Emenda 1

Artikolu 2, punt ġdid (11)

**Definizzjonijiet**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (11) "korp nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-soluzzjoni tat-tilwim": dan il-kompitu huwa fdat lill-awtorità regolatorja nazzjonali f'każ li l-Istat Membru ma jaħtarx korp kompetenti ieħor, li jkun legalment distint u funzjonalment indipendenti mill-operaturi kollha tan-netwerk; |

***Raġuni***

Bil-għan li r-Regolament jinftiehem u jiġi applikat aħjar, ikun għaqli li fost id-definizzjonijiet ikun hemm ukoll il-korp nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-soluzzjoni tat-tilwim.

### Emenda 2

Artikolu 2, punt ġdid (12)

**Definizzjonijiet**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (12) "punt ta' informazzjoni wieħed": f'każ fejn l-Istat Membru ma jaħtarx korp kompetenti ieħor, dan il-kompitu jiġi fdat f'kull Stat Membru lill-awtorità regolatorja nazzjonali. |

***Raġuni***

Bil-għan li r-Regolament jinftiehem u jiġi applikat aħjar, ikun għaqli li fost id-definizzjonijiet ikun hemm ukoll il-punt ta' informazzjoni wieħed fil-qasam tas-soluzzjoni tat-tilwim.

**Emenda 3**

Artikolu 7(2)

**It-tagħmir ġol-bini**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 2. Kull bini mibni ġdid b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*], għandu jkun mgħammar b'punt ta' konċentrazzjoni, interna jew esterna, u aċċessibbli għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, fejn tkun disponibbli konnessjoni għall-infrastruttura b'veloċità għolja lesta ġol-bini. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament fejn jidħol bini b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*]. | 2. Kull bini mibni ġdid b'ħafna abitazzjonijiet, <u>inklużi d-djar soċjali</u>, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*], għandu jkun mgħammar b'punt ta' konċentrazzjoni, interna jew esterna, u aċċessibbli għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, fejn tkun disponibbli konnessjoni għall-infrastruttura b'veloċità għolja lesta ġol-bini. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament fejn jidħol bini b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*]. |

***Raġuni***

L-għan ta' din l-emenda huwa li jiġi ppreċiżat li ma nistgħux innaqqsu l-ispejjeż tal-bini tad-djar soċjali billi nċaħħduhom mit-tagħmir meħtieġ għal konnessjoni tal-internet b'veloċità għolja, u dan bil-għan li niżguraw li l-abitanti tagħhom igawdu minn opportunitajiet indaqs.

**Emenda 4**

Artikolu 10

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 3 years*] għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih sommarju tal-impatt tal-miżuri previsti b'dan ir-Regolament u valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. | Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 3 years*] għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih sommarju tal-impatt tal-miżuri previsti b'dan ir-Regolament u valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. <u>Għandu jitressaq quddiem il-Kumitat tar-Reġjuni bil-għan li jfassal Opinjoni.</u> |

***Raġuni***

L-emenda tipprevedi li l-konsultazzjoni tal-KtR bil-għan li titfassal Opinjoni tkun obbligatorja.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati"**

(2013/C 280/11)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva hija neċessarja u, għalhekk, għandha ssir mingħajr dewmien sabiex is-saħħa tal-popolazzjoni Ewropea, speċjalment taż-żgħażagħ, tiġi protetta mir-riskji tat-tabakk;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw Direttiva bilanċjata li twassal għal ħarsien tas-saħħa aħjar għall-konsumaturi filwaqt li jitqiesu l-valur ekonomiku u tal-produzzjoni tal-kultivazzjoni tat-tabakk;

— jemmen li l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk (onlajn jew f'żoni pubbliċi) minħabba li dan għandu potenzjal kbir li jħajjar persuni ġodda (u żgħażagħ) li jpejpu;

— jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex flimkien mal-Istati Membri tikkunsidra skema li tikkumpensa għat-telf tal-impjiegi fis-settur tat-tabakk u fl-industrija tal-ippakkjar;

— jargumenta li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprojbixxu l-bejgħ transkonfinali ta' prodotti tat-tabakk biex jipproteġu aħjar liċ-ċittadini żgħażagħ tagħhom;

— huwa konvint li għandhom jiġu promossi kampanji ta' informazzjoni kif ukoll edukazzjoni pubblika, li jipprovdu pariri fl-iskejjel primarji u sekondarji dwar il-ħsara tat-tabakk u l-effetti ħżiena tiegħu fuq is-saħħa u l-benesseri;

— jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu appoġġ għar-reġjuni fejn jiġi mkabbar jew manifatturat it-tabakk bħalissa, sabiex ikunu jistgħu jissostitwixxu t-tabakk b'uċuħ tar-raba' aktar sostenibbli;

— jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fis-swieq bħalissa jeżistu pakketti mhux standard, u t-tneħħija tagħhom jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq ir-reġjuni fejn jiġu prodotti dawn il-pakketti.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur KALOGEROPOULOS (EL/PPE), Kunsillier Muniċipali ta' Aigaleo |
| **Dokument ta' referenza** | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati<br><br>COM(2012) 788 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

***Daħla***

1. jinnota li tnax-il sena wara li l-UE adottat id-Direttiva attwali dwar il-Prodotti tat-Tabakk (li tinkludi diversi miżuri ta' kontroll) it-tipjip għadu l-kawża prinċipali ta' mewt li jista' jiġi evitat u joqtol kważi 700 000 persuna kull sena, u li aktar minn 70 % ta' dawk li jpejpu jibdew bil-vizzju qabel jagħlqu t-18-il sena. Għalhekk jappoġġja bis-sħiħ il-bżonn li tiġi riveduta b'mod urġenti d-Direttiva attwali billi jiġu kkunsidrati miżuri aktar stretti għall-implimentazzjoni tagħha;

2. jilqa' b'mod favorevoli d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jindirizzaw il-problema tat-tipjip. Il-Kumitat jinnota li t-tabakk jiġi kkultivat legalment, madankollu huwa essenzjali li l-impatt tiegħu fuq is-saħħa taċ-ċittadini jiġi mmonitorjat b'attenzjoni;

3. japprova l-Artikolu 114 tat-TFUE bħala l-bażi legali tal-proposta fid-dawl tal-għan tal-Kummissjoni Ewropea li tarmonizza l-liġijiet u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għadhom differenti fil-kuntest tal-Proposta għal Direttiva sabiex tiżgura l-funzjonament tas-suq intern. Huwa jindika li dan l-approċċ huwa appoġġjat mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja C-380/03 (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea). Mill-banda l-oħra, il-Proposta għal Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri aktar stretti minn dawk previsti fl-istess proposta;

***Kontributi tal-politika tal-UE sabiex tiġi garantita s-saħħa***

4. jirrikonoxxi l-kontribut li b'mod ġenerali jista' jsir mill-politiki ta' appoġġ tal-UE, b'konformità mal-objettiv stipulat fl-Artikolu 114(3) tat-TFUE, kif ukoll fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamanetali, jiġifieri li "għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni";

5. iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva hija neċessarja u, għalhekk, għandha ssir mingħajr dewmien sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-popolazzjoni Ewropea, speċjalment iż-żgħażagħ, mir-riskji tat-tabakk;

6. jenfasizza li l-UE flimkien mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom iżidu l-isforzi tagħhom f'termini ta' saħħa pubblika, l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' edukazzjoni, sensibilizzazzjoni u promozzjoni tas-saħħa li jipprovdu informazzjoni dwar il-konsegwenzi kkawżati mit-tipjip li s'issa kienu pjuttost effettivi fit-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk kif ukoll f'termini ta' miżuri restrittivi li wasslu għal tibdil fil-livell ta' konsum;

7. jitlob li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk tkun konformi mal-Programm "Is-Saħħa għat-Tkabbir: it-tielet programm multiannwali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020" li għandu l-għan li jippromovi s-sinerġiji filwaqt li jevita d-duplikazzjoni ma' programmi u azzjonijiet relatati tal-Unjoni;

***Ngħaqqdu l-protezzjoni tas-saħħa mal-iżvilupp ekonomiku***

8. jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li, b'konformità mal-Artikoli 114, 168 u 169 tat-TFUE, tikkunsidra livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa bħala bażi hija u tagħżel bejn id-diversi għażliet ta' politika identifikati fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk; jenfasizza li l-protezzjoni tas-saħħa hija għan ewlieni li għandu jikkunsidra l-fatturi għall-promozzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni tal-mard, bħall-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, l-istil tal-ħajja, il-kultura, l-edukazzjoni u l-fatturi ambjentali fl-oqsma soċjali rilevanti kollha sabiex jiġu identifikati l-fatturi ta' riskju u jkun hemm mitigazzjoni għall-effetti negattivi tagħhom minn stadju kemm jista' jkun bikri;

9. iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw li jimmodifikaw id-dispożizzjonijiet proposti b'tali mod li jiżguraw l-adozzjoni ta' direttiva bbilanċjata li, filwaqt li tissalvagwardja t-twissijiet sanitarji meħtieġa għall-ħarsien tal-konsumatur, tqis ukoll il-produzzjoni u l-valur ekonomiku ta' din il-kultivazzjoni;

10. jappoġġja dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza mit-tabakk jew it-tossiċità tiegħu abbażi ta' evidenzi xjentifiċi, kif ukoll dawk li jwasslu biex tiġi evitata konfużjoni fost il-konsumaturi b'mod oġġettiv, bħal pereżempju l-inklużjoni ta' addittivi li jistgħu jimplikaw li ċerti prodotti tat-tabakk għandhom effetti tajbin għas-saħħa jew terapewtiċi;

*Protezzjoni tal-impjieg u l-produzzjoni*

11. iqis li f'ħafna reġjuni tal-UE t-tabakk jitkabbar f'ħamrija ftit fertili, fejn il-produzzjoni tat-tabakk teħtieġ l-użu ta' kwantitajiet kbar ta' fertilizzanti u pestiċidi;

12. jindika, f'konformità mal-Opinjoni tal-KtR dwar il-Politika Agrikola Komuni, li huwa vitali li l-biedja Ewropea timxi lejn metodi sostenibbli ta' produzzjoni u li tadatta għat-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, fid-dawl tal-impatt ambjentali tiegħu, it-tkabbir tat-tabakk għandu jinbidel b'żergħat aktar sostenibbli;

13. jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu appoġġ għar-reġjuni fejn jiġi mkabbar jew manifatturat it-tabakk bħalissa, sabiex ikunu jistgħu jirristrutturaw il-produzzjoni tagħhom għal prodotti agrikoli oħra;

14. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex flimkien mal-Istati Membri tikkunsidra skema li tikkumpensa għat-telf tal-impjiegi fis-settur tat-tabakk u fl-industrija tal-ippakkjar;

*Dħul mit-taxxa, miżuri ta' sikurezza u traċċabbiltà u kuntrabandu*

15. ifakkar li fl-Unjoni Ewropea kull sena jinġabru kważi EUR 100 biljun f'taxxi fuq il-prodotti tat-tabakk u li attwalment il-kummerċ illeċitu huwa ta' madwar 10 %, li jwaqqaf milli kull sena jinġabru EUR 10 biljun f'taxxi. Dan juri l-ħtieġa li s-suq Ewropew ikun imħares aħjar mit-theddid tal-kummerċ illeċitu u li ċ-ċittadini jkunu infurmati aħjar dwar il-periklu li jiġu kkunsmati prodotti tat-tabakk ta' oriġini mhux magħrufa jew mhux awtorizzata, li l-kwalità tagħhom fl-ebda ħin ma ġiet ikkontrollata u li jipperikolaw is-sigurtà tal-konsumaturi;

16. iqis li l-miżuri speċifiċi inklużi fil-Proposta għal Direttiva għall-kontroll tat-traċċabbiltà u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ser ikollhom piż ekonomiku u amministrattiv kbir għall-intrapriżi (speċjalment għall-iżgħar intrapriżi) u għall-Istati Membri. Dan ixekkel milli dawn il-miżuri jkunu effettivi u jikser id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-WHO;

17. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fis-swieq nazzjonali jew reġjonali tal-Ewropa bħalissa jeżistu pakketti mhux standard, u t-tneħħija tagħhom jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq id-dħul tar-reġjuni fejn jiġu prodotti dawn il-pakketti. Dan l-impatt ekonomiku negattiv jista' jkun partikolarment qawwi f'żoni li diġà qed ibatu minħabba l-kriżi ekonomika attwali;

18. mill-banda l-oħra jwissi li ftit li xejn jiswew dawn il-miżuri ta' kontroll jekk il-bqija tal-kontenut tad-Direttiva jista' jispiċċa jiffavorixxi ż-żieda tal-kuntrabandu speċjalment fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet fil-fruntieri u l-kuntrabandu minn pajjiżi terzi. Għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jimpenjaw lilhom innifishom aktar fil-ġlieda kontra l-kontrabandu;

*Bżonn ta' koerenza bejn il-politiki tal-UE*

19. iqis li d-definizzjoni l-ġdida ta' "sigarru żgħir" proposta fit-test tad-Direttiva hija inkoerenti u bla bżonn u tmur kontra d-Direttiva 2011/64/UE tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat;

*Sussidjarjetà u atti ddelegati*

20. iwissi li l-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni jagħtu setgħat kbar lill-Kummissjoni Ewropea biex b'mod ulterjuri u unilaterali tiżviluppa aspetti essenzjali bħall-livelli massimi ta' addittivi, l-aromi u t-togħmiet li jistgħu jiġu pprojbiti jew il-kliem, il-post u d-daqs tat-twissijiet tas-saħħa;

21. jemmen li l-użu ta' atti ddelegati, kif proposti, jagħti lill-Kummissjoni setgħa diskrezzjonali ta' implimentazzjoni eċċessiva, li tista' tikser it-Trattat ta' Lisbona, li jispeċifika li l-atti ddelegati jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu żviluppati "elementi mhux essenzjali" ta' direttiva, xi ħaġa li ma titwettaqx f'dan il-każ;

22. fil-każ tas-sigarri, is-sigarri żgħar u t-tabakk tal-pipa, iwissi li l-Proposta għal Direttiva tirriserva l-poter li telimina b'mod awtomatiku ċerti eċċezzjonijiet rikonoxxuti fit-test jekk ikun hemm "bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi", bidla li hija marbuta ma' żieda fil-volum ta' bejgħ ta' mill-inqas 10 % f'mill-inqas 10 Stati Membri jew 5 % ta' persuni li jpejpu u li għandhom inqas minn 25 sena. F'10 mis-27 Stati Membri attwali, is-suq ta' dawn il-prodotti huwa estremament żgħir u l-bidla ta' 10 % tista' tiġri faċilment. Dan ifisser li l-miżura ma tagħmilx sens u tiġġenera inċertezza legali kbira f'dan is-sottosettur. Il-Kumitat tar-Reġjuni jemmen li din id-dispożizzjoni hija wisq ġenerali u wiesgħa, u dan jista' jwassal għal użu diskrezzjonali mill-Kummissjoni.

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

### Emenda 1

Premessa 8

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Skont l-Artikolu 114(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "it-Trattat"), għandu jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażagħ. | Skont l-Artikolu 114(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "it-Trattat"), għandu jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażagħ. Għandhom jiġu promossi l-kampanji pubbliċi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni billi b'mod regolari jingħataw pariri fl-iskejjel tal-primarja u tas-sekondarja. |

*Raġuni*

Il-kampanji pubbliċi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni ser ikollhom impatt akbar fuq is-saħħa pubblika milli miżuri sempliċi ta' intervenzjoni jew projbizzjoni abbażi ta' projbizzjonijiet arbitrarji.

### Emenda 2

Premessa 13

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| L-użu attwali ta' formati differenti ta' rappurtar jagħmilha diffiċli għall-manifatturi u l-importaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' rappurtar u huwa ta' piż għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex iqabblu, janalizzaw u jfasslu l-konklużjonijiet mill-informazzjoni li jkunu rċevew. F'dan id-dawl għandu jkun hemm format obbligatorju komuni għar-rappurtar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet. L-akbar trasparenza possibbli dwar l-informazzjoni tal-prodott għandha tiġi żgurata għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu kif xieraq id-drittijiet kummerċjali u ta' proprjetà intellettwali tal-manufatturi tal-prodotti tat-tabakk. | L-użu attwali ta' formati differenti ta' rappurtar jagħmilha diffiċli għall-manifatturi u l-importaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' rappurtar u huwa ta' piż għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex iqabblu, janalizzaw u jfasslu l-konklużjonijiet mill-informazzjoni li jkunu rċevew. F'dan id-dawl għandu jkun hemm format obbligatorju komuni għar-rappurtar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet. L-akbar trasparenza possibbli dwar l-informazzjoni tal-prodott għandha tiġi żgurata għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu kif xieraq id-drittijiet kummerċjali u ta' proprjetà intellettwali tal-manufatturi tal-prodotti tat-tabakk u jiġu rispettati l-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). |

*Raġuni*

Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea kellha uffiċjalment tinnotifika lill-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ bil-proposta għal Direttiva, peress li xi wħud mill-proposti tagħha jistgħu jiksru r-regoli tal-kummerċ.

### Emenda 3

Premessa 18

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Meta wieħed jikkunsidra l-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażagħ, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk li ma jdaħħanx li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, għandhom | Meta wieħed jikkunsidra l-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażagħ, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, u ~~i~~t-tabakk tal-brim ~~u t-tabakk li ma jdaħħanx~~ li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, għandhom |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| jingħataw eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' ċerti ingredjenti sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum fir-rigward taż-żgħażagħ. | jingħataw eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' ċerti ingredjenti sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum fir-rigward taż-żgħażagħ. |

***Raġuni***

Din l-emenda tqis l-approċċ ġenerali maqbul dwar id-Direttiva mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur matul il-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2013, li jgħid li l-projbizzjoni ta' togħmiet karatterizzanti għandha titwessa' għas-sigarretti u t-tabakk tal-brim, u tħalli barra prodotti tat-tabakk oħrajn.

## Emenda 4

Premessa 24

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għajr is-sigarretti u l-prodotti tat-tabakk tal-brim, li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, għandhom jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti tal-ittikkettjar sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew fix-xejriet tal-konsum fir-rigward taż-żgħażagħ. L-ittikkettjar ta' dawn il-prodotti l-oħra tat-tabakk għandu jsegwi regoli speċifiċi. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa fuq prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. It-twissijiet għandhom għalhekk jitqiegħdu fuq iż-żewġ uċuħ ewlenin tal-pakkett tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. | Il-prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għajr is-sigarretti u l-prodotti tat-tabakk tal-brim, li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, ħlief f'komunitajiet lokali speċifiċi, għandhom jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti tal-ittikkettjar sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' jew fix-xejriet tal-konsum fir-rigward taż-żgħażagħ. L-ittikkettjar ta' dawn il-prodotti l-oħra tat-tabakk għandu jsegwi regoli speċifiċi. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa fuq prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. It-twissijiet għandhom għalhekk jitqiegħdu fuq iż-żewġ uċuħ ewlenin tal-pakkett tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. Ser tingħata attenzjoni speċifika lill-monitoraġġ tat-tendenzi ta' konsum ta' prodotti speċjalizzati tat-tabakk, bħall-prodotti tal-pipi tal-ilma, fost il-komunitajiet etniċi minoritarji fi ħdan l-Istati Membri. |

## Emenda 5

Premessa 30

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-bejgħ transkonfinali bid-distanza tat-tabakk jiffaċilita l-aċċess taż-żgħażagħ għall-prodotti tat-tabakk u jhedded li jimmina l-konformità mar-rekwiżiti provduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tat-tabakk ta' din id-Direttiva. Ir-regoli komuni dwar is-sistema ta' notifika huma meħtieġa biex jiżguraw li din id-Direttiva tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha. Id-dispożizzjoni dwar in-notifika tal-bejgħ tat-tabakk transkonfinali bid-distanza f'din id-Direttiva għandha tapplika minkejja l-proċedura ta' notifika stabbilita fid-Direttiva 2001/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni ([1]). Il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk bejn l-intrapriżi u l-konsumaturi huwa | Il-bejgħ transkonfinali bid-distanza tat-tabakk jista' jiġi pprojbit mill-Istati Membri peress li jiffaċilita l-aċċess taż-żgħażagħ għall-prodotti tat-tabakk u jhedded li jimmina l-konformità mar-rekwiżiti ~~provduti mil-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tat-tabakk~~ ta' din id-Direttiva. Ir-regoli komuni dwar is-sistema ta' notifika huma meħtieġa biex jiżguraw li din id-Direttiva tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha. Id-dispożizzjoni dwar in-notifika tal-bejgħ tat-tabakk transkonfinali bid-distanza f'din id-Direttiva għandha tapplika minkejja l-proċedura ta' notifika stabbilita fid-Direttiva 2001/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni ([1]). Il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| rregolat ulterjorment mid-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod, li mit-13 ta' Ġunju 2014 se tiġi sostitwita mid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatu ([2]).<br><br>([1]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.<br>([2]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19-27 u ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88. | bejn l-intrapriżi u l-konsumaturi huwa rregolat ulterjorment mid-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod, li mit-13 ta' Ġunju 2014 se tiġi sostitwita mid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur ([2]).<br><br>([1]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.<br>([2]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19-27 u ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88. |

***Raġuni***

Il-bejgħ transkonfinali bid-distanza jikkostitwixxi parti żgħira mill-kummerċ tat-tabakk. Dan jista' jiffaċilita l-aċċess għall-prodotti tat-tabakk għaż-żgħażagħ, għaldaqstant l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprojbixxu dan il-bejgħ min-negozji għall-konsumaturi jekk jitqajjem tħassib reġjonali jew nazzjonali. Fl-assenza ta' din il-projbizzjoni, xorta waħda ser ikun hemm bżonn ta' regoli komuni ta' notifika biex jiżguraw il-konformita sħiħa mar-regoli ta' din id-Direttiva.

**Emenda 6**

Premessa 30

Żid premessa ġdida wara l-premessa 30

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | Fid-dawl tal-potenzjal kbir li jiġu reklutati persuni ġodda (u żgħażagħ) li jpejpu, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-prinċipju tad-distribuzzjoni ħielsa tal-prodotti tat-tabakk (minn ħwienet onlajn jew f'żoni pubbliċi). |

***Raġuni***

L-emenda proposta hija relatata mal-punt 1 tal-abbozz ta' opinjoni: hemm bżonn li jiġi limitat il-konsum tat-tabakk tas-70 % ta' dawk li bdew ipejpu qabel għalqu t-18-il sena.

**Emenda 7**

Premessa 31

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità u l-konsum tagħhom għandu jinżamm limitat. Għalhekk, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk innovattivi. L-obbligu ta' notifika għall-prodotti ġodda tat-tabakk għandu jiġi impost fuq il-manifatturi u l-importaturi, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jipprojbixxuhom jew jawtorizzawhom. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp u tissottometti rapport ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa emendi għal din id-Direttiva. | Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità u l-konsum tagħhom għandu jinżamm limitat. Għalhekk, ~~huwa importanti~~ għandhom jiġu promossi l-pjani u l-kampanji pubbliċi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-konsegwenzi gravi li t-tipjip għandu fuq is-saħħa, minbarra li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk innovattivi. L-obbligu ta' notifika għall-prodotti ġodda tat-tabakk għandu jiġi impost fuq il-manifatturi u l-importaturi, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jipprojbixxuhom jew jawtorizzawhom. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp u tissottometti rapport ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa emendi għal din id-Direttiva. |

***Raġuni***

Il-kampanji pubbliċi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni ser ikollhom impatt akbar fuq is-saħħa pubblika milli miżuri sempliċi ta' intervenzjoni jew projbizzjoni abbażi ta' projbizzjonijiet arbitrarji.

**Emenda 8**

Artikolu 2(20)

Żid punt ġdid fl-Artikolu 20, wara l-punt 20

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | "it-tabakk speċjalizzat" ikopri l-prodotti tat-tabakk, l-aktar il-prodotti tat-tabakk mingħajr duħħan u tal-pipa, bħall-Gutkha, Zarda, Nasal snuff, Sishaand Beedi, li tradizzjonalment huma kkunsmati minn komunitajiet tal-Asja t'Isfel u komunitajiet speċifiċi oħra. |

***Raġuni***

Attwalment m'hemmx din id-definizzjoni fid-Direttiva.

**Emenda 9**

Artikolu 5(4)

Żid punt ġdid fl-Artikolu 5, wara l-punt 4

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-manifatturi u lill-importaturi biex jiddikjaraw in-nefqa tagħhom fuq ir-reklamar, il-promozzjoni u l-isponserizzazzjoni għal kull Stat Membru fuq bażi annwali mill-bidu tas-sena kalendarja sħiħa wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

***Raġuni***

Din l-emenda tirriżulta mir-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-WHO. Din iċ-ċifra attwalment mhix disponibbli għall-UE.

**Emenda 10**

Artikolu 6(4)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-addittivi li ġejjin fi prodotti tat-tabakk: | 4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-addittivi li ġejjin fi prodotti tat-tabakk: |
| (a) vitamini u addittivi oħra li joħolqu l-impressjoni li prodott tat-tabakk huwa ta' benefiċċju għas-saħħa jew jippreżenta inqas perikli għas-saħħa, jew | (a) vitamini u addittivi oħra li joħolqu l-impressjoni li prodott tat-tabakk huwa ta' benefiċċju għas-saħħa jew jippreżenta inqas perikli għas-saħħa, jew |
| (b) kafeina u tawrina u addittivi oħra u komposti stimulanti li huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità, jew | (b) kafeina u tawrina u addittivi oħra u komposti stimulanti li huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità, jew |
| (c) addittivi li għandhom proprjetajiet koloranti għall-emissjonijiet. | (c) addittivi li għandhom proprjetajiet koloranti għall-emissjonijiet, jew. |
| | (d) addittivi li jżidu l-effett ta' dipendenza tan-nikotina. |

*Raġuni*

Ma teħtieġx spjegazzjoni. Tintalab ukoll fid-deċiżjoni tal-Bundesrat Ġermaniż tat-22 ta' Marzu 2013. Ara http://dipbt.bundestag.de/dip21/brd/2012/0820-12B.pdf (bil-Ġermaniż).

**Emenda 11**

Artikolu 6(10)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, it-tabakk tal-brim u l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tirtira din l-eżenzjoni jekk ikun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni. | Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, u it-tabakk tal-brim ~~u l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux~~ għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tirtira din l-eżenzjoni jekk ikun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni. |

*Raġuni*

Din l-emenda tqis l-approċċ ġenerali maqbul dwar id-Direttiva mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur matul il-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2013.

**Emenda 12**

Artikolu 9(1)(c)

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) ikopru 75 % tal-erja esterna tal-wiċċ ta' quddiem u ta' wara tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern. | (c) ikopru ~~75~~ 65 % tal-erja esterna tal-wiċċ ta' quddiem u ta' wara tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern. |

*Raġuni*

B'konformità mal-approċċ ġenerali maqbul dwar id-Direttiva mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur matul il-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2013.

**Emenda 13**

Artikolu 9(1)(e)

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) jitqegħdu fuq ix-xifer ta' fuq tal-pakkett individwali u ta' kwalunkwe ppakkjar estern, u fl-istess direzzjoni bħal kwalunkwe informazzjoni oħra li tidher fuq l-ippakkjar; | (e) jitqegħdu fuq ix-xifer ta' fuq jew t'isfel tal-pakkett individwali u ta' kwalunkwe ppakkjar estern, u fl-istess direzzjoni bħal kwalunkwe informazzjoni oħra li tidher fuq l-ippakkjar; |

*Raġuni*

Il-pakketti tat-tabakk ta' daqs normali b'ippakkjar artab m'għandhomx għatu li jinfetaħ, u t-timbru tat-taxxa huwa mwaħħal mat-tarf ta' fuq, li jservi wkoll biex iżomm il-pakkett magħluq. Jekk jiġi speċifikat li l-twissija għas-saħħa trid titqiegħed fit-tarf ta' fuq tal-pakkett, dan ifisser li dan it-tip ta' prodott ma jibqax vijabbli. Għaldaqstant qed nissuġġerixxu li tiġi introdotta ċerta flessibbiltà dwar fejn għandhom jitqiegħdu dawn it-twissijiet, filwaqt li tinżamm il-viżibbiltà neċessarja għat-twissijiet, billi jitħallew jitqiegħdu fil-qiegħ tal-pakkett bħala alternattiva.

**Emenda 14**

Artikolu 9(1)(g)

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| (g) għall-pakketti individwali tas-sigarretti, jirrispettaw id-dimensjonijiet li ġejjin:<br>(i) għoli: mhux inqas minn 64 mm;<br>(ii) wisa': mhux inqas minn 55 mm; | (g) għall-pakketti individwali tas-sigarretti, jirrispettaw id-dimensjonijiet li ġejjin:<br>(i) għoli: mhux inqas minn ~~64~~ 44 mm;<br>(ii) wisa': mhux inqas minn ~~55~~ 52 mm; |

**Emenda 15**

Artikolu 13(1)

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| Pakkett individwali tas-sigarretti għandu jkun forma ta' kubu. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu l-forma ta' borża, jiġifieri, but rettangulari b'għatu li jkopri l-fetħa. L-għatu tal-borża għandu jkopri ta' mill-anqas 70 % tal-wiċċ ta' quddiem tal-pakkett. Pakkett individwali tas-sigarretti għandu jinkludi mill-inqas 20 sigarett. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu tabakk li jiżen mill-inqas 40 gr. | Pakkett individwali tas-sigarretti għandu jkun forma ta' kubu. ~~Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu l-forma ta' borża, jiġifieri, but rettangulari b'għatu li jkopri l-fetħa. L-għatu tal-borża għandu jkopri ta' mill-anqas 70 % tal-wiċċ ta' quddiem tal-pakkett.~~ Pakkett individwali tas-sigarretti għandu jinkludi mill-inqas 20 sigarett. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu tabakk li jiżen mill-inqas 40 gr. |

***Raġuni***

L-Artikolu 13(1) tal-abbozz ta' Direttiva jistabbilixxi li pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu l-forma ta' borża. Ġeneralment, regoli eħrex assoċjati mal-abbozz ta' Direttiva, bħat-twissijiet għas-saħħa fuq is-sigarretti u t-tabakk tal-brim għandhom jintlaqgħu ħafna mil-lat tas-saħħa pubblika. Madankollu, il-proj-bizzjoni proposta dwar, pereżempju ċerti laned apposta billi l-ippakkettjar għal dan il-grupp ta' prodotti jiġi limitat għal boroż, ma twassalx għal titjib sinifikanti fil-ħarsien tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari peress li l-għan tal-ħarsien tal-konsumaturi permezz ta' twissija għas-saħħa fuq il-pakketti jista' jintlaħaq skont il-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tad-WHO.

Brussell, 3 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Enerġija nadifa għat-trasport"**

(2013/C 280/12)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jisħaq li din l-opportunità ma tistax titwettaq biss permezz tal-bidliet fis-sistemi tat-trasport iżda wkoll permezz tal-politika tal-enerġija nazzjonali, peress li l-Istati Membri jridu jadottaw politika ta' investiment fit-tul biex tinbena l-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;

— meta tistabbilixxi l-iskadenzi għall-ħolqien tal-infrastrutturi lokali l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mhux biss l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi u klimatiċi ta' reġjun iżda wkoll l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-ħidma fir-riċerka u l-iżvilupp, u fl-istess ħin għandha tfassal kalendarju adegwat biex ikun jista' jinħoloq standard komuni u jintlaħaq qbil dwaru;

— jenfasizza li d-deċiżjonijiet politiċi għandhom jikkunsidraw li l-prezzijiet tal-fjuwils iridu jibqgħu jistgħu jintlaħqu minn but iċ-ċittadini, aktar u aktar fi żmien meta d-dħul tal-familji f'ħafna mill-Istati Membri qed jonqos mingħajr waqfien;

— jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali tal-politika tat-trasport u tal-atti amministrattivi u leġislattivi, sabiex jiġi garantit li dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod adatt fil-livell lokali u jqisu ċ-ċirkostanzi lokali;

— jappella biex l-oqfsa ta' politika nazzjonali jkun fihom taħlita enerġetika bilanċjata, billi bl-ebda mod m'għandna mmorru minn dipendenza waħda (jiġifieri d-dipendenza miż-żejt ta' pajjiżi terzi) għal dipendenza oħra (jiġifieri d-dipendenza mill-gass naturali ta' pajjiżi terzi).

— jappella li l-istandards stabbiliti għall-infrastruttura jkunu bbażati fuq l-istandards tal-UE, li huma konformi għalkollox mal-istandards internazzjonali. B'hekk għandu jiġi evitat li l-istandards ikollhom jerġgħu jiġu riveduti;

— huwa tal-fehma li l-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi hi ta' importanza kbira għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jistgħu jinfluwenzaw il-preferenzi u l-għażliet tal-konsumaturi billi jipprovdu konċessjonijiet għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

— jenfasizza li r-rekwiżiti għall-bini tal-infrastruttura b'rabta mal-infrastruttura urbana u periurbana għandhom jiġu sostituti b'rekwiżiti li jistabbilixxu l-Istati Membri stess bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sinjura SAIMA KALEV (EE/AE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Jõgeva |
| **Dokumenti ta' referenza** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Enerġija nadifa għat-trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi<br>COM(2013) 17 final<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi<br>COM(2013) 18 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-proposti mressqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Enerġija nadifa għat-trasport" u jqishom bħala opportunità għall-implimentazzjoni tal-għanijiet stabbiliti fl-inizjattiva ewlenija "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([1]) u fil-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport ([2]). Però l-Kumitat jisħaq li din l-opportunità ma tistax titwettaq biss permezz tal-bidliet fis-sistemi tat-trasport iżda wkoll permezz tal-politika tal-enerġija nazzjonali, peress li l-Istati Membri jridu jadottaw politika ta' investiment fit-tul biex tinbena l-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;

2. jaqbel mal-Kummissjoni li t-tqegħid fis-suq jiddependi l-aktar minn jekk jistgħux isiru ekonomiji ta' skala u minn jekk il-fjuwils alternattivi jistgħux jinxterdu madwar l-UE kollha. Għal dan il-għan hemm bżonn ta' strateġija uniformi, stabbli u komprensiva kif ukoll ta' qafas regolatorju li jippromovi l-investimenti, li s'issa għad m'hemmx. Għalhekk, meta tistabbilixxi l-iskadenzi għall-ħolqien tal-infrastrutturi lokali l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mhux biss l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi u klimatiċi ta' reġjun iżda wkoll l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-ħidma fir-riċerka u l-iżvilupp, u fl-istess ħin għandha tfassal kalendarju adegwat biex ikun jista' jinħoloq standard komuni u jintlaħaq qbil dwaru;

3. jemmen li l-iskadenzi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni ([3]) huma qosra wisq, billi l-adozzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-atti leġislattivi u amministrattivi rilevanti jirrikjedu kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll analiżi fil-fond, dibattitu u t-tfassil ta' soluzzjonijiet finanzjarji fil-livell nazzjonali;

4. jenfasizza li d-deċiżjonijiet politiċi għandhom jikkunsidraw li l-prezzijiet tal-fjuwils iridu jibqgħu jistgħu jintlaħqu minn but iċ-ċittadini, aktar u aktar fi żmien meta d-dħul tal-familji f'ħafna mill-Istati Membri qed jonqos mingħajr waqfien. Dan japplika wkoll għall-ispejjeż tal-infrastruttura u l-fjuwils alternattivi;

***L-importanza u r-rwol tal-livell lokali u reġjonali***

5. jinnota li l-istrateġija għall-fjuwils alternattivi taħdem favur l-għan tal-politika tat-trasport li jiġu introdotti l-fjuwils alternattivi fl-Istati Membri kollha tal-UE, ħaġa li tinfluwenza b'mod konsiderevoli l-organizzazzjoni u l-użu tat-trasport fil-livell lokali u reġjonali. F'dan il-kuntest, it-tisħiħ tar-rwol tal-politiki reġjonali u lokali ser ikun deċiżiv għall-iżvilupp tal-fjuwils alternattivi fil-qasam tat-trasport;

6. Għaldaqstant, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti fl-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali tal-politika tat-trasport u tal-atti amministrattivi u leġislattivi, sabiex jiġi garantit li dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod adatt fil-livell lokali u jqisu ċ-ċirkostanzi lokali. B'dan il-mod jiġi żgurat li huma jinkludu wkoll politika għall-fjuwils alternattivi, b'konformità mal-pjani tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin għandhom jintużaw l-inizjattivi Ewropej li jeżistu fil-bliet, bħall-Patt tas-Sindki, sabiex jiggwidaw u jsaħħu l-impenji fil-pjani ta' azzjoni tal-enerġija sostenibbli b'rabta mas-sistemi tal-fjuwils alternattivi lokali fit-trasport;

7. huwa tal-fehma li l-Kumitat, bħala rappreżentant tal-livell lokali u reġjonali, għandu jżid u jappoġġja d-dibattiti u l-iskambju tal-esperjenzi b'rabta mal-fjuwils alternattivi, bil-għan li l-bliet u r-reġjuni jsiru aktar nodfa u ekoloġiċi. Il-Kumitat għandu jiftaħ ukoll dibattiti dwar kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba taċ-ċittadini u jħeġġuhom jużaw aktar il-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils alternattivi;

8. jagħmel enfasi fuq il-fehma tal-Kummissjoni li l-azzjoni intensiva min-naħa tal-Unjoni bħala dik li tieħu l-ewwel pass lejn soluzzjonijiet innovattivi ta' fjuwils alternattivi toħloq opportunitajiet ġodda fis-suq għall-industrija Ewropea, tiggarantixxi l-kompetittività tal-UE fis-swieq dinjija u tista' toħloq

([1]) COM (2011) 21 final.
([2]) CdR 101/2011 fin.
([3]) COM(2013) 18 final.

700 000 impjieg ġdid ([4]). Dawn jinħolqu fil-livell lokali fi ħdan l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għalhekk għandhom jingħataw il-possibbiltà li jesprimu fehmiethom fil-kuntest tat-tfassil tal-istrateġiji nazzjonali rilevanti;

9. jemmen li l-appoġġ għar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jżid is-sinerġiji u jottimizza l-ispejjeż tal-iżvilupp tal-infrastruttura. B'hekk, pereżempju, iż-żieda fis-setgħat għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni transkonfinali jippermettu l-użu ta' dawn il-faċilitajiet;

10. jagħmel referenza għall-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-White Paper – Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" ([5]), u jappoġġja l-għan tal-White Paper li l-persentaġġ ta' karozzi li jaħdmu b'mod tradizzjonali jitnaqqas bin-nofs sal-2030 waqt li sal-2050 jitneħħew għalkollox mit-traffiku urban, u li sal-2030 it-traffiku urban fiċ-ċentri urbani l-kbar ikun jaħdem kważi mingħajr $CO_2$;

***Id-dipendenza mill-enerġija ta' pajjiżi terzi***

11. jappella lill-Kummissjoni biex fil-Proposta għal Direttiva tenfasizza li biex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha, jiġifieri li tiżgura l-indipendenza miż-żejt, l-oqfsa ta' politika nazzjonali għandu jkun fihom taħlita enerġetika bilanċjata. Bl-ebda mod m'għandna mmorru minn dipendenza waħda (jiġifieri d-dipendenza miż-żejt ta' pajjiżi terzi) għal dipendenza oħra (jiġifieri d-dipendenza mill-gass naturali ta' pajjiżi terzi). Il-proposta għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija għall-fjuwils alternattivi għandha tikkunsidra diversi tipi ta' materja prima li huma meħtieġa għall-produzzjoni ta' dawn il-fjuwils u li huma disponibbli fil-livell lokali u reġjonali;

***Il-finanzjament mill-fondi disponibbli tal-UE***

12. jibża' li l-applikazzjoni tal-Proposta għal Direttiva tista' tiffaċċja ostakli finanzjarji, anke jekk parti mill-attivitajiet jiġu ffinanzjati mill-Orizzont 2020, mit-TEN-T jew mis-settur pivat. Fil-futur għandu jkun possibbli wkoll li l-miżuri politiċi għat-trasport nadif jiġu ffinanzjati fil-livell lokali u reġjonali mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. L-ippjanar tal-infiq għall-perjodu finanzjarju li jmiss għandu jikkunsidra l-investimenti meħtieġa sew fil-livell Ewropew u sew f'dak nazzjonali;

13. huwa mħasseb dwar il-finanzjament tal-alleanzi transkonfinali, peress li fit-8 ta' Frar 2013 il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ([6]) tal-ġejjieni bil-prijoritajiet baġitarji tal-UE għall-2014-2020 li jipprevedi tnaqqis fil-fondi għall-kooperazzjoni transkonfinali;

14. jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi evitat li l-politiki tal-Istati Membri joħolqu effett ta' fruntiera minħabba l-inugwaljanza reġjonali, u għalhekk jirrakkomanda li jiġu stabbiliti mekkaniżmi minimi għall-mitigazzjoni tagħhom (pereżempju, il-ħolqien ta' kurituri prijoritarji għall-fjuwils alternattivi fit-trasport tal-merkanzija, li jiġu kofinanzjati mill-fondi tal-UE);

15. ifakkar li fil-fehma tal-KtR ([7]) anke fir-reġjuni l-aktar żviluppati jista' jkun hemm bżonn ta' investimenti fl-infrastruttura biex jiġu pprovduti servizzi bażiċi għaċ-ċittadini, pereżempju fil-qasam tal-ambjent u tat-trasport, u dan hu konformi mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li jintużaw il-fjuwils alternattivi fit-trasport. Fir-rigward tal-fondi u l-finanzjament possibbli, il-Bank Ewropew tal-Investiment hu msieħeb importanti biex jinbdew l-investimenti. Hu joffri assistenza teknika u jiffinanzja l-investimenti permezz tas-self EIP;

16. jenfasizza li t-tbassir tal-investimenti meħtieġa għandhom ikunu komprensivi u realistiċi, u l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-fondi differenti tal-UE u fi ħdan l-objettivi tematiċi għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu ċari u koerenti. L-istess japplika għar-rabtiet li għandhom jiġu maħsuba mal-istrateġiji futuri ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;

17. jitlob li fil-perjodu medju u fit-tul l-utenti jħallsu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar u t-teħid tal-fjuwil. Is-sussidji pubbliċi għandhom jintużaw biss biex tingħata l-ispinta tal-bidu;

***Standards komuni***

18. jaqbel li n-nuqqas ta' żvilupp armonizzat tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u l-mobbiltà fuq in-naħa tad-domanda. Sabiex jinkiser dan iċ-ċirku vizzjuż, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' netwerks infrastrutturali ġodda;

19. ifakkar li l-Kumitat diġà laqa' u appoġġja l-pjan ta' azzjoni ppreżentat fil-"White Paper – Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ([8]). Din ipproponiet li jinħolqu standards adegwati għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-vetturi kollha li jaħdmu bi fjuwils nodfa, kif ukoll li jitfasslu linji gwida u standards għall-infrastruttura tal-punti ta' forniment fejn jimtlew il-vetturi li jirrispettaw l-ambjent;

20. jaqbel mal-Kummissjoni li għall-penetrazzjoni fis-suq, it-tkabbir ekonomiku u l-użu mifrux tal-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea hemm bżonn ta' standards tekniċi uniformi, u jiġbed l-attenzjoni li dawn is-soluzzjonijiet għandhom jinsabu minnufih, iżda bil-komprensjoni tal-bżonnijiet ekonomiċi ta' kull Stat Membru. Il-Kumitat jishaq li meta tistabbilixxi l-iskadenzi għall-bini tal-infrastruttura, il-Kummissjoni għandha tagħti aktar żmien għat-tfassil, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istandards komuni milli huwa previst fid-Direttiva;

([4]) COM(2013) 17 final.
([5]) CdR 101/2011 fin.
([6]) CdR 2182/2012 fin.
([7]) CdR 5/2012 fin.
([8]) COM(2011) 144 final.

21. jappella li l-istandards stabbiliti għall-infrastruttura jkunu bbażati fuq l-istandards tal-UE, li huma konformi għalkollox mal-istandards internazzjonali. B'hekk għandu jiġi evitat li l-istandards ikollhom jerġgħu jiġu riveduti. Il-Kumitat jemmen li d-dritt stabbilit fid-Direttiva li l-Kummissjoni tkun tista' tibdel ir-rekwiżiti tekniċi tal-punti tal-iċċarġjar u tal-punti ta' forniment permezz ta' atti ddelegati joħloq l-inċertezza għall-investituri, l-industrija u l-konsumaturi fir-rigward tal-finanzjament ta' investimenti fit-tul;

22. jinnota li l-istandards għall-infrastruttura għandhom ikunu adegwati mil-lat ekonomiku u kompatibbli mal-investimenti eżistenti u l-vetturi li diġà qegħdin fis-suq, filwaqt li jirrikonoxxi l-fatt li ekonomiji ta' skala fi Stati Membri żgħar, reġjuni u lokalitajiet jistgħu ma jirriżultawx fl-użu kosteffettiv ta' diversità ta' karburanti alternattivi;

23. jinnota li l-qafas ta' politika għandu jinkludi rekwiżiti relatati mal-informazzjoni kif ukoll miżuri politiċi u regolatorji għat-twettiq ta' studji xjentifiċi u għall-istabbiliment ta' għanijiet u dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, sabiex tinħoloq infrastruttura uniformi fuq livell internazzjonali u jiġi garantit il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija;

24. jappoġġja li l-istrateġija tinkludi l-possibbiltajiet kollha filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr ma tagħti preferenza lil fjuwil partikolari, u li għandu jkun hemm speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal dawn il-possibbiltajiet. Għalhekk ifakkar li hu importanti li jitfasslu u jintużaw kriterji effettivi għas-sostenibbiltà tal-bijofjuwils. Barra minn hekk, għandha tiġi garantita d-disponibbiltà kummerċjali tal-bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni sabiex ma jinkisirx il-bilanċ naturali tal-ambjent, il-provvisti tal-ikel, l-ekonomija tas-suq jew il-bilanċ soċjali, kif diġà saħaq il-KtR fl-istqarrijiet u l-opinjonijiet preċedenti tiegħu ([9]);

25. huwa tal-fehma li r-rekwiżiti għat-tbaħħir għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-IMO;

***L-involviment tas-settur privat***

26. jenfasizza li hemm bżonn urġenti li s-settur privat ikun involut fil-finanzjament tal-infrastruttura, peress li l-intrapriżi huma fost il-benefiċjarji ewlenin potenzjali ta' din il-Proposta għal Direttiva: huma qed jiġu offruti l-possibbiltà li jimmanifatturaw u jbigħu prodotti ġodda, u b'hekk huma joħolqu u jużaw infrastruttura ġdida għall-fjuwils alternattivi;

27. jinnota li fl-implimentazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni wieħed għandu jevita kemm jista' jkun li jikkomprometti s-suq ħieles u l-kompetizzjoni. Għandhom jinħolqu inċentivi għall-intrapriżi tas-settur privat, u għandhom jitneħħew il-preokkupazzjonijiet u r-riskji li jeżistu bħalissa;

([9]) CdR 160/2008 fin.

28. sabiex jingħelbu l-ostakli u jitnaqqsu l-ispejjeż, jirrakkomanda li jsiru ftehimiet bejn korpi pubbliċi u operaturi lokali tal-istazzjonijiet tas-servizzi bil-għan li jiżdied l-użu tal-fjuwils alternattivi, b'mod li jużaw l-infrastruttura tad-distribuzzjoni li teżisti diġà, bħal dik li toffri diversi tipi ta' enerġija, u b'hekk jiġi evitat l-irduppjar tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni;

***Riżultati li jistgħu jitkejlu***

29. jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni li tirregola d-deċiżjonijiet politiċi nazzjonali, iżda peress li l-għan ewlieni ta' din il-Proposta għal Direttiva hu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u d-dipendenza miż-żejt, fil-pakketti ta' miżuri politiċi nazzjonali l-Istati Membri m'għandhomx jinkludu biss indikaturi b'rabta mal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi iżda wkoll ir-riżultati mistennija, kemm rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet kif ukoll rigward it-tnaqqis tad-dipendenza miż-żejt u l-introduzzjoni ta' fjuwils alternattivi. Dawn ir-riżultati għandhom jiġu ppreżentati fil-livell tal-unitajiet territorjali lokali u reġjonali korrispondenti sabiex jiġu vvalutati l-asimmetriji interni li jista' jkun hemm f'kull Stat Membru;

30. jaħseb li t-tkejjil tar-riżultati għandu jsir fuq il-bażi ta' indikaturi komparabbli u juri l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija (ċiklu tal-ħajja jew tul ta' ħajja tal-fjuwil) b'mod kemm jista' jkun wiesa' – u mhux biss b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju;

***It-tniġġis mill-produzzjoni tal-fjuwils***

31. jappella lill-Kummissjoni biex fil-Proposta għal Direttiva tenfasizza li biex jinkiseb l-għan komuni ewlieni, jiġifieri li jitnaqqsu l-gassijiet b'effett ta' serra, għandu jiġi identifikat liema sorsi tal-enerġija l-aħjar jintużaw. Dan għandu jevita li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport jitħallas biż-żieda fil-gassijiet b'effett ta' serra b'riżultat tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jew xi tip ieħor ta' tniġġis ambjentali;

32. jappoġġja r-rispett tal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għalkemm l-istrateġija għandha tindirizza l-fjuwils alternattivi kollha, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-rispett tal-ambjent (enerġija rinnovabbli), l-indipendenza (politika) ekonomika, is-sigurtà tal-provvista u l-aspetti soċjali għandhom jitqiesu wkoll bħala fatturi essenzjali;

***Iż-żoni rurali u ż-żoni b'popolazzjoni baxxa***

33. jenfasizza li t-tranżizzjoni minn fjuwils ibbażati fuq iż-żejt lejn fjuwils alternattivi hi importanti wkoll għaż-żoni rurali, fejn tista' tkun saħansitra aktar importanti minħabba l-popolazzjoni baxxa tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll iż-żoni rurali meta jippjanaw il-politika nazzjonali tagħhom u għandhom ifasslu strateġiji li jipprovdu l-infrastruttura neċessarja biex it-tranżizzjoni lejn l-użu tal-fjuwils

alternattivi tirnexxi u biex jintużaw ir-riżorsi lokali li jistgħu jipprovdu dawn il-fjuwils. Il-problemi li jinqalgħu fiż-żoni rurali jistgħu jiffaċċjawhom ukoll iż-żoni b'popolazzjoni baxxa, u għalhekk dawn għandhom jingħataw attenzjoni speċjali;

*It-trasport urban*

34. jisħaq li t-tranżizzjoni lejn politika tat-trasport aktar sostenibbli hi aspett importanti immens rigward it-trasport urban ([10]), kif diġà enfasizza l-Kumitat f'opinjonijiet preċedenti tiegħu;

35. jiġbed l-attenzjoni li fil-bliet u l-agglomerazzjonijiet urbani, l-użu tal-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi m'għandux ikun ta' detriment għat-trasport pubbliku. L-għan m'għandux ikun li jinħoloq iktar traffiku individwali iżda li jiġu żviluppati iktar faċilitajiet li jħeġġu t-tranżizzjoni lejn mezzi ekoloġiċi ta' trasort b'mod partikolari li jikkumplementaw it-trasport pubbliku.

36. jissuġġerixxi li l-KtR jista' jżid u jappoġġja d-dibattiti u l-iskambju tal-esperjenzi dwar l-użu tal-fjuwils alternattivi fit-trasport urban, sabiex il-bliet ikunu aktar nodfa u ekoloġiċi;

37. ifakkar li l-Kumitat diġà tkellem favur it-tfassil ta' pjani għall-mobbiltà urbana, li fil-futur jistgħu jiġu appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) ([11]);

38. jiġbed l-attenzjoni li Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi hija opportunità kbira sabiex jingħataw spinta kemm iċ-ċikliżmu kif ukoll it-trasport pubbliku lokali. L-istrateġiji dwar il-mobbiltà elettrika għandhom jinvolvu espliċitament iċ-ċikliżmu u t-trasport pubbliku.

39. huwa konvint li l-vetturi ibridi u fuq kollox il-karozzi elettriċi għandhom l-akbar potenzjal immedjat biex jintużaw fil-bliet, mingħajr ma jintesew il-vetturi li jaħdmu b'sistemi bbażati fuq it-teknoloġija tal-idroġenu. Għaldaqstant, il-bliet għandu jkollhom id-dritt li jirregolaw l-użu tagħhom permezz tal-miżuri u l-inċentivi tagħhom stess (mewġa ekoloġika, id-dritt li jużaw karreġġati riservati għat-trasport pubbliku, skontijiet fuq il-ħlas tal-parkeġġ, eċċ.). F'dan il-kuntest il-bliet għandhom jiskambjaw il-prattiki li ħallew il-frott, bil-għan li tinkiseb kwalità tal-ħajja aħjar fil-bliet u b'hekk il-konsumaturi jiġu mħeġġa jużaw aktar il-vetturi li jaħdmu b'sorsi tal-enerġija alternattivi;

([10]) CdR 650/2012 fin.

([11]) CdR 5/2012 fin.

40. jistenna li użu akbar ta' vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi se jwassal ukoll għal produzzjoni ikbar ta' dawn il-karozzi u l-ħolqien tal-impjiegi f'dan is-settur; jirriferi f'dan il-kuntest għall-Opinjoni tiegħu dwar "Cars 2020";

41. jilqa' l-iżvilupp kontinwu tat-tekonoloġiji u s-sistemi tat-trasport intelliġenti (STI) fil-livell Ewropew u l-użu tagħhom fil-livell lokali, sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji bejn is-sistemi differenti fl-UE kollha, biex jiġu evitati n-nuqqasijiet u biex jiġi żgurat li s-sistema tkopri t-territorju kollu, anke b'rabta mal-użu tal-fjuwils alternattivi;

*Il-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi*

42. jinnota li huwa mistenni li meta jibdew jintużaw il-fjuwils alternattivi fl-UE jkun hemm ukoll bidla fl-imġiba tal-konsumaturi fis-sens li dawn jiġu mħeġġa jużaw vetturi li jaħdmu bil-fjuwils alternattivi. F'dan ir-rigward jinħtieġu kampanji ta' sensibilizzazzjoni sabiex jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-bidliet u l-konsegwenzi potenzjali;

43. huwa tal-fehma li l-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi hi ta' importanza kbira għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jistgħu jinfluwenzaw il-preferenzi u l-għażliet tal-konsumaturi billi jipprovdu konċessjonijiet addizzjonali għal dawk li għandhom jistabbilixxu l-Istati (għall-benefiċċju tal-konsumaturi) talli jagħżlu forom ta' trasport sostenibbli. Il-konsumatur irid ikun jista' jara b'għajnejh il-vantaġġi li joffrulu dawn il-bidliet;

*Magni b'konsum baxx*

44. jinnota li xi studji ([12]) jindikaw li l-użu ta' magni b'konsum baxx flimkien ma' magni ibridi jista' jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-isforzi kbar u ambizzjużi tal-Kummissjoni biex issir bidla u biex tippromovi l-użu ta' tipi ġodda ta' fjuwils. Però wieħed għandu jqis li l-magni msemmija jistgħu jintużaw matul perjodu ta' tranżizzjoni;

45. jaqbel li t-titjib kontinwu tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-vetturi flimkien mal-fjuwils alternattivi għandhom jaqdu rwol kruċjali biex jiggarantixxu l-vijabbiltà ekonomika tal-qasam ta' politika tal-fjuwils alternattivi b'mod globali u biex jevitaw l-emissjonijiet tas-$CO_2$;

([12]) L-Istitut Pollakk tar-Riċerka Strutturali f'Varsavja ppreżenta l-istudji tiegħu dwar dan is-suġġett f'Jannar 2013.

*L-appoġġ tal-produtturi/konsumaturi għall-użu tal-fjuwils alternattivi*

46. jenfasizza li fin-nuqqas ta' soluzzjoni aċċettata b'mod ġenerali, għandu jkun hemm modi differenti għall-iżvilupp tal-użu tal-fjuwils alternattivi. Pereżempju, l-involviment tal-konsumaturi fin-netwerks tal-enerġija (produtturi tal-enerġija, ħżin u konsumaturi) jista' jkun ta' għajnuna (legali) biex jiġi sodisfatt il-bżonn dejjem jikber għall-enerġija minn naħa, u biex tiġi ġestita t-tranżizzjoni mis-sorsi tal-enerġija bbażati fuq il-karbonju lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

*Ix-xjenza u r-riċerka*

47. ifaħħar il-fatt li qabel fasslet l-att leġislattiv il-Kummissjoni kkooperat mill-qrib mal-intrapriżi, l-awtoritajiet u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u li l-UE ilha żmien twil tinvesti fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-fjuwils alternattivi. Fil-fehma tal-Kumitat, però, il-konsultazzjonijiet għandhom jissoktaw, u għandhom ikomplu wkoll isiru investimenti fir-riċerka għaliex ħafna kwistjonijiet jiġu solvuti b'mod aktar ċar, aħjar u aktar malajr meta l-għanijiet stabbiliti jkunu jridu jintlaħqu;

48. jenfasizza li f'opinjoni preċedenti tiegħu dwar l-enerġija rinnovabbli [13] hu diġà qal li l-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp huma importanti immens biex jaċċelleraw l-innovazzjonijiet u l-iżvilupp teknoloġiku. L-iżvilupp ta' materjali ġodda għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija hu ta' importanza kbira wkoll b'rabta mat-trasport u l-enerġija nadifa;

*Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità*

49. jaqbel li t-teknoloġiji ġodda, li huma wkoll teknoloġiji għal trasport nadif, jirrikjedu ħafna kapital. Għalhekk, l-attivitajiet fil-livell tal-UE għandhom jimmiraw għall-iżvilupp tal-infrastruttura minima u l-prevenzjoni tal-frammentazzjoni tas-suq. Għaldaqstant, il-proposta tal-Kummissjoni għal pakkett dwar l-enerġija nadifa li jinkludi speċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti infrastrutturali minimi komuni għall-UE kollha sabiex jiżguraw l-ekonomija ċirkolari għall-fjuwils alternattivi fl-UE kollha hi konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

50. jenfasizza li r-rekwiżiti għall-bini tal-infrastruttura (numru ta' punti tal-iċċarġjar u punti ta' forniment) b'rabta mal-infrastruttura urbana u periurbana għandhom jiġu sostituti b'rekwiżiti li jistabbilixxu l-Istati Membri stess bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li bħalissa la jidher li hemm direzzjoni ċara għall-iżvilupp tal-fjuwils alternattivi, la saret bidla fl-imġiba tal-konsumaturi u lanqas ma hemm possibbiltajiet ta' finanzjament għall-iżvilupp tal-infrastruttura;

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

### Emenda 1

Premessa 10

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta' mobbiltà mal-UE kollha fuq in-naħa tad-domanda. Jeħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, partikularment għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG). | In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta' mobbiltà mal-UE kollha fuq in-naħa tad-domanda. Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, l-impatt ambjentali u l-ispejjeż, j~~J~~eħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, partikularment għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG). |

*Raġuni*

Il-miżuri msemmijin fl-abbozz jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tas-sustanzi li jniġġsu li jikkawża t-trasport, ħaġa li hi sfida serja u problema reali għall-UE b'mod ġenerali. Fl-istess ħin, għadd ta' teknoloġiji bbażati fuq il-fjuwils alternattivi għadhom qed jiġu żviluppati jew kważi lesti, u għalhekk huma għaljin ħafna.

[13] CdR 2182/2012 fin.

**Emenda 2**

Artikolu 3(1)

**Oqfsa ta' politika nazzjonali**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jadotta qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom, li jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness I, u mill-inqas l-elementi li ġejjin:<br>— valutazzjoni tal-qagħda attwali u tal-iżvilupp futur tal-fjuwils alternattivi;<br>— valutazzjoni tal-kontinwità transfruntiera tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;<br>— il-qafas regolatorju biex jappoġġja l-bini tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;<br>— miżuri ta' politika biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali;<br>— miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni u għall-manifattura;<br>— appoġġ għar-riċerka, għall-iżvilupp teknoloġiku u għad-demostrazzjoni;<br>— miri għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi;<br>— l-għadd ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi mistenni sal-2020;<br>— valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T, li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operati ta' trasport, b'mod partikulari l-bastimenti tas-sajd;<br>— fejn xieraq, arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra skont it-tieni paragrafu. | Kull Stat Membru għandu jadotta qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom, li jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness I, u mill-inqas l-elementi li ġejjin:<br>— valutazzjoni tal-qagħda attwali u tal-iżvilupp futur tal-fjuwils alternattivi;<br>— valutazzjoni tal-kontinwità transfruntiera tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;<br>— il-qafas regolatorju biex jappoġġja l-bini tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;<br>— miżuri ta' politika biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali;<br>— ~~miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni u għall-manifattura;~~<br>— ~~appoġġ għar-riċerka, għall-iżvilupp teknoloġiku u għad-demostrazzjoni;~~<br>— miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni u għall-manifattura;<br>— appoġġ għar-riċerka, għall-iżvilupp teknoloġiku u għad-demostrazzjoni;<br>— miri għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi;<br>— l-għadd ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi mistenni sal-2020;<br>— valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T, li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operati ta' trasport, b'mod partikulari l-bastimenti tas-sajd;<br>— fejn xieraq, arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra skont it-tieni paragrafu;<br>— ir-riżultati mistennija rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet u d-dipendenza miż-żejt, u l-impatt tal-użu tal-fjuwils alternattivi. |

***Raġuni***

***Inċiż miżjud:*** *it-tkejjil tar-riżultati għandu jsir fuq il-bażi ta' indikaturi komparabbli u juri l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija (ċiklu tal-ħajja jew tul ta' ħajja tal-fjuwil) b'mod kemm jista' jkun wiesa' – u mhux biss b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-*$CO_2$.

**Emenda 3**

Artikolu 3(5)

**Oqfsa ta' politika nazzjonali**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-oqfsa tal-politika nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni [sa mhux aktar tard minn 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-oqfsa tal-politika nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni [sa mhux aktar tard minn ~~18-il~~ 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

*Raġuni*

Dan jikkonċerna l-ippjanar tal-investimenti fit-tul li għalihom irid jinsab mekkaniżmu ta' finanzjament sostenibbli, u għalhekk fil-livell nazzjonali għandha ssir analiżi fil-fond li tinkludi l-partijiet interessati u l-ftehimiet amministrattivi.

**Emenda 4**

Artikolu 3(7)

**Oqfsa ta' politika nazzjonali**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 sabiex timmodifika l-lista ta' elementi pprovduta fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I. | Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 ~~sabiex timmodifika l-lista ta'~~ dwar l-elementi pprovduta fil-paragrafu 1 ~~u l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I~~. |

*Raġuni*

Id-Direttiva tistabbilixxi d-dritt li l-Kummissjoni tkun tista' tibdel ir-rekwiżiti tekniċi, inklużi l-istandards għall-punti tal-iċċarġjar u l-punti ta' forniment, f'atti ddelegati. Dan imur kontra l-prinċipju bażiku tad-Direttiva, jiġifieri li tinħoloq ċertezza fit-tul għal dawk li jinvestu fl-infrastruttura kif ukoll għall-industrija u l-konsumaturi. B'dan il-mod il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri jitilfu l-kontroll fuq l-istandards komuni u b'hekk tintilef ukoll iċ-ċertezza tal-investimenti.

**Emenda 5**

Artikolu 4(1)

**Provvista tal-elettriku għat-trasport**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu installati għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, tal-anqas in-numru mogħti fit-tabella fl-Anness II, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu installati għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, ~~tal-anqas in-numru mogħti fit-tabella fl-Anness II~~, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, liema għadd għandu jiġi stabbilit fil-livell nazzjonali fid-dawl tal-kundizzjonijiet taż-żoni differenti tal-Istati Membri. |

*Raġuni*

Minflok ma jiġi stabbilit għadd obbligatorju ta' punti tal-iċċarġjar u ta' forniment fid-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu huma stess l-għanijiet rilevanti fl-oqfsa ta' politika tagħhom. B'dan il-mod ikunu jistgħu jitqiesu wkoll l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, pereżempju l-possibbiltajiet ta' finanzjament, l-iżvilupp teknoloġiku u l-preferenzi tal-konsumaturi.

**Emenda 6**

Artikolu 4(6)

**Provvista tal-elettriku għat-trasport**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-punti tal-iċċarġjar kollha ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' miters intelliġenti kif inhu ddefinit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva | ~~Il-punti tal-iċċarġjar kollha ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' miters intelliġenti kif inhu ddefinit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva~~ Il-punti tal-iċċarġjar kollha ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu ppreparti biex jinkludu sistemi ta' arloġġi intelliġenti, kif definit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva. |

**Emenda 7**

Artikolu 11(1)

**Traspożizzjoni**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa [~~18-il~~ 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih. |

***Raġuni***

Brussell, 4 ta' Lulju 2013.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT